**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**A9-0135/2022**

28.4.2022

# ***I
# RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sussidji barranin li joħolqu distorsjoni fis-suq intern
(COM(2021)0223 – C9-0167/2021 – 2021/0114(COD))

Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

Rapporteur: Christophe Hansen

Rapporteurs għal opinjoni (*):
Stéphanie Yon-Courtin, Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji
Christian Doleschal, Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

(*) Kumitat assoċjat – Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

## *Emendi għal abbozz ta' att*

**Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

**Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit.
Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW...........5

NOTA SPJEGATTIVA ....................................................................................................51

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET EKONOMIĊI U MONETARJI...........54

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SUQ INTERN U L-ĦARSIEN TAL-KONSUMATUR ....................................................................................................................................88

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET LEGALI.............................................123

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI ...........................................................149

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI......150

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sussidji barranin li joħolqu distorsjoni fis-suq intern**
**(COM(2021)0223 – C9-0167/2021 – 2021/0114(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2021)0223),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 207 u 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0167/2021),

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-20 ta' Ottubru 2021[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, tal-Kumitat dwar is-Suq Intern u l-Protezzjoni tal-Konsumaturi u tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali;

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A9-0135/2022),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Fl-istess ħin, l-impriżi jistgħu jirċievu sussidji minn pajjiżi terzi***, li jipprovdu fondi pubbliċi*** li mbagħad | (2) Fl-istess ħin, l-impriżi jistgħu jirċievu sussidji minn pajjiżi terzi li mbagħad jintużaw, pereżempju, biex |

[1] ĠU C […], […], p. […].

| | |
|---|---|
| jintużaw, pereżempju, biex jiffinanzjaw attivitajiet ekonomiċi fis-suq intern fi kwalunkwe settur tal-ekonomija, bħal pereżempju l-parteċipazzjoni f'offerti tal-akkwist pubbliku, jew akkwiżizzjonijiet ta' impriżi, inklużi dawk b'assi strateġiċi bħall-infrastruttura kritika u t-teknoloġiji innovattivi. Dawn is-sussidji bħalissa mhumiex soġġetti għar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat. | jiffinanzjaw attivitajiet ekonomiċi fis-suq intern fi kwalunkwe settur tal-ekonomija, bħal pereżempju l-parteċipazzjoni f'offerti tal-akkwist pubbliku, jew akkwiżizzjonijiet ta' impriżi, inklużi dawk b'assi strateġiċi bħall-infrastruttura kritika u t-teknoloġiji innovattivi. Dawn is-sussidji bħalissa mhumiex soġġetti għar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat. ***Tħassib simili japplika fir-rigward tal-intrapriżi statali.*** |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2a) Għalkemm dan ir-Regolament jenħtieġ li jkopri s-setturi ekonomiċi kollha, jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħti attenzjoni partikolari lis-setturi li huma ta' interess strateġiku għall-Unjoni u għall-infrastrutturi kritiċi, bħal dawk imsemmija fl-Artikolu 4(1), punt (a) tar-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun koerenti u kkoordinat mal-istrumenti eżistenti, bħar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004[1a], id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1b], ir-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1c] jew ir-Regolament (UE) 2022/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a]. Fl-applikazzjoni tagħha tal-istrumenti differenti, il-Kummissjoni*** |

***jenħtieġ li tagħti attenzjoni biex tiżgura kondiviżjoni effiċjenti tal-informazzjoni meħtieġa biex jiġi ssalvagwardjat approċċ komprensiv.***

__________________

***1a Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ir-Regolament KE dwar l-Għaqdiet) (ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1).***

***1b Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).***

***1c Ir-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi qafas għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni (ĠU L 791, 21.3.2019, p. 1).***

***1d Ir-Regolament (UE) 2022/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċess ta' operaturi ekonomiċi, prodotti u servizzi ta' pajjiżi terzi għas-suq tal-akkwist pubbliku tal-Unjoni u l-proċeduri li jappoġġaw in-negozjati marbuta mal-aċċess tal-operaturi ekonomiċi, il-prodotti u s-servizzi tal-Unjoni għas-swieq tal-akkwist pubbliku ta' pajjiżi terzi (Strument għal Akkwist Internazzjonali – IPI) (ĠU L ...).***

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli u proċeduri għall-investigazzjoni ta' sussidji barranin li realment jew potenzjalment joħolqu distorsjoni fis-suq intern u, fejn rilevanti, tali distorsjonijiet jiġu rimedjati. | (6) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli u proċeduri għall-investigazzjoni ta' sussidji barranin li realment jew potenzjalment joħolqu distorsjoni fis-suq intern u, fejn rilevanti, tali distorsjonijiet jiġu rimedjati. |

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| Is-sussidji barranin jistgħu joħolqu distorsjoni fis-suq intern jekk l-impriża li tibbenefika mis-sussidju barrani tkun involuta f'attività ekonomika fl-Unjoni. Għaldaqstant jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għall-impriżi kollha li jieħdu sehem f'attività ekonomika fl-Unjoni. Minħabba s-sinifikanza tal-attivitajiet ekonomiċi mwettqa mill-SMEs, u l-kontribut tagħhom għat-twettiq tal-għanijiet ta' politika ewlenin tal-Unjoni, qed tingħata attenzjoni speċjali għall-impatt li dan ir-Regolament se jkollu fuqhom. | Is-sussidji barranin jistgħu joħolqu distorsjoni fis-suq intern jekk l-impriża li tibbenefika mis-sussidju barrani tkun involuta f'attività ekonomika fl-Unjoni. ***L-applikazzjoni u l-infurzar xierqa ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxu għar-reżiljenza tas-suq intern kontra d-distorsjonijiet ikkawżati minn sussidji barranin u b'hekk isaħħu l-awtonomija strateġika miftuħa tal-Unjoni.*** Għaldaqstant jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għall-impriżi kollha li jieħdu sehem f'attività ekonomika fl-Unjoni. Minħabba s-sinifikanza tal-attivitajiet ekonomiċi mwettqa mill-SMEs, u l-kontribut tagħhom għat-twettiq tal-għanijiet ta' politika ewlenin tal-Unjoni, qed tingħata attenzjoni speċjali għall-impatt li dan ir-Regolament se jkollu fuqhom. |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7a) Minħabba li l-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri huma parti integrali mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet tagħhom jikkooperaw u jikkoordinaw b'mod effettiv mal-Kummissjoni fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tistabbilixxi kooperazzjoni strutturata biex tikkondividi l-informazzjoni u tikkoordina.*** |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) ***Irid ikun*** hemm kontribuzzjoni finanzjarja diretta jew indiretta li tingħata ***mill-awtoritajiet pubbliċi ta'*** pajjiż terz. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tista' tingħata permezz ta' entitajiet pubbliċi jew privati. Jekk entità pubblika hix tipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja jenħtieġ li jiġi ddeterminat fuq bażi ta' każ b'każ b'kunsiderazzjoni xierqa għal elementi bħall-karatteristiċi tal-entità rilevanti u l-ambjent legali u ekonomiku li jkun jipprevali fil-pajjiż li fih l-entità topera, inkluż ir-rwol tal-gvern fl-ekonomija. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji jistgħu jingħataw ukoll permezz ta' entità privata jekk l-azzjonijiet tagħha jistgħu jiġu attribwiti lill-pajjiż terz. | (9) ***Jenħtieġ li jkun*** hemm kontribuzzjoni finanzjarja diretta jew indiretta li tingħata ***minn*** pajjiż terz. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tista' tingħata permezz ta' entitajiet pubbliċi jew privati. Jekk entità pubblika hix tipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja jenħtieġ li jiġi ddeterminat fuq bażi ta' każ b'każ b'kunsiderazzjoni xierqa għal elementi bħall-karatteristiċi tal-entità rilevanti u l-ambjent legali u ekonomiku li jkun jipprevali fil-pajjiż ***terz*** li fih l-entità topera, inkluż ir-rwol tal-gvern fl-ekonomija ***ta' dak il-pajjiż terz***. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji jistgħu jingħataw ukoll permezz ta' entità privata jekk l-azzjonijiet tagħha jistgħu jiġu attribwiti lill-pajjiż terz. ***Il-miżuri ta' appoġġ li huma ekonomikament ekwivalenti għal kontribuzzjoni finanzjarja jenħtieġ li jitqiesu wkoll bħala kontribuzzjoni finanzjarja. Tali kontribuzzjoni finanzjarja tista' tinkludi sitwazzjoni fejn il-benefiċjarju jkollu aċċess privileġġat għas-suq domestiku tiegħu, jiġifieri permezz ta' drittijiet esklużivi jew speċjali kif ukoll eċċezzjonijiet selettivi de jure jew de facto għal regoli applikabbli jew miżuri ekwivalenti, għall-provvista ta' prodotti jew servizzi fil-pajjiż terz mogħtija mil-liġi nazzjonali jew il-benefiċċju ta' suq kaptiv domestiku minħabba l-kundizzjonijiet legali u ekonomiċi prevalenti. Dan jista' jwassal għal vantaġġ kompetittiv artifiċjali li jista' jiġi sfruttat fis-suq intern u b'hekk jaggrava l-effett distorsiv ta' kwalunkwe sussidju.*** |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) ***Tali kontribuzzjoni*** finanzjarja ***trid tkun*** tagħti benefiċċju lil impriża involuta f'attività ekonomika fis-suq intern. Kontribuzzjoni finanzjarja li tibbenefika entità involuta f'attivitajiet mhux ekonomiċi ma tikkostitwix sussidju barrani. L-eżistenza ta' benefiċċju jenħtieġ li tiġi determinata abbażi ta' parametri referenzjarji komparattivi, bħall-prattika tal-investiment ta' investituri privati, rati għall-finanzjament li jista' jinkiseb fis-suq, trattament tat-taxxa kumparabbli, jew ir-remunerazzjoni adegwata għal prodott jew servizz partikolari. Jekk ma jkunx hemm disponibbli parametri referenzjarji direttament komparabbli, il-parametri referenzjarji eżistenti jistgħu jiġu aġġustati jew jistgħu jiġu stabbiliti parametri referenzjarji alternattivi abbażi ta' metodi ta' valutazzjoni ġeneralment aċċettati. | (10) ***Kontribuzzjoni*** finanzjarja ***jenħtieġ li*** tagħti benefiċċju lil impriża involuta f'attività ekonomika fis-suq intern. Kontribuzzjoni finanzjarja li tibbenefika entità involuta f'attivitajiet mhux ekonomiċi ma tikkostitwix sussidju barrani. L-eżistenza ta' benefiċċju jenħtieġ li tiġi determinata abbażi ta' parametri referenzjarji komparattivi, bħall-prattika tal-investiment ta' investituri privati, rati għall-finanzjament li jista' jinkiseb fis-suq, trattament tat-taxxa kumparabbli, jew ir-remunerazzjoni adegwata għal prodott jew servizz partikolari. Jekk ma jkunx hemm disponibbli parametri referenzjarji direttament komparabbli, il-parametri referenzjarji eżistenti jistgħu jiġu aġġustati jew jistgħu jiġu stabbiliti parametri referenzjarji alternattivi abbażi ta' metodi ta' valutazzjoni ġeneralment aċċettati. ***L-ipprezzar tat-trasferimenti jista' jagħti benefiċċju u jitqies bħala ekwivalenti għal kontribuzzjoni finanzjarja jekk ma jkunx konformi mal-kundizzjonijiet normali tas-suq.*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(11a) Sussidju barrani jitqies mogħti mill-mument li l-benefiċjarju jkollu intitolament li jirċievi s-sussidju. Il-ħlas attwali tas-sussidju mhuwiex kundizzjoni meħtieġa biex jingħata sussidju fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Meta tapplika dawn l-indikaturi, il-Kummissjoni tista' tqis elementi differenti, bħad-daqs tas-sussidju f'termini assoluti jew f'relazzjoni mad-daqs tas-suq jew mal-valur tal-investiment. Pereżempju, konċentrazzjoni li fil-kuntest tagħha sussidju barrani jkopri parti sostanzjali mill-prezz tax-xiri tal-entità fil-mira, aktarx li jkun distorsiv. Bl-istess mod, is-sussidji barranin li jkopru parti sostanzjali tal-valur stmat ta' kuntratt li għandu jingħata fi proċedura ta' akkwist pubbliku x'aktarx li jikkawżaw distorsjonijiet. Jekk jingħata sussidju barrani għall-ispejjeż operatorji, jidher li jkun aktar probabbli li joħloq distorsjonijiet milli jekk jingħata għal spejjeż ta' investiment. Sussidji barranin li jingħataw lil impriżi żgħar u medji jistgħu jitqiesu anqas probabbli li joħolqu distorsjonijiet minn sussidji barranin lil impriżi kbar. Barra minn hekk, il-karatteristiċi tas-suq, u b'mod partikolari l-kundizzjonijiet kompetittivi fis-suq, bħall-ostakli għad-dħul, iridu jittieħdu inkonsiderazzjoni. Is-sussidji barranin li jwasslu għal kapaċità żejda billi jsostnu assi mhux ekonomiċi jew billi jinkoraġġixxu l-investiment fl-espansjonijiet tal-kapaċità li kieku mod ieħor ma kinux jinbnew aktarx li jikkawżaw distorsjonijiet. Sussidju barrani lil benefiċjarju li juri livell baxx ta' attività fis-suq intern, imkejjel pereżempju f'termini tal-fatturat miksub fl-Unjoni, huwa inqas probabbli li jikkawża distorsjonijiet minn sussidju barrani lil benefiċjarju li għandu livell ta' attività aktar sinifikanti fis-suq intern. ***Finalment***, jenħtieġ li sussidji barranin li ma jaqbżux ***EUR 5*** miljun jitqiesu bħala mhux probabbli li joħolqu distorsjoni fis-suq intern skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament. | (14) Meta tapplika dawn l-indikaturi, il-Kummissjoni tista' tqis elementi differenti, bħad-daqs tas-sussidju f'termini assoluti jew f'relazzjoni mad-daqs tas-suq jew mal-valur tal-investiment. Pereżempju, konċentrazzjoni li fil-kuntest tagħha sussidju barrani jkopri parti sostanzjali mill-prezz tax-xiri tal-entità fil-mira, aktarx li jkun distorsiv. Bl-istess mod, is-sussidji barranin li jkopru parti sostanzjali tal-valur stmat ta' kuntratt li għandu jingħata fi proċedura ta' akkwist pubbliku x'aktarx li jikkawżaw distorsjonijiet. Jekk jingħata sussidju barrani għall-ispejjeż operatorji, jidher li jkun aktar probabbli li joħloq distorsjonijiet milli jekk jingħata għal spejjeż ta' investiment. Sussidji barranin li jingħataw lil impriżi żgħar u medji jistgħu jitqiesu anqas probabbli li joħolqu distorsjonijiet minn sussidji barranin lil impriżi kbar. Barra minn hekk, il-karatteristiċi tas-suq, u b'mod partikolari l-kundizzjonijiet kompetittivi fis-suq, bħall-ostakli għad-dħul, iridu jittieħdu inkonsiderazzjoni. Is-sussidji barranin li jwasslu għal kapaċità żejda billi jsostnu assi mhux ekonomiċi jew billi jinkoraġġixxu l-investiment fl-espansjonijiet tal-kapaċità li kieku mod ieħor ma kinux jinbnew ***jew jinxtraw*** aktarx li jikkawżaw distorsjonijiet. Sussidju barrani lil benefiċjarju li juri livell baxx ta' attività fis-suq intern, imkejjel pereżempju f'termini tal-fatturat miksub fl-Unjoni, huwa inqas probabbli li jikkawża distorsjonijiet minn sussidju barrani lil benefiċjarju li għandu livell ta' attività aktar sinifikanti fis-suq intern. ***L-evoluzzjoni tal-attività ekonomika tista' titqies ukoll biex il-Kummissjoni tkun tista' tieħu azzjoni meta l-livell ta' attività ta' impriża jkun żgħir, iżda jkun mistenni li jikber b'mod qawwi. Jenħtieġ li l-*** |

***Kummissjoni tkun tista' tikkunsidra fil-valutazzjoni tagħha ta' distorsjoni jekk pajjiż terz għandux sistema effettiva għall-kontroll ta' sussidji fis-seħħ li tkun mill-inqas ekwivalenti għas-sistema fl-Unjoni u li tagħmel is-sussidji mogħtija minn tali pajjiż terz inqas probabbli li joħolqu distorsjoni tas-suq intern skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li għalhekk il-Kummissjoni tinkoraġġixxi lill-pajjiżi terzi biex jiżviluppaw tali sistemi ta' kontroll tas-sussidji, inkluż billi tikkonkludi u tinforza ftehimiet bilaterali li jinkludu dispożizzjonijiet sostantivi ta' kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u billi tħeġġeġ lill-pajjiżi terzi jikkonformaw mal-obbligi ta' sussidju internazzjonali u jallinjaw mal-Unjoni dwar inizjattivi fir-rigward tat-titjib tar-regoli internazzjonali dwar is-sussidji u n-newtralità kompetittiva, b'mod partikolari fi ħdan id-WTO.*** Jenħtieġ li sussidji barranin li ma jaqbżux ***l-EUR 4*** miljun jitqiesu bħala mhux probabbli li joħolqu distorsjoni fis-suq intern skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament. ***Jenħtieġ li l-Kummissjoni tabbozza u tippubblika linji gwida b'aktar dettalji għall-valutazzjoni tan-natura distorsiva ta' sussidju sabiex tipprovdi ċertezza legali għall-parteċipanti kollha fis-suq. Il-linji gwida jenħtieġ li jipprovdu wkoll eżempji u każijiet tipiċi ta' sussidji distorsivi u mhux distorsivi.***

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis l-effetti pożittivi tas-sussidju barrani fuq l-iżvilupp tal-attività ekonomika sussidjata ***relevanti***. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżen dawn l-effetti pożittivi kontra l-effetti | (16) Jenħtieġ li l-Kummissjoni ***tkun tista'*** tqis l-effetti pożittivi tas-sussidju barrani fuq l-iżvilupp tal-attività ekonomika sussidjata ***rilevanti fuq is-suq intern u l-kontribut tiegħu għall-kisba tal-*** |

| | |
|---|---|
| negattivi ta' sussidju barrani f'termini ta' distorsjoni fis-suq intern sabiex tiddetermina, jekk applikabbli, il-miżura ta' rimedju xierqa jew taċċetta l-impenji. Dan l-eżerċizzju ta' bbilanċjar jista' wkoll iwassal għall-konklużjoni li ma għandha tiġi imposta l-ebda miżura ta' rimedju. Il-kategoriji ta' sussidji barranin li jitqiesu l-aktar probabbli li joħolqu distorsjoni fis-suq intern huma inqas probabbli li jkollhom aktar effetti pożittivi milli negattivi. | ***objettivi tal-ordni pubbliku, inklużi l-objettivi soċjali u ambjentali***. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżen dawn l-effetti pożittivi kontra l-effetti negattivi ta' sussidju barrani f'termini ta' distorsjoni fis-suq intern sabiex tiddetermina, jekk applikabbli, il-miżura ta' rimedju xierqa jew taċċetta l-impenji. ***Jenħtieġ li dan l-eżerċizzju ta' bbilanċjar iqis l-effetti kemm fuq terminu qasir kif ukoll fit-tul u jsegwi l-objettiv ġenerali li jiġu indirizzati d-distorsjonijiet maħluqa mis-sussidji barranin. Fl-analiżi tagħha, il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis il-prinċipji ġenerali applikati meta tiġi vvalutata l-kompatibbiltà tal-għajnuna mill-Istat mas-suq uniku.*** Dan l-eżerċizzju ta' bbilanċjar jista' wkoll iwassal għall-konklużjoni li ma għandha tiġi imposta l-ebda miżura ta' rimedju. Il-kategoriji ta' sussidji barranin li jitqiesu l-aktar probabbli li joħolqu distorsjoni fis-suq intern huma inqas probabbli li jkollhom aktar effetti pożittivi milli negattivi. ***Jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis ukoll l-effetti pożittivi tas-sussidji mogħtija biex jirrimedjaw taqlib serju nazzjonali jew globali tal-ekonomija, bħal dawk ikkawżati minn kriżijiet tas-saħħa globali. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżviluppa linji gwida dwar l-applikazzjoni tat-test tal-ibbilanċjar, inkluż dwar il-kriterji li għandhom jintużaw.*** |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 20a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(20a) L-impriża li tkun qed tiġi investigata tista' toffri li tinnotifika lill-Kummissjoni, jew il-Kummissjoni tista' tirrikjedi lill-impriżi kkonċernati li jinnotifikawha dwar il-parteċipazzjoni tagħhom fi proċeduri futuri ta' akkwist pubbliku fl-Unjoni għal perjodu ta' żmien xieraq. Is-sottomissjoni ta' tali notifika,*** |

***jew ir-rispons jew in-nuqqas ta' rispons mill-Kummissjoni ma jistgħux jagħtu lok għal aspettattivi leġittimi min-naħa tal-impriża li l-Kummissjoni ma tistax tibda aktar tard investigazzjoni ta' sussidji barranin eventwali lill-impriża li tkun qed tipparteċipa fil-proċedura ta' akkwist pubbliku.***

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) Jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa li, fuq inizjattiva tagħha stess, teżamina kwalunkwe informazzjoni dwar sussidji barranin. Għal dan il-għan, huwa meħtieġ li tiġi stabbilita proċedura li tikkonsisti f'żewġ stadji, jiġifieri rieżami preliminari u investigazzjoni fil-fond. | (21) Jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa li, fuq inizjattiva tagħha stess, teżamina kwalunkwe informazzjoni dwar sussidji barranin. Għal dan il-għan, huwa meħtieġ li tiġi stabbilita proċedura li tikkonsisti f'żewġ stadji, jiġifieri rieżami preliminari u investigazzjoni fil-fond. ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li tippubblika gwida dwar il-kriterji biex tinfetaħ proċedura bħal din. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' taġixxi fuq informazzjoni li tirċievi minn kwalunkwe sors rilevanti, inklużi l-Istati Membri u l-impriżi jew is-sħab soċjali madwar l-UE. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tistabbilixxi punt ta' kuntatt għal dak il-għan.*** |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 22**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (22) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat investigattivi ***adegwati*** biex tiġbor l-informazzjoni kollha meħtieġa. Għaldaqstant jenħtieġ li jkollha s-setgħa li titlob informazzjoni minn kwalunkwe impriża jew assoċjazzjoni ta' impriżi matul | (22) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat investigattivi ***u riżorsi xierqa*** biex tiġbor l-informazzjoni kollha meħtieġa. Għaldaqstant jenħtieġ li jkollha s-setgħa li titlob informazzjoni minn kwalunkwe impriża jew assoċjazzjoni ta' impriżi matul |

il-proċedura kollha kemm hi. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li timponi multi u ħlasijiet perjodiċi ta' penali għal nuqqas ta' forniment f'waqtu tal-informazzjoni mitluba jew għall-għoti ta' informazzjoni mhux kompluta, skorretta jew qarrieqa. Il-Kummissjoni tista' wkoll tindirizza mistoqsijiet lill-Istati Membri jew lil pajjiżi terzi. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tagħmel żjarat għall-ġbir ta' informazzjoni fil-bini tal-Unjoni tal-impriża, jew, soġġett għal qbil ***mill-impriża u*** mill-pajjiż terz ikkonċernat, fil-bini tal-impriża fil-pajjiż terz. Il-Kummissjoni ***għandu*** jkollha wkoll is-setgħa li tieħu deċiżjonijiet abbażi tal-fatti disponibbli jekk l-impriża inkwistjoni ma tikkooperax.

il-proċedura kollha kemm hi. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li timponi multi u ħlasijiet perjodiċi ta' penali għal nuqqas ta' forniment f'waqtu tal-informazzjoni mitluba jew għall-għoti ta' informazzjoni mhux kompluta, skorretta jew qarrieqa. ***Sabiex jissaħħaħ il-karattru dissważiv ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jkun hemm il-possibbiltà li jiġu applikati miżuri ta' rimedju, impenji, multi u pagamenti perjodiċi ta' penali fl-istess ħin jekk ikun meħtieġ.*** Il-Kummissjoni tista' wkoll tindirizza mistoqsijiet lill-Istati Membri jew lil pajjiżi terzi. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tagħmel żjarat għall-ġbir ta' informazzjoni fil-bini tal-Unjoni tal-impriża, jew, soġġett għal qbil mill-pajjiż terz ikkonċernat, fil-bini tal-impriża fil-pajjiż terz. Il-Kummissjoni ***jenħtieġ li*** jkollha wkoll is-setgħa li tieħu deċiżjonijiet abbażi tal-fatti disponibbli jekk l-impriża inkwistjoni ma tikkooperax.

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (26) Jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha l-istrumenti xierqa biex tiżgura l-effettività tal-impenji u l-miżuri ta' rimedju. Jekk l-impriża kkonċernata ma tikkonformax ma' deċiżjoni b'impenji, deċiżjoni li timponi miżuri ta' rimedju, jew deċiżjoni li tordna miżuri interim, jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa li timponi multi u ħlasijiet perjodiċi ta' penali. | (26) Jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha l-istrumenti xierqa biex tiżgura l-effettività tal-impenji u l-miżuri ta' rimedju. Jekk l-impriża kkonċernata ma tikkonformax ma' deċiżjoni b'impenji, deċiżjoni li timponi miżuri ta' rimedju, jew deċiżjoni li tordna miżuri interim, jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa li timponi multi u ħlasijiet perjodiċi ta' penali ***ta' natura dissważiva biżżejjed. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis każijiet ta' nuqqas ta' konformità ripetut meta timponi tali multi u ħlasijiet perjodiċi ta' penali. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrieżamina l-effettività tal-miżuri.*** |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 31**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (31) Taħt il-livelli limitu ta' notifika, il-Kummissjoni ***tista'*** tirrikjedi n-notifika ta' konċentrazzjonijiet potenzjalment sussidjati li kienu għadhom ma ġewx implimentati jew in-notifika ta' offerti potenzjalment sussidjati qabel l-għoti ta' kuntratt pubbliku, jekk tqis li l-konċentrazzjoni jew l-offerta ***tkun timmerita*** rieżami ex ante minħabba l-impatt tagħha fl-Unjoni. Il-Kummissjoni ***għandu*** jkollha wkoll il-possibbiltà li twettaq rieżami fuq inizjattiva tagħha stess ta' konċentrazzjonijiet diġà implimentati jew kuntratti pubbliċi li jkunu ngħataw. | (31) Taħt il-livelli limitu ta' notifika, il-Kummissjoni ***jenħtieġ li*** tirrikjedi n-notifika ta' konċentrazzjonijiet potenzjalment sussidjati li kienu għadhom ma ġewx implimentati jew in-notifika ta' offerti potenzjalment sussidjati qabel l-għoti ta' kuntratt pubbliku, jekk tqis li l-konċentrazzjoni jew l-offerta ***jkun ħaqqa*** rieżami ex ante minħabba l-impatt tagħha fl-Unjoni. Il-Kummissjoni ***jenħtieġ li*** jkollha wkoll il-possibbiltà li twettaq rieżami fuq inizjattiva tagħha stess ta' konċentrazzjonijiet diġà implimentati jew kuntratti pubbliċi li jkunu ngħataw. |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 32a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(32a) Fil-kuntest tal-mekkaniżmu ta' rieżami ex ante għall-konċentrazzjonijiet, jenħtieġ li l-impriżi kkonċernati jkunu jistgħu jitolbu konsultazzjonijiet ta' qabel in-notifika mal-Kummissjoni abbażi tal-bona fide, bl-għan esklużiv li jirċievu gwida dwar jekk ikunux intlaħqu jew le l-livelli limitu formali ta' notifika.*** |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 35**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (35) Jenħtieġ li jiġi żgurat li l-prinċipji li jirregolaw l-akkwist pubbliku, partikolarment il-proporzjonalità, in- | (35) Jenħtieġ li jiġi żgurat li l-prinċipji li jirregolaw l-akkwist pubbliku, partikolarment il-proporzjonalità, in- |

| | |
|---|---|
| nondiskriminazzjoni, it-trattament indaqs, u t-trasparenza, jiġu rrispettati fir-rigward tal-impriżi kollha involuti fil-proċedura tal-akkwist pubbliku, irrispettivament mill-investigazzjonijiet mibdija u pendenti bis-saħħa ta' dan ir-Regolament. | nondiskriminazzjoni, it-trattament indaqs, u t-trasparenza, jiġu rrispettati fir-rigward tal-impriżi kollha involuti fil-proċedura tal-akkwist pubbliku, irrispettivament mill-investigazzjonijiet mibdija u pendenti bis-saħħa ta' dan ir-Regolament. ***Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għad-Direttivi 2014/23/UE, 2014/24/UE u 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-obbligi applikabbli fl-oqsma tal-liġi ambjentali, soċjali u tax-xogħol.*** |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 36**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (36) Is-sussidji barranin li jippermettu lil impriża tissottometti offerta li tkun indebitament vantaġġuża fir-rigward tax-xogħlijiet, il-provvisti jew is-servizzi kkonċernati jenħtieġ li jitqiesu li effettivament jew potenzjalment joħolqu distorsjoni fi proċedura ta' akkwist pubbliku. Jenħtieġ għalhekk li dawn id-distorsjonijiet jiġu vvalutati abbażi tas-sett mhux eżawrjenti ta' indikaturi deskritti fil-premessi (13) u (14) kif ukoll abbażi tal-kunċett ta' offerta indebitament vantaġġuża. Jenħtieġ li l-indikaturi jippermettu li jiddeterminaw kif sussidju barrani joħloq distorsjoni fil-kompetizzjoni billi jtejjeb il-pożizzjoni kompetittiva ta' impriża u jippermettilha tippreżenta offerta indebitament vantaġġuża. L-impriżi jenħtieġ li jingħataw l-opportunità li jiġġustifikaw li l-offerta mhijiex indebitament vantaġġuża, u inkluż billi jippreżentaw l-elementi msemmija fl-Artikolu 69(2) tad-Direttiva 2014/24/UE. Il-projbizzjoni tal-għoti jenħtieġ li tapplika biss meta n-natura vantaġġuża tal-offerta li tibbenefika minn sussidji barranin ma tkunx tista' tiġi ġġustifikata, l-offerta tingħata l-kuntratt u l-impriża offerenti ma | (36) Is-sussidji barranin li jippermettu lil impriża tissottometti offerta li tkun indebitament vantaġġuża fir-rigward tax-xogħlijiet, il-provvisti jew is-servizzi kkonċernati jenħtieġ li jitqiesu li effettivament jew potenzjalment joħolqu distorsjoni fi proċedura ta' akkwist pubbliku. Jenħtieġ għalhekk li dawn id-distorsjonijiet jiġu vvalutati abbażi tas-sett mhux eżawrjenti ta' indikaturi deskritti fil-premessi (13) u (14) kif ukoll abbażi tal-kunċett ta' offerta indebitament vantaġġuża. Jenħtieġ li l-indikaturi jippermettu li jiddeterminaw kif sussidju barrani joħloq distorsjoni fil-kompetizzjoni billi jtejjeb il-pożizzjoni kompetittiva ta' impriża u jippermettilha tippreżenta offerta indebitament vantaġġuża. L-impriżi jenħtieġ li jingħataw l-opportunità li jiġġustifikaw li l-offerta mhijiex indebitament vantaġġuża, u inkluż billi jippreżentaw l-elementi msemmija fl-Artikolu 69(2) tad-Direttiva 2014/24/UE. Il-projbizzjoni tal-għoti jenħtieġ li tapplika biss meta n-natura vantaġġuża tal-offerta li tibbenefika minn sussidji barranin ma tkunx tista' tiġi ġġustifikata, l-offerta tingħata l-kuntratt u l-impriża offerenti ma |

| | |
|---|---|
| offrietx impenji meqjusa xierqa u suffiċjenti biex ineħħu d-distorsjoni effettivament u għalkollox. | offrietx impenji meqjusa xierqa u suffiċjenti biex ineħħu d-distorsjoni effettivament u għalkollox. ***L-adozzjoni ta' deċiżjoni li tipprojbixxi l-għoti tal-kuntratt tirriżulta fl-esklużjoni tal-impriża kkonċernata mill-parteċipazzjoni fil-proċedura tal-akkwist pubbliku.*** |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 37**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (37) Meta titqies in-natura tal-mekkaniżmu ta' rieżami ex ante għall-konċentrazzjonijiet u l-għoti ta' kuntratti pubbliċi, u l-ħtieġa taċ-ċertezza tad-dritt rigward dawn it-tranżazzjonijiet speċifiċi, konċentrazzjoni jew offerta għal akkwist pubbliku notifikati u vvalutati taħt il-proċeduri rispettivi ma jistgħux jerġgħu jiġu rieżaminati mill-Kummissjoni fuq inizjattiva tagħha stess. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li l-Kummissjoni tkun ġiet infurmata dwarhom permezz tal-proċedura ta' notifika jistgħu madankollu jkunu rilevanti barra mill-konċentrazzjoni jew il-proċedura tal-akkwist. Sabiex tiġbor informazzjoni dwar sussidji barranin, jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha l-possibbiltà li tniedi investigazzjonijiet rigward setturi speċifiċi tal-ekonomija, tipi partikolari ta' attività ekonomika jew l-użu ta' strumenti ta' sussidju barranin partikolari. | (37) Meta titqies in-natura tal-mekkaniżmu ta' rieżami ex ante għall-konċentrazzjonijiet u l-għoti ta' kuntratti pubbliċi, u l-ħtieġa taċ-ċertezza tad-dritt rigward dawn it-tranżazzjonijiet speċifiċi, konċentrazzjoni jew offerta għal akkwist pubbliku notifikati u vvalutati taħt il-proċeduri rispettivi ma jistgħux jerġgħu jiġu rieżaminati mill-Kummissjoni fuq inizjattiva tagħha stess. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li l-Kummissjoni tkun ġiet infurmata dwarhom permezz tal-proċedura ta' notifika jistgħu madankollu jkunu rilevanti barra mill-konċentrazzjoni jew il-proċedura tal-akkwist. Sabiex tiġbor informazzjoni dwar sussidji barranin, jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha l-possibbiltà li tniedi investigazzjonijiet rigward setturi speċifiċi tal-ekonomija, tipi partikolari ta' attività ekonomika jew l-użu ta' strumenti ta' sussidju barranin partikolari. ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' tuża l-informazzjoni miksuba minn tali investigazzjonijiet tas-suq biex tagħmel rieżami ta' ċerti tranżazzjonijiet fil-qafas tal-proċeduri skont dan ir-Regolament.*** |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 43**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (43) L-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament mill-Unjoni jenħtieġ li tkun konformi mad-dritt tal-Unjoni, mal-Ftehim tad-WTO u tkun konsistenti mal-impenji li jkunu saru skont ftehimiet kummerċjali u ta' investiment oħra li l-Unjoni jew l-Istati Membri jkunu partijiet tagħhom. | (43) L-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament mill-Unjoni jenħtieġ li tkun konformi mad-dritt tal-Unjoni, mal-Ftehim tad-WTO u tkun konsistenti mal-impenji li jkunu saru skont ftehimiet kummerċjali u ta' investiment oħra li l-Unjoni jew l-Istati Membri jkunu partijiet tagħhom. ***Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għall-iżvilupp ta' regoli multilaterali biex jiġu indirizzati s-sussidji distorsivi.*** |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 43a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(43a) Sabiex jitħeġġeġ l-iżvilupp ta' regoli multilaterali biex jiġu indirizzati s-sussidji distorsivi u l-kawżi fundamentali tagħhom, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit djalogu ma' pajjiżi terzi. Meta l-Kummissjoni tiskopri jew tissuspetta l-eżistenza ta' sussidji barranin, distortivi u sistemiċi, jenħtieġ li tkun tista' tidħol fi djalogu mal-pajjiż terz inkwistjoni biex tesplora għażliet immirati lejn il-kisba tal-waqfien jew il-modifika tas-sussidji distortivi bil-ħsieb li jiġu eliminati l-effetti distorsivi tagħhom fis-suq intern. Fejn ftehim bilaterali bejn l-Unjoni u pajjiż terz jipprevedi mekkaniżmu ta' konsultazzjoni li jkopri sussidji barranin, distortivi u sistemiċi li jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, dan il-mekkaniżmu jenħtieġ li jintuża biex jiffaċilita d-djalogu ma' pajjiż terz. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' wkoll tagħmel ħilitha biex tikseb il-waqfien jew il-modifika tas-sussidji barranin u distortivi billi tqajjem il-kwistjoni fi kwalunkwe forum internazzjonali rilevanti jew permezz ta'*** |

| | |
|---|---|
| | ***kooperazzjoni ma' kwalunkwe pajjiż terz ieħor affettwat mill-istess sussidji distortivi u sistemiċi, jew ma' kwalunkwe pajjiż terz interessat. Dan id-djalogu jeħtieġ li ma jipprekludix lill-Kummissjoni milli tiftaħ jew tkompli investigazzjonijiet skont dan ir-Regolament, u jenħtieġ li lanqas ma jikkostitwixxi alternattiva għal miżuri ta' rimedju. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tinforma mingħajr dewmien mhux dovut lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bl-iżviluppi rilevanti.*** |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 47**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (47) Biex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħat ta' implimentazzjoni ***f'konformità mal-Artikolu 291 tat-Trattat***. Jenħtieġ li dawn is-setgħat jiġu eżerċitati biex jistabbilixxu l-forma u l-kontenut tan-notifiki dwar konċentrazzjonijiet kif ukoll ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji fil-kuntest ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi, dettalji ta' divulgazzjoni, il-forma u l-kontenut tar-rekwiżiti tat-trasparenza, il-kalkolu tal-limiti ta' żmien, il-kundizzjonijiet u l-limiti ta' żmien għall-impenji u regoli dettaljati dwar il-passi proċedurali rigward l-investigazzjonijiet dwar proċeduri ta' akkwist pubbliku. Jenħtieġ li dawn is-setgħat jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011. | (47) Biex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawn is-setgħat jiġu eżerċitati biex jistabbilixxu l-forma u l-kontenut tan-notifiki dwar konċentrazzjonijiet kif ukoll ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji fil-kuntest ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi, dettalji ta' divulgazzjoni, il-forma u l-kontenut tar-rekwiżiti tat-trasparenza, il-kalkolu tal-limiti ta' żmien, il-kundizzjonijiet u l-limiti ta' żmien għall-impenji u regoli dettaljati dwar il-passi proċedurali rigward l-investigazzjonijiet dwar proċeduri ta' akkwist pubbliku. Jenħtieġ li dawn is-setgħat jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011. ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li teżerċita dawk is-setgħat ta' implimentazzjoni għall-ewwel darba mhux aktar tard minn sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.*** |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 47a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(47a) Il-Kummissjoni jenħtieġ li jkollha l-possibbiltà li tistabbilixxi proċedura simplifikata li skontha tittratta ċerti konċentrazzjonijiet jew proċeduri ta' akkwist pubbliku fuq il-bażi li jidhru inqas probabbli li jagħtu lok għal distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq intern minħabba sussidji barranin.*** |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 48**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (48) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fis-suq intern anke fit-tul, bil-ħsieb li tiġi żgurata kopertura adegwata ta' każijiet investigati kemm permezz ***ta'*** notifiki kif ukoll ex officio, ***is-setgħa*** li ***jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE*** jenħtieġ li ***tiġi ddelegata lill-Kummissjoni*** fir-rigward tal-emendar tal-limiti ta' notifika għall-konċentrazzjonijiet u għall-proċeduri ta' akkwist pubbliku, fir-rigward tal-eżenzjoni ta' ċerti kategoriji ta' impriżi mill-obbligi ta' notifika skont dan ir-Regolament, kif ukoll fir-rigward tal-emendar tal-limiti ta' żmien għar-rieżami preliminari u l-investigazzjonijiet fil-fond ta' konċentrazzjonijiet notifikati jew ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji notifikati fil-kuntest ta' proċedura għall-akkwist pubbliku. Fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji fil-kuntest ta' proċedura ta' akkwist pubbliku, ***is-setgħa li jiġu adottati tali atti*** jenħtieġ li ***tiġi eżerċitata b'mod*** li jitqiesu l-interessi tal-SMEs. ***Huwa ta' importanza partikolari*** li ***l-Kummissjoni*** | (48) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fis-suq intern anke fit-tul, bil-ħsieb li tiġi żgurata kopertura adegwata ta' każijiet investigati kemm permezz ta' notifiki kif ukoll ex officio, ***il-Kummissjoni jenħtieġ*** li ***tevalwa l-funzjonament u l-effettività ta' dan ir-Regolament, inkluż tal-limiti minimi ta' notifika stabbiliti fl-Artikoli 18 u 27, mhux aktar tard minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ tiegħu, u kull tliet snin wara dan, u tippreżenta dik l-evalwazzjoni permezz ta' rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dak ir-rapport*** jenħtieġ li ***jinkludi valutazzjoni ta' jekk dan ir-Regolament jeħtieġx li jiġi emendat jew le. Fejn ir-rapport jipproponi l-emendar tar-Regolament, dan jista' jkun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva, b'mod partikolari*** fir-rigward tal-emendar tal-limiti minimi ta' notifika għall-konċentrazzjonijiet u għall-proċeduri ta' akkwist pubbliku, fir-rigward tal-eżenzjoni ta' ċerti kategoriji ta' impriżi mill-obbligi ta' notifika skont dan ir-Regolament, ***l-*** |

***twettaq konsultazzjonijiet xierqa tul it-tħejjija ta' dawn l-atti, inkluż fil-livell tal-esperti,*** u ***li dawn il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet***[47]*. **B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati***, ***il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin*** li ***jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati***.

***introduzzjoni ta' limiti minimi ta' notifika aktar baxxi speċifiċi għal ċerti setturi ekonomiċi jew limiti minimi differenzjati għal tipi differenti ta' kuntratti ta' akkwist pubbliku,*** kif ukoll fir-rigward tal-emendar tal-limiti ta' żmien għar-rieżami preliminari u l-investigazzjonijiet fil-fond ta' konċentrazzjonijiet notifikati jew ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji notifikati fil-kuntest ta' proċedura għall-akkwist pubbliku. Fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji fil-kuntest ta' proċedura ta' akkwist pubbliku, ***l-evalwazzjoni*** jenħtieġ li ***titwettaq b'mod*** li jitqiesu l-interessi tal-SMEs. ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li tagħmel użu wkoll minn analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji kwantifikata u analiżi ex ante dwar l-impatt fuq l-investimenti u l-benesseri tal-konsumatur. Matul l-evalwazzjoni tagħha, il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkunsidra li tħassar dan ir-Regolament***, ***jekk tqis li l-iżvilupp ta' regoli multilaterali biex jindirizzaw sussidji distortivi wassal biex dan ir-Regolament isir kompletament superfluwu***.

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli u l-proċeduri għall-investigazzjoni ta' sussidji barranin li joħolqu distorsjonijiet fis-suq intern u għar-rimedju ta' tali distorsjonijiet. Tali distorsjonijiet jistgħu jinqalgħu fir-rigward ta' kwalunkwe attività ekonomika, u b'mod partikolari f'konċentrazzjonijiet u fi proċeduri ta' akkwist pubbliku. | (1) Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli u l-proċeduri għall-investigazzjoni ta' sussidji barranin li joħolqu distorsjonijiet fis-suq intern u għar-rimedju ta' tali distorsjonijiet***, bil-għan li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni***. Tali distorsjonijiet jistgħu jinqalgħu fir-rigward ta' kwalunkwe attività ekonomika, u b'mod partikolari f'konċentrazzjonijiet u fi proċeduri ta' akkwist pubbliku. |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt a – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) kontribuzzjoni finanzjarja għandha tinkludi: | (a) kontribuzzjoni finanzjarja għandha tinkludi***, inter alia***: |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt a – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) it-trasferiment ta' fondi jew obbligazzjonijiet, bħal injezzjonijiet ta' kapital, għotjiet, self, garanziji ta' self, inċentivi fiskali, tpaċija ta' telf operattiv, kumpens għal piżijiet finanzjarji imposti mill-awtoritajiet pubbliċi, maħfra ta' dejn, swaps ta' dejn għall-ekwità, jew skedar mill-ġdid; | (i) it-trasferiment ta' fondi jew obbligazzjonijiet, bħal injezzjonijiet ta' kapital, għotjiet, self, garanziji ta' self, inċentivi fiskali, ***eżenzjonijiet mit-taxxa,*** tpaċija ta' telf operattiv, kumpens għal piżijiet finanzjarji imposti mill-awtoritajiet pubbliċi, maħfra ta' dejn, swaps ta' dejn għall-ekwità, jew skedar mill-ġdid; |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt a – punt ii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (ii) ir-rinunzja tad-dħul li jkun dovut mod ieħor; ***jew*** | (ii) ir-rinunzja tad-dħul li jkun dovut mod ieħor; |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt a – punt -iia (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(iia) drittijiet speċjali jew esklussivi remunerati inadegwatament; or*** |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt a – punt iii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (iii) il-forniment ta' prodotti jew servizzi jew ix-xiri ta' prodotti u servizzi; | (iii) il-forniment ta' prodotti jew servizzi jew ix-xiri ta' prodotti ***jew*** servizzi***, sakemm tali forniment jew xiri ma jsirx wara proċedura ta' sejħa għall-offerti kompetittiva, trasparenti, nondiskriminatorja*** u ***inkondizzjonata***; |

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Distorsjoni fis-suq intern għandha titqies li teżisti meta sussidju barrani jista' jtejjeb il-pożizzjoni kompetittiva tal-impriża fis-suq intern u meta, b'dan il-mod, effettivament jew potenzjalment jaffettwa b'mod negattiv il-kompetizzjoni fis-suq intern. Jekk hemmx distorsjoni fis-suq intern għandu jiġi ddeterminat skont indikaturi, li ***jistgħu*** jinkludu dawn li ġejjin: | (1) Distorsjoni fis-suq intern għandha titqies li teżisti meta sussidju barrani jista' jtejjeb il-pożizzjoni kompetittiva tal-impriża fis-suq intern u meta, b'dan il-mod, effettivament jew potenzjalment jaffettwa b'mod negattiv il-kompetizzjoni fis-suq intern. Jekk hemmx distorsjoni fis-suq intern għandu jiġi ddeterminat skont indikaturi, li ***għandhom*** jinkludu***, inter alia,*** dawn li ġejjin: |

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) is-sitwazzjoni tal-impriża u tas-swieq ikkonċernati; | (c) is-sitwazzjoni tal-impriża***, inkluż id-daqs tagħha,*** u tas-swieq ikkonċernati ***u b'mod partikolari valutazzjoni dwar jekk l-impriża kkonċernata toperax taħt is-sjieda, il-kontroll jew is-superviżjoni jew il-gwida tal-politika tal-awtoritajiet tal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***pajjiż terz**;* |

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) il-livell ta' attività ekonomika tal-impriża kkonċernata fis-suq intern. | (d) il-livell ***u l-evoluzzjoni*** ta' attività ekonomika tal-impriża kkonċernata fis-suq intern ***u fis-suq domestiku tagħha***. |

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Sussidju barrani aktarx li ma joħloqx distorsjoni fis-suq intern jekk l-ammont totali tiegħu jkun inqas minn EUR ***5*** miljun matul kwalunkwe perjodu konsekuttiv ta' tliet snin fiskali. | (2) Sussidju barrani aktarx li ma joħloqx distorsjoni fis-suq intern jekk l-ammont totali tiegħu jkun inqas minn EUR ***4*** miljun matul kwalunkwe perjodu konsekuttiv ta' tliet snin fiskali. |

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2a) Il-Kummissjoni tista' tikkunsidra jekk il-pajjiż terz għandux fis-seħħ sistema għar-rieżami tas-sussidji, li l-Kummissjoni kkonstatat li tipprovdi garanziji, fil-liġi u fil-prattika, li l-livell ta' protezzjoni kontra l-intervent mhux dovut mill-Istat fil-forzi tas-suq u l-kompetizzjoni inġusta huwa tal-inqas ekwivalenti għal-livell ta' protezzjoni fl-Unjoni, jekk is-sussidju ġiex approvat skont dik is-sistema u jekk dik l-approvazzjoni tidhirx rilevanti wkoll*** |

| | |
|---|---|
| | ***għall-effetti fis-suq intern.*** |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2b) Sabiex jiġu żgurati l-effiċjenza u t-trasparenza, il-Kummissjoni għandha tippubblika linji gwida dwar l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu mhux aktar tard minn 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, inklużi spjegazzjonijiet u eżempji ta' kif għandu jiġi applikat kull indikatur. Il-Kummissjoni għandha, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, taġġorna regolarment dawk il-linji gwida u żżomm infurmati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*** |

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2a) sussidju ta' finanzjament għall-esportazzjoni mogħti minn pajjiż terz li mhuwiex firmatarju tal-Arranġament tal-OECD għal krediti għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati;*** |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 2b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2b) sussidju barrani għal impriża attiva f'settur ikkaratterizzat minn kapaċità strutturali eċċessiva;*** |

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Il-Kummissjoni ***għandha***, fejn ġustifikat, tibbilanċja l-effetti negattivi ta' sussidju barrani f'termini ta' distorsjoni fis-suq intern bl-effetti pożittivi fuq l-iżvilupp tal-attività ekonomika rilevanti. | (1) Il-Kummissjoni ***tista'***, fejn ġustifikat, tibbilanċja l-effetti negattivi ta' sussidju barrani f'termini ta' distorsjoni fis-suq intern bl-effetti pożittivi fuq l-iżvilupp tal-attività ekonomika rilevanti ***fis-suq intern***. |

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2a) Sa mhux aktar tard minn 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tippubblika linji gwida dwar l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, inkluż dwar il-kriterji li jintużaw fl-ibbilanċjar. Il-Kummissjoni għandha, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, taġġorna regolarment dawk il-linji gwida u żżomm infurmati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*** |

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) ***Sabiex*** tirrimedja d-distorsjoni fis-suq intern realment jew potenzjalment ikkawżata minn sussidju barrani, ***il-Kummissjoni tista' timponi miżuri ta' rimedju. L-impriża*** kkonċernata ***tista' wkoll toffri impenji***. | (1) ***Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5, il-Kummissjoni għandha timponi miżuri ta' rimedju sabiex*** tirrimedja d-distorsjoni fis-suq intern realment jew potenzjalment ikkawżata minn sussidju barrani, ***sakemm ma tkunx aċċettat impenji offruti mill-impriża*** kkonċernata ***skont il-paragrafu 1a***. |

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) Il-Kummissjoni tista' taċċetta impenji offruti mill-impriża kkonċernata, fejn tali impenji jirrimedjaw b'mod sħiħ u effettiv id-distorsjoni fis-suq intern. Meta taċċetta dawn l-impenji, il-Kummissjoni għandha tagħmilhom vinkolanti fuq l-impriża f'deċiżjoni b'impenji skont l-Artikolu 9(3). Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-konformità tal-impriża mal-impenji miftiehma.*** |

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) L-impenji jew il-miżuri ta' rimedju għandhom jirrimedjaw kompletament u effettivament id-distorsjoni kkawżata minn sussidju barrani fis-suq intern. | (2) L-impenji jew il-miżuri ta' rimedju għandhom jirrimedjaw kompletament u effettivament id-distorsjoni kkawżata ***realment jew potenzjalment*** minn sussidju barrani fis-suq intern. |

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 3 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) L-impenji jew il-miżuri ta' rimedju jistgħu jikkonsistu f'dan li ġej: | (3) L-impenji jew il-miżuri ta' rimedju jistgħu jikkonsistu***, fost l-oħrajn,*** f'dan li ġej: |

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) l-għoti ta' aċċess b'kundizzjonijiet ġusti u mhux diskriminatorji lil infrastruttura li tkun ġiet akkwistata permezz tas-sussidji barranin distorsivi jew appoġġata minnhom dment li tali aċċess ġust u mhux diskriminatorju diġà jkun previst minn leġiżlazzjoni fis-seħħ fl-Unjoni; | (a) l-għoti ta' aċċess b'kundizzjonijiet ġusti u mhux diskriminatorji lil infrastruttura ***jew faċilità*** li tkun ġiet akkwistata permezz tas-sussidji barranin distorsivi jew appoġġata minnhom dment li tali aċċess ġust u mhux diskriminatorju diġà jkun previst minn leġiżlazzjoni fis-seħħ fl-Unjoni; |

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) it-tnaqqis tal-kapaċità jew tal-preżenza fis-suq; | (b) it-tnaqqis tal-kapaċità jew tal-preżenza fis-suq***, inkluż permezz ta' restrizzjoni temporanja fuq l-attività kummerċjali fis-suq intern***; |

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt ha (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ha) ir-rekwiżit li l-impriżi kkonċernati*** |

| | |
|---|---|
| | ***jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe parteċipazzjoni fi proċeduri futuri ta' akkwist pubbliku fl-Unjoni għal perjodu ta' żmien xieraq fejn il-valur stmat tal-kuntratt pubbliku jkun taħt il-limiti stabbiliti fl-Artikolu 27.*** |

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt hb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(hb) ir-rekwiżit li l-impriżi kkonċernati jadattaw l-istruttura ta' governanza tagħhom.*** |

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Il-Kummissjoni ***tista'*** timponi rekwiżiti ta' rappurtar u trasparenza. | (4) Il-Kummissjoni ***għandha*** timponi rekwiżiti ta' rappurtar u trasparenza. |

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(5) Jekk impriża toffri impenji li jirrimedjaw kompletament u effettivament id-distorsjoni fis-suq intern, il-Kummissjoni tista' taċċettahom u tagħmilhom vinkolanti fuq l-impriża f'deċiżjoni b'impenji f'konformità mal-Artikolu 9(3).*** | ***imħassar*** |

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Fejn l-impriża kkonċernata tipproponi li tħallas lura s-sussidju barrani inkluża rata tal-imgħax xierqa, il-Kummissjoni għandha taċċetta dak il-ħlas lura bħala impenn ***jekk tista'*** taċċerta ruħha li l-ħlas lura huwa trasparenti u effettiv, hija u tieħu kont tar-riskju ta' ċirkomvenzjoni. | (6) Fejn l-impriża kkonċernata tipproponi li tħallas lura s-sussidju barrani inkluża rata tal-imgħax xierqa, il-Kummissjoni għandha taċċetta dak il-ħlas lura bħala impenn ***biss meta tista'*** taċċerta ruħha li l-ħlas lura huwa trasparenti u ***jirrimedja b'mod*** effettiv ***u adegwat l-effetti distortivi***, hija u tieħu kont tar-riskju ta' ċirkomvenzjoni. |

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fuq inizjattiva tagħha stess, il-Kummissjoni tista' teżamina informazzjoni minn kwalunkwe sors rigward allegati sussidji barranin distorsivi. | Fuq inizjattiva tagħha stess, il-Kummissjoni tista' teżamina informazzjoni minn kwalunkwe sors***, inkluż minn Stati Membri u impriżi jew minn sħab soċjali fil-livell tal-Unjoni,*** rigward allegati sussidji barranin distorsivi. |
| | ***Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi punt ta' kuntatt li permezz tiegħu din l-informazzjoni tista' tiġi rrappurtata b'mod kunfidenzjali.*** |
| | ***Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-awtorità pubblika dwar is-segwitu li jkun ingħata.*** |
| | ***L-awtoritajiet pubbliċi kompetenti għandhom jiġbru u jiskambjaw data mal-Kummissjoni.*** |
| | ***Il-Kummissjoni għandha tippubblika linji gwida dwar il-kriterji għall-ftuħ ta' rieżami ex officio sa 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.*** |

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) tinforma lill-impriża kkonċernata; u | (b) tinforma lill-impriża kkonċernata ***u fejn xieraq lill-Istati Membri wkoll***; u |

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Fejn il-Kummissjoni, wara valutazzjoni preliminari, tikkonkludi li ma hemmx raġunijiet suffiċjenti biex tinbeda l-investigazzjoni fil-fond, jew minħabba li ma hemm l-ebda sussidju barrani jew minħabba li ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' distorsjoni reali jew potenzjali fis-suq intern, hija għandha tagħlaq ir-rieżami preliminari u tinforma lill-impriża ***kkonċernata***. | (3) Fejn il-Kummissjoni, wara valutazzjoni preliminari, tikkonkludi li ma hemmx raġunijiet suffiċjenti biex tinbeda l-investigazzjoni fil-fond, jew minħabba li ma hemm l-ebda sussidju barrani jew minħabba li ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' distorsjoni reali jew potenzjali fis-suq intern, hija għandha tagħlaq ir-rieżami preliminari u tinforma lill-impriża ***u lill-Istati Membri kkonċernati, u l-Parlament Ewropew***. |

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Meta l-Kummissjoni ssib li sussidju barrani joħloq distorsjoni fis-suq intern skont l-Artikoli ***minn 3 sa*** 5, ***tista'*** timponi miżuri ta' rimedju (“deċiżjoni b'miżuri ta' rimedju”). | (2) Meta l-Kummissjoni ssib li sussidju barrani joħloq distorsjoni fis-suq intern skont l-Artikoli ***3 u 4 u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5***, ***hija għandha*** timponi miżuri ta' rimedju ("deċiżjoni b'miżuri ta' rimedju"), ***sakemm ma taċċettax impenji skont il-paragrafu 3***. |

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni tista' tieħu miżuri interim, meta: | Il-Kummissjoni tista' tieħu miżuri interim***, inkluż matul il-perjodu ta' rieżami preliminari***, meta: |

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-miżuri interim għandhom ikunu limitati fiż-żmien u jistgħu jiġu estiżi fejn jibqgħu jeżistu indikazzjoni ta' effetti ta' distorsjoni jew riskju serju ta' ħsara sostanzjali u irreparabbli għall-kompetizzjoni fis-suq intern.*** |

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) ***Il-Kummissjoni tista'*** twettaq l-ispezzjonijiet tal-impriżi ***li jkunu meħtieġa***. | (1) ***Sabiex taqdi d-dmirijiet assenjati lilha b'dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha, fejn ikun meħtieġ,*** twettaq l-ispezzjonijiet tal-impriżi. |

**Emenda 59**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) li jidħlu fi kwalunkwe bini ***jew*** art | (a) li jidħlu fi kwalunkwe bini***,*** art ***jew*** |

| | |
|---|---|
| tal-impriża kkonċernata; | ***mezzi ta' trasport*** tal-impriża kkonċernata; |

**Emenda 60**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Sabiex twettaq id-dmirijiet li dan ir-Regolament jassenjalha, il-Kummissjoni tista' twettaq spezzjonijiet fit-territorju ta' pajjiż terz, dment li ***l-impriża kkonċernata tkun tat il-kunsens tagħha u li*** l-gvern tal-pajjiż terz ikun ġie nnotifikat uffiċjalment u jkun qabel mal-ispezzjoni. L-Artikoli 12(1), (2) u (3), il-punti (a) u (b) għandhom japplikaw mutatis mutandis. | Sabiex twettaq id-dmirijiet li dan ir-Regolament jassenjalha**,** il-Kummissjoni tista' twettaq spezzjonijiet fit-territorju ta' pajjiż terz, dment li l-gvern tal-pajjiż terz ikun ġie nnotifikat uffiċjalment u jkun qabel mal-ispezzjoni. L-Artikoli 12(1), (2) u (3), punti (a) u (b) għandhom japplikaw mutatis mutandis. |

**Emenda 61**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Il-Kummissjoni tista' timponi b'deċiżjoni multi jew ħlasijiet perjodiċi ta' penali meta impriża ***kkonċernata*** jew assoċjazzjoni ta' impriżi, intenzjonalment jew b'negliġenza: (a) | 1. Il-Kummissjoni ***għandha*** timponi b'deċiżjoni multi jew ħlasijiet perjodiċi ta' penali meta impriża jew assoċjazzjoni ta' impriżi ***kkonċernati***, intenzjonalment jew b'negliġenza: (a) |

**Emenda 62**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 5 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Fejn impriża ***kkonċernata*** ma ***tikkonformax*** ma' deċiżjoni b'impenji skont l-Artikolu 9(3), deċiżjoni li tordna miżuri interim skont l-Artikolu 10 jew deċiżjoni li timponi miżuri ta' rimedju skont l-Artikolu 9(2), il-Kummissjoni tista' | 5. Fejn impriża ***jew assoċjazzjoni ta' impriżi kkonċernati*** ma ***jikkonformawx*** ma' deċiżjoni b'impenji skont l-Artikolu 9(3), deċiżjoni li tordna miżuri interim skont l-Artikolu 10 jew deċiżjoni li timponi miżuri ta' rimedju skont l- |

| | |
|---|---|
| timponi permezz ta' deċiżjoni: | Artikolu 9(2), il-Kummissjoni tista' timponi permezz ta' deċiżjoni: |

**Emenda 63**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 3 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) l-impriża akkwistata jew mill-inqas waħda mill-impriżi li għaddejjin minn fużjoni tkun stabbilita fl-Unjoni u tiġġenera fatturat aggregat fl-Unjoni ta' mill-inqas EUR ***500*** miljun; u | (a) l-impriża akkwistata jew mill-inqas waħda mill-impriżi li għaddejjin minn fużjoni tkun stabbilita fl-Unjoni u tiġġenera fatturat aggregat fl-Unjoni ta' mill-inqas EUR ***400*** miljun; u |

**Emenda 64**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 3 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-impriżi kkonċernati ***rċevew*** kontribuzzjoni finanzjarja aggregata minn pajjiżi terzi fit-tliet snin kalendarji qabel in-notifika ta' aktar minn EUR 50 miljun. | (b) l-impriżi ***kollha*** kkonċernati ***jkunu ngħataw*** kontribuzzjoni finanzjarja aggregata minn pajjiżi terzi fit-tliet snin kalendarji qabel in-notifika ta' aktar minn EUR 50 miljun. |

**Emenda 65**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 4 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) l-impriża konġunta nnifisha ***jew waħda mill-impriżi prinċipali tagħha*** tkun stabbilita fl-Unjoni u tiġġenera fatturat aggregat fl-Unjoni ta' mill-inqas EUR ***500*** miljun; u | (a) l-impriża konġunta nnifisha tkun stabbilita fl-Unjoni u tiġġenera fatturat aggregat fl-Unjoni ta' mill-inqas EUR ***400*** miljun; u |

**Emenda 66**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 4 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-impriża konġunta nnifisha u l-impriżi prinċipali tagħha ***rċevew*** kontribuzzjoni finanzjarja aggregata minn pajjiżi terzi fit-tliet snin kalendarji qabel in-notifika ta' aktar minn EUR 50 miljun. | (b) l-impriża konġunta nnifisha u l-impriżi prinċipali tagħha ***jkunu ngħataw*** kontribuzzjoni finanzjarja aggregata minn pajjiżi terzi fit-tliet snin kalendarji qabel in-notifika ta' aktar minn EUR 50 miljun. |

**Emenda 67**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Jekk l-impriżi kkonċernati jonqsu milli jissodisfaw l-obbligu tagħhom li jinnotifikaw, il-Kummissjoni ***tista'*** tirrieżamina konċentrazzjoni notifikabbli skont dan ir-Regolament billi titlob in-notifika ta' dik il-konċentrazzjoni. F'dak il-każ il-Kummissjoni m'għandhiex tkun marbuta bil-limiti ta' żmien imsemmija fl-Artikolu 23(1) u (4). | (4) Jekk l-impriżi kkonċernati jonqsu milli jissodisfaw l-obbligu tagħhom li jinnotifikaw, il-Kummissjoni ***għandha*** tirrieżamina konċentrazzjoni notifikabbli skont dan ir-Regolament billi titlob in-notifika ta' dik il-konċentrazzjoni. F'dak il-każ il-Kummissjoni m'għandhiex tkun marbuta bil-limiti ta' żmien imsemmija fl-Artikolu 23(1) u (4). |

**Emenda 68**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Il-Kummissjoni tista' titlob in-notifika minn qabel ta' kwalunkwe konċentrazzjoni li mhijiex konċentrazzjoni notifikabbli skont it-tifsira tal-Artikolu 18 fi kwalunkwe ħin qabel l-implimentazzjoni tagħha meta l-Kummissjoni tissuspetta li l-impriżi kkonċernati setgħu ***bbenefikaw minn*** sussidji barranin fit-tliet snin qabel il-konċentrazzjoni. Dik il-konċentrazzjoni għandha titqies bħala konċentrazzjoni notifikabbli għall-finijiet ta' dan ir- | (5) Il-Kummissjoni tista' titlob in-notifika minn qabel ta' kwalunkwe konċentrazzjoni li mhijiex konċentrazzjoni notifikabbli skont it-tifsira tal-Artikolu 18 fi kwalunkwe ħin qabel l-implimentazzjoni tagħha meta l-Kummissjoni tissuspetta li l-impriżi kkonċernati setgħu ***ngħataw*** sussidji barranin fit-tliet snin qabel il-konċentrazzjoni. Dik il-konċentrazzjoni għandha titqies bħala konċentrazzjoni notifikabbli għall-finijiet ta' dan ir- |

| | |
|---|---|
| Regolament. | Regolament. |

**Emenda 69**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Għall-iskop tal-Artikolu 28, kontribuzzjoni finanzjarja barranija notifikabbli fi proċedura ta' akkwist pubbliku tal-UE għandha titqies li sseħħ meta l-valur stmat ta' dak l-akkwist pubbliku huwa ugwali jew akbar minn EUR 250 miljun. | (2) Għall-iskop tal-Artikolu 28 ***ta' dan ir-Regolament***, kontribuzzjoni finanzjarja barranija notifikabbli fi proċedura ta' akkwist pubbliku tal-UE għandha titqies li sseħħ meta l-valur ***totali*** stmat ta' dak l-akkwist pubbliku***, ikkalkulat skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2014/24/UE u l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2014/25/UE,*** ikun ugwali ***għal,*** jew akbar minn EUR ***200*** miljun. |

**Emenda 70**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) L-obbligu ta' notifika tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji barranin skont dan il-paragrafu għandu jestendi għall-operaturi ekonomiċi, il-gruppi ta' operaturi ekonomiċi msemmija fl-Artikolu 26(2) tad-Direttiva 2014/23/UE, l-Artikolu 19(2) tad-Direttiva 2014/24/UE u l-Artikolu 37(2) tad-Direttiva 2014/25/UE, is-sottokuntratturi ewlenin u l-fornituri ewlenin. Sottokuntrattur jew fornitur għandu jitqies bħala ewlieni fejn ***il-parteċipazzjoni tiegħu tiżgura elementi ewlenin tal-prestazzjoni tal-kuntratt u fi kwalunkwe każ fejn*** is-sehem ekonomiku tal-kontribuzzjoni tiegħu jaqbeż ***it-30*** % tal-valur stmat tal-kuntratt. | (2) L-obbligu ta' notifika tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji barranin skont dan il-paragrafu għandu jestendi għall-operaturi ekonomiċi, il-gruppi ta' operaturi ekonomiċi msemmija fl-Artikolu 26(2) tad-Direttiva 2014/23/UE, l-Artikolu 19(2) tad-Direttiva 2014/24/UE u l-Artikolu 37(2) tad-Direttiva 2014/25/UE, is-sottokuntratturi ewlenin u l-fornituri ewlenin. Sottokuntrattur jew fornitur għandu jitqies bħala ewlieni fejn is-sehem ekonomiku tal-kontribuzzjoni tiegħu jaqbeż ***l-20*** % tal-valur stmat tal-kuntratt. |

**Emenda 71**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Għal gruppi ta' operaturi ekonomiċi, sottokuntratturi ewlenin u fornituri ewlenin, l-operatur ekonomiku ewlieni għandu jiżgura n-notifika. | (3) Għal gruppi ta' operaturi ekonomiċi, sottokuntratturi ewlenin u fornituri ewlenin, l-operatur ekonomiku ewlieni għandu jiżgura n-notifika. ***L-operatur ekonomiku ewlieni ma għandux ikun responsabbli għall-informazzjoni pprovduta mis-sottokuntratturi ewlenin jew il-fornituri ewlenin tiegħu.*** |

**Emenda 72**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Fejn il-Kummissjoni tissuspetta li impriża setgħet ***ibbenefikat minn*** sussidji barranin fit-tliet snin qabel il-preżentazzjoni tal-offerta jew talba biex tipparteċipa fil-proċedura ta' akkwist pubbliku, hija tista' titlob in-notifika tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji barranin riċevuti minn dik l-impriża fi kwalunkwe proċedura ta' akkwist pubbliku li mhumiex notifikabbli skont l-Artikolu 27(2) jew li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, fi kwalunkwe ħin qabel l-għoti tal-kuntratt. Ladarba l-Kummissjoni tkun talbet in-notifika ta' tali kontribuzzjoni finanzjarja, din titqies bħala kontribuzzjoni finanzjarja barranija notifikabbli fi proċedura ta' akkwist pubbliku. | (6) Fejn il-Kummissjoni tissuspetta li impriża setgħet ***ingħatat*** sussidji barranin fit-tliet snin qabel il-preżentazzjoni tal-offerta jew talba biex tipparteċipa fil-proċedura ta' akkwist pubbliku, hija tista' titlob in-notifika tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji barranin riċevuti minn dik l-impriża fi kwalunkwe proċedura ta' akkwist pubbliku li mhumiex notifikabbli skont l-Artikolu 27(2) jew li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, fi kwalunkwe ħin qabel l-għoti tal-kuntratt. Ladarba l-Kummissjoni tkun talbet in-notifika ta' tali kontribuzzjoni finanzjarja, din titqies bħala kontribuzzjoni finanzjarja barranija notifikabbli fi proċedura ta' akkwist pubbliku. |

**Emenda 73**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 29 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Il-Kummissjoni għandha ***twettaq*** rieżami preliminari mhux aktar tard minn ***60*** jum wara li tkun irċeviet in-notifika. | (2) Il-Kummissjoni għandha ***tikkompleta*** rieżami preliminari mhux aktar tard minn ***40*** jum wara li tkun irċeviet in-notifika. |

**Emenda 74**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 29 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Il-Kummissjoni tista' tadotta deċiżjoni li tagħlaq l-investigazzjoni fil-fond mhux aktar tard minn ***200*** jum wara li tkun irċeviet in-notifika. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, dan il-limitu ta' żmien jista' jiġi estiż wara konsultazzjoni mal-awtorità kontraenti jew entità kontraenti kkonċernata. | (4) Il-Kummissjoni tista' tadotta deċiżjoni li tagħlaq l-investigazzjoni fil-fond mhux aktar tard minn ***120*** jum wara li tkun irċeviet in-notifika. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, dan il-limitu ta' żmien jista' jiġi estiż ***b'20 jum*** wara konsultazzjoni mal-awtorità kontraenti jew entità kontraenti kkonċernata. |

**Emenda 75**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Il-kuntratt jista' jingħata lil impriża li tippreżenta dikjarazzjoni skont l-Artikolu 28 qabel ma l-Kummissjoni tieħu kwalunkwe waħda mid-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 30 jew qabel ma jiskadi l-limitu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 29(4) biss jekk l-evalwazzjoni tal-offerta tkun stabbiliet li l-impriża inkwistjoni tkun fi kwalunkwe każ ippreżentat l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża. | (3) Il-kuntratt jista' jingħata lil impriża li tippreżenta dikjarazzjoni skont l-Artikolu 28 qabel ma l-Kummissjoni tieħu kwalunkwe waħda mid-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 30 jew qabel ma jiskadi l-limitu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 29(4) ***ta' dan ir-Regolament*** biss jekk l-evalwazzjoni tal-offerta tkun stabbiliet li l-impriża inkwistjoni tkun fi kwalunkwe każ ippreżentat l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża***, kif definit fl-Artikolu 67(2) tad-Direttiva 2014/24/UE u l-Artikolu 82(2) tad-Direttiva 2014/25/UE. Informazzjoni relatata ma' sussidji barranin distorsivi, inkluż kwalunkwe*** |

***suspett li tkun saret dikjarazzjoni falza, tista' tiġi rrapportata lill-Kummissjoni.***

**Emenda 76**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Fil-każijiet kollha, l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti għandha tinforma lill-Kummissjoni bi kwalunkwe deċiżjoni relatata mar-riżultat tal-proċedura ta' akkwist pubbliku. | (6) Fil-każijiet kollha, l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti għandha tinforma ***mingħajr dewmien żejjed*** lill-Kummissjoni bi kwalunkwe deċiżjoni relatata mar-riżultat tal-proċedura ta' akkwist pubbliku. |

**Emenda 77**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Il-prinċipji li jirregolaw ***l-akkwist*** pubbliku, inklużi l-proporzjonalità, in-nondiskriminazzjoni, it-trattament ugwali, u ***t-trasparenza***, għandhom jiġu osservati fir-rigward tal-impriżi kollha involuti fil-proċedura ta' akkwist pubbliku. L-investigazzjoni ta' sussidji barranin skont dan ir-Regolament m'għandhiex tirriżulta f'li l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti tittratta lill-impriża kkonċernata b'mod li jmur kontra dawk il-prinċipji. | (7) Il-prinċipji li jirregolaw ***il-proċeduri tal-akkwist*** pubbliku, inklużi l-proporzjonalità, in-nondiskriminazzjoni, it-trattament ugwali ***u t-trasparenza***, ***kif ukoll il-konformità mal-obbligi relatati mal-liġi*** u ***l-istandards ambjentali, soċjali u tal-impjieg applikabbli fit-twettiq tal-kuntratt***, għandhom jiġu osservati fir-rigward tal-impriżi kollha involuti fil-proċedura ta' akkwist pubbliku. L-investigazzjoni ta' sussidji barranin skont dan ir-Regolament m'għandhiex tirriżulta f'li l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti tittratta lill-impriża kkonċernata b'mod li jmur kontra dawk il-prinċipji. |

**Emenda 78**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 32 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' timponi b'deċiżjoni fuq l-impriżi kkonċernati multi li ma jaqbżux il-1 % tal-fatturat aggregat tagħhom fis-sena kummerċjali preċedenti, fejn huma intenzjonalment jew b'negliġenza jipprovdu informazzjoni mhux korretta jew qarrieqa f'notifika skont l-Artikolu 28 jew suppliment għaliha; | 2. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' timponi b'deċiżjoni fuq l-impriżi kkonċernati multi li ma jaqbżux il-1 % tal-fatturat aggregat tagħhom fis-sena kummerċjali preċedenti, fejn huma intenzjonalment jew b'negliġenza jipprovdu informazzjoni mhux korretta jew qarrieqa f'notifika ***u dikjarazzjonijiet*** skont l-Artikolu 28 jew suppliment għaliha; |

**Emenda 79**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 33 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Kontribuzzjoni finanzjarja notifikata fil-kuntest ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 19 tista' tkun rilevanti u vvalutata mill-ġdid fir-rigward ta' attività ekonomika oħra. | 1. Kontribuzzjoni finanzjarja notifikata fil-kuntest ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 19 tista' tkun rilevanti u vvalutata mill-ġdid ***skont dan ir-Regolament*** fir-rigward ta' attività ekonomika oħra. |

**Emenda 80**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 33 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Kontribuzzjoni finanzjarja notifikata fil-kuntest ta' proċedura ta' akkwist pubbliku skont l-Artikolu 28 tista' tkun rilevanti u vvalutata mill-ġdid fir-rigward ta' attività ekonomika oħra. | 2. Kontribuzzjoni finanzjarja notifikata fil-kuntest ta' proċedura ta' akkwist pubbliku skont l-Artikolu 28 tista' tkun rilevanti u vvalutata mill-ġdid ***skont dan ir-Regolament*** fir-rigward ta' attività ekonomika oħra. |

**Emenda 81**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 34 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Fejn l-informazzjoni disponibbli tissostanzja suspett raġonevoli li s-sussidji barranin f'settur partikolari, għal tip partikolari ta' attività ekonomika jew abbażi ta' strument ta' sussidju partikolari jistgħu joħolqu distorsjoni fis-suq intern, il-Kummissjoni ***tista'*** twettaq investigazzjoni tas-suq fis-settur partikolari, it-tip ta' attività ekonomika partikolari jew l-użu tal-istrument ta' sussidju kkonċernat. Matul dik l-investigazzjoni tas-suq, il-Kummissjoni ***tista'*** titlob lill-impriżi jew lill-assoċjazzjonijiet ta' impriżi kkonċernati biex jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa u tista' twettaq l-ispezzjonijiet meħtieġa. Il-Kummissjoni tista' titlob ukoll lill-Istat Membru jew lill-pajjiż terz ikkonċernat biex jipprovdi informazzjoni. | (1) Fejn l-informazzjoni disponibbli tissostanzja suspett raġonevoli li s-sussidji barranin f'settur partikolari, għal tip partikolari ta' attività ekonomika jew abbażi ta' strument ta' sussidju partikolari jistgħu joħolqu distorsjoni fis-suq intern, il-Kummissjoni ***għandha*** twettaq investigazzjoni tas-suq fis-settur partikolari, it-tip ta' attività ekonomika partikolari jew l-użu tal-istrument ta' sussidju kkonċernat. Matul dik l-investigazzjoni tas-suq, il-Kummissjoni ***għandha*** titlob lill-impriżi jew lill-assoċjazzjonijiet ta' impriżi kkonċernati biex jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa u tista' twettaq l-ispezzjonijiet meħtieġa. Il-Kummissjoni tista' titlob ukoll lill-Istat Membru jew lill-pajjiż terz ikkonċernat biex jipprovdi informazzjoni. |

**Emenda 82**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 34 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Il-Kummissjoni ***tista'*** tippubblika rapport dwar ir-riżultati tal-investigazzjoni tas-suq tagħha f'setturi partikolari, tipi partikolari ta' attività ekonomika jew strumenti partikolari ta' sussidju u tistieden kummenti minn partijiet interessati. | (2) Il-Kummissjoni ***għandha, fejn rilevanti,*** tippubblika rapport dwar ir-riżultati tal-investigazzjoni tas-suq tagħha f'setturi partikolari, tipi partikolari ta' attività ekonomika jew strumenti partikolari ta' sussidju u tistieden kummenti minn partijiet interessati. |

**Emenda 83**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 34a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 34a*** |

***Djalogu ma' pajjiżi terzi***

***1. Fejn, wara investigazzjoni tas-suq skont l-Artikolu 34, il-Kummissjoni tiskopri l-eżistenza ta' sussidji barranin distorsivi sistemiċi, jew fejn informazzjoni oħra disponibbli tissostanzja suspett raġonevoli dwar l-eżistenza ta' tali sussidji, il-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni, tista' tidħol fi djalogu mal-pajjiż terz inkwistjoni biex tesplora għażliet immirati lejn il-kisba tal-waqfien jew il-modifika tas-sussidju bil-ħsieb li telimina l-effetti distorsivi tagħhom fuq is-suq intern.***

***2. Dak id-djalogu ma għandux jipprevjeni lill-Kummissjoni milli tieħu azzjoni ulterjuri skont dan ir-Regolament, inkluż il-ftuħ jew il-kontinwazzjoni ta' investigazzjonijiet jew l-applikazzjoni ta' miżuri interim jew ta' rimedju.***

***3. Il-Kummissjoni tista' tfittex li tikseb il-waqfien jew il-modifika tas-sussidji distorsivi sistemiċi anke billi tqajjem il-kwistjoni fi kwalunkwe forum internazzjonali rilevanti.***

***4. Il-Kummissjoni tista' tidħol f'konsultazzjonijiet jew kooperazzjoni, f'isem l-Unjoni, ma' kwalunkwe pajjiż terz ieħor affettwat mill-istess sussidji distorsivi sistemiċi jew ma' kwalunkwe pajjiż terz interessat, bil-ħsieb li tikseb il-waqfien jew il-modifika tas-sussidji. Dan jista' jinvolvi, fejn xieraq, koordinazzjoni f'fora internazzjonali rilevanti u koordinazzjoni b'reazzjoni għas-sussidji distorsivi sistemiċi.***

***5. Il-Kummissjoni għandha tinforma mingħajr dewmien lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bl-iżviluppi rilevanti.***

**Emenda 84**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 35 – paragrafu 1**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (1) Is-setgħat tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 9 għandhom ikunu soġġetti għal perjodu ta' limitazzjoni ta' għaxar snin, li jibda mill-jum li fih jingħata sussidju barrani lill-impriża kkonċernata. Kwalunkwe azzjoni meħuda mill-Kummissjoni skont l-Artikoli 8, 11, 12 jew ***13*** fir-rigward ta' sussidju barrani għandha tinterrompi l-perjodu ta' limitazzjoni. Wara kull interruzzjoni, il-perjodu ta' limitazzjoni għandu jerġa' jibda jiddekorri mill-ġdid. | (1) Is-setgħat tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 9 għandhom ikunu soġġetti għal perjodu ta' limitazzjoni ta' għaxar snin, li jibda mill-jum li fih jingħata sussidju barrani lill-impriża kkonċernata. Kwalunkwe azzjoni meħuda mill-Kummissjoni skont l-Artikoli 8, 11, 12***, 13*** jew ***34*** fir-rigward ta' sussidju barrani għandha tinterrompi l-perjodu ta' limitazzjoni. Wara kull interruzzjoni, il-perjodu ta' limitazzjoni għandu jerġa' jibda jiddekorri mill-ġdid. |

**Emenda 85**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 40 – paragrafu 3a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(3a) Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2022/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a].*** |
| | ***[1a] Ir-Regolament (UE) 2022/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċess ta' operaturi ekonomiċi, prodotti u servizzi ta' pajjiżi terzi għas-suq tal-akkwist pubbliku tal-Unjoni u l-proċeduri li jappoġġaw in-negozjati marbuta mal-aċċess tal-operaturi ekonomiċi, il-prodotti u s-servizzi tal-Unjoni għas-swieq tal-akkwist pubbliku ta' pajjiżi terzi (Strument għal Akkwist Internazzjonali – IPI) (ĠU L ...).*** |

**Emenda 86**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 40 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Investigazzjoni skont dan ir-Regolament ma għandhiex titwettaq u ma għandhomx jiġu imposti jew jinżammu miżuri fejn tali investigazzjoni jew miżuri jmorru kontra l-obbligi tal-Unjoni li jirriżultaw minn kwalunkwe ftehim internazzjonali rilevanti li tkun daħlet fih. B'mod partikolari, ma għandha tittieħed l-ebda azzjoni skont dan ir-Regolament li tkun tammonta għal azzjoni speċifika kontra sussidju skont it-tifsira tal-Artikolu 32.1 tal-Ftehim dwar is-Sussidji u l-Miżuri Kumpensatorji. Dan ir-Regolament ma għandux jimpedixxi lill-Unjoni milli teżerċita d-drittijiet tagħha jew milli tissodisfa l-obbligi tagħha skont ftehimiet internazzjonali. | (7) Investigazzjoni skont dan ir-Regolament ma għandhiex titwettaq u ma għandhomx jiġu imposti jew jinżammu miżuri fejn tali investigazzjoni jew miżuri jmorru kontra l-obbligi tal-Unjoni li jirriżultaw minn kwalunkwe ftehim internazzjonali rilevanti li tkun daħlet fih. B'mod partikolari, ma għandha tittieħed l-ebda azzjoni skont dan ir-Regolament li tkun tammonta għal azzjoni speċifika kontra sussidju skont it-tifsira tal-Artikolu 32.1 tal-Ftehim dwar is-Sussidji u l-Miżuri Kumpensatorji ***u mogħtija minn pajjiż terz li jkun membru tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ***. Dan ir-Regolament ma għandux jimpedixxi lill-Unjoni milli teżerċita d-drittijiet tagħha jew milli tissodisfa l-obbligi tagħha skont ftehimiet internazzjonali. |

**Emenda 87**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 42 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-forma, il-kontenut u d-dettalji proċedurali tan-notifiki tal-konċentrazzjonijiet skont l-Artikolu 19; | (a) il-forma, il-kontenut u d-dettalji proċedurali tan-notifiki tal-konċentrazzjonijiet skont l-Artikolu 19***, inkluża proċedura simplifikata possibbli***; |

**Emenda 88**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 42 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) il-forma, il-kontenut u d-dettalji proċedurali tan-notifiki tal- | (b) il-forma, il-kontenut u d-dettalji proċedurali tan-notifiki tal- |

| | |
|---|---|
| kontribuzzjonijiet finanzjarji barranin fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku skont l-Artikolu 28; | kontribuzzjonijiet finanzjarji barranin fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku skont l-Artikolu 28***, inkluża proċedura simplifikata possibbli***; |

**Emenda 89**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 42 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) L-ewwel att jew atti ta' implimentazzjoni, li jkopri l-elementi kollha msemmija fil-paragrafu 1, għandu jiġi adottat mhux aktar tard minn sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.*** |

**Emenda 90**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 44**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *Artikolu 44* | ***imħassar*** |
| *Atti ddelegati* | |
| ***(1) Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati għall-finijiet ta':*** | |
| ***(a) l-emendar tal-limiti għan-notifiki kif stabbilit fl-Artikoli 18 u 27, fid-dawl tal-prattika tal-Kummissjoni matul l-ewwel ħames snin tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, u b'kont meħud tal-effettività tal-applikazzjoni;*** | |
| ***(b) l-eżenzjoni ta' ċerti kategoriji ta' impriżi kkonċernati mill-obbligu ta' notifika skont l-Artikoli 19 u 28, fid-dawl tal-prattika tal-Kummissjoni fl-ewwel ħames snin tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, f'każ li din il-prattika tippermetti li jiġu identifikati attivitajiet ekonomiċi fejn is-sussidji barranin*** | |

***x'aktarx ma jfixklux is-suq intern;***

***(c) l-emendar tal-iskedi ta' żmien għal rieżami u investigazzjonijiet fil-fond kif stabbilit fl-Artikoli 24 u 29.***

***(2) Atti delegati msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu adottati f'konformità mal-Artikolu 45.***

**Emenda 91**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 45**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 45*** | ***imħassar*** |
| ***Eżerċitar tad-delega*** | |
| ***(1) Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.*** | |
| ***(2) Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 44 għal perjodu ta' żmien indeterminat li jibda sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.*** | |
| ***(3) Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 44 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.*** | |
| ***(4) Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.*** | |

| | |
|---|---|
| ***(5) Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*** | |
| ***(6) Att delegat adottat skont l-Artikolu 44 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.*** | |

**Emenda 92**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 46 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Sa*** mhux aktar tard minn ***ħames snin*** wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ***ta'*** dan ***ir-Regolament, akkumpanjat, fejn il-Kummissjoni tqis*** li ***jkun xieraq, minn proposti leġiżlattivi rilevanti***. | ***1. Sa*** mhux aktar tard minn ***sentejn*** wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, ***u kull tliet snin wara dan,*** il-Kummissjoni għandha ***tirrevedi u tevalwa l-funzjonament u l-effettività ta' dan ir-Regolament u*** tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ***tiegħu.*** Dan ***ir-rieżami għandu jinkludi valutazzjoni tal-limiti ta' notifika stabbiliti fl-Artikoli 18 u 27 u l-effetti tagħhom fuq il-kapaċità tal-Kummissjoni*** li ***timplimenta dan ir-Regolament b'mod effettiv***. |

**Emenda 93**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 46 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Fejn ir-rapport jirrakkomanda emendi għal dan ir-Regolament u fejn il-Kummissjoni tqis li dan ikun xieraq fid-dawl tal-prattika tagħha matul l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u b'kont meħud tal-effettività tal-applikazzjoni, ir-rapport jista' jkun akkumpanjat minn proposti leġiżlattivi rilevanti, inkluż:*** |
| | ***a) biex jiġu emendati l-limiti għan-notifiki kif stabbilit fl-Artikoli 18 u 27;*** |
| | ***b) għall-eżenzjoni ta' ċerti kategoriji ta' impriżi kkonċernati, bħal fondi bona fide ta' investiment jew ta' pensjoni sovrani, mill-obbligu ta' notifika skont l-Artikoli 19 u 28, speċjalment meta l-prattika tal-Kummissjoni tippermetti li jiġu identifikati attivitajiet ekonomiċi fejn is-sussidji barranin x'aktarx ma jfixklux is-suq intern;*** |
| | ***c) għall-istabbiliment ta' limiti speċifiċi għan-notifiki għal ċerti setturi ekonomiċi jew limiti minimi differenzjati għal tipi differenti ta' kuntratti ta' akkwist pubbliku, speċjalment fejn il-prattika tal-Kummissjoni tippermetti l-identifikazzjoni ta' attivitajiet ekonomiċi fejn huwa aktar probabbli li s-sussidji barranin ifixklu s-suq intern, inkluż fir-rigward ta' setturi strateġiċi u infrastruttura kritika;*** |
| | ***d) biex jiġu emendati l-iskedi ta' żmien għal rieżami u investigazzjonijiet fil-fond kif stabbilit fl-Artikoli 24 u 29.*** |
| | ***e) għat-tħassir ta' dan ir-Regolament, jekk il-Kummissjoni tqis li r-regoli multilaterali biex jiġu indirizzati s-sussidji distorsivi wasslu biex dan ir-Regolament sar kompletament superfluwu.*** |

**Emenda 94**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 47 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Dan ir-Regolament għandu japplika għal sussidji barranin mogħtija ***fl-għaxar*** snin qabel id-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fejn tali sussidji barranin ifixklu s-suq intern wara l-bidu tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. | (1) Dan ir-Regolament għandu japplika għal sussidji barranin mogħtija ***fis-seba'*** snin ***ta'*** qabel id-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fejn tali sussidji barranin ifixklu s-suq intern wara l-bidu tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. |

# NOTA SPJEGATTIVA

## Apprezzament Ġenerali

Ir-Rapporteur jappoġġa l-għan ġenerali u t-tfassil tal-proposta għal Regolament dwar sussidji barranin li joħolqu distorsjoni fis-suq uniku.

Il-proposta tindirizza **lakuna regolatorja** li ilha teżisti li tpoġġi lill-kumpaniji Ewropej fi żvantaġġ kompetittiv fil-konfront ta' ċerti kompetituri barranin li bbenefikaw minn sussidji barranin. Filwaqt li s-sussidji mogħtija mill-Istati Membri tal-UE huma soġġetti għal skrutinju rigoruż skont ir-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat, is-sussidji mogħtija minn pajjiżi terzi spiss jaħarbu lil dan l-iskrutinju. Dan iwassal għal distorsjoni tal-kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern, u jista' jwassal biex il-kumpaniji Ewropej jiġu esklużi, li joħonqu l-innovazzjoni u l-ħolqien tal-impjiegi fi ħdan l-Unjoni.

Ir-Rapporteur jaqbel bis-sħiħ mas-sens ta' urġenza f'dak li għandu x'jaqsam mal-għeluq ta' din il-lakuna legali. Li jinħolqu kundizzjonijiet ekwi bejn il-kompetituri Ewropej u barranin fis-suq intern **isaħħaħ l-awtonomija strateġika miftuħa tal-UE**. Barra minn hekk, il-ħtieġa li jiġu infurzati r-regoli tas-suq intern hija prekundizzjoni meħtieġa **biex jissaħħaħ l-appoġġ kontinwu għal politiki ta' kummerċ miftuħa u ġusti**, li jibqgħu s-sors ewlieni ta' prosperità fl-UE. Ir-Rapporteur iqis li din il-proposta għandha rwol kruċjali fl-isforz usa' biex **tissaħħaħ l-awtonomija strateġika miftuħa tal-UE biex tirfed il-pożizzjoni tagħha li tħares 'il barra** u biex tindirizza x-xettiċiżmu kummerċjali li qed jikber.

Ir-Rapporteur jilqa' wkoll il-potenzjal tal-istrument biex **jagħti spinta lill-iżvilupp plurilaterali u multilaterali ta' regoli biex jiġu indirizzati sussidji barranin distorsivi,** li hija dimensjoni tal-proposta li huwa fittex b'mod attiv li jsaħħaħ.

## Bidliet proposti

Il-**proċess inklussiv** li wassal għal din il-proposta, inkluża l-pubblikazzjoni ta' White Paper, konsultazzjoni pubblika estensiva u Valutazzjoni tal-Impatt, ippermetta lill-Kummissjoni tressaq proposta, fil-fehma tar-Rapporteur, bi grad għoli ta' maturità, proporzjonat mas-sens għoli ta' urġenza kondiviż minn ħafna partijiet interessati.

Madankollu, ir-Rapporteur fittex li jintroduċi għadd ta' bidliet u elementi ġodda li jżidu l-valur għall-proposta, mingħajr ma jippreġudika d-disinn ġenerali u l-effikaċja tal-istrument.

L**-effikaċja ġenerali tal-istrument** kienet il-boxxla ta' gwida għar-Rapporteur. F'dan ir-rigward, huwa jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni Ewropea hija l-uniku infurzatur tar-Regolament, biex tippermetti applikazzjoni omoġenja fis-Suq Uniku tal-UE. Madankollu, dan ifisser ukoll li mingħajr riżorsi adegwati għall-implimentazzjoni, dan l-istrument jista' malajr iwassal għal piż amministrattiv eċċessiv għall-Kummissjoni, iżid il-burokrazija għall-kumpaniji barranin u Ewropej, u fl-aħħar mill-aħħar ifixkel l-investiment fis-suq intern, mingħajr ma jċaqlaq il-labra fuq il-ġlieda kontra s-sussidji barranin distorsivi.

Għalhekk, fi spirtu ta' kompromess, ir-Rapporteur mar favur tnaqqis moderat tal-**limiti għall-istrumenti bbażati fuq in-notifika** sabiex minn naħa waħda l-piż amministrattiv għall-

Kummissjoni u l-kumpaniji jibqa' jinżamm f'livell li jista' jiġi mmaniġġjat, iżda wkoll biex min-naħa l-oħra jitqiegħdu fil-mira aktar każijiet potenzjali. It-tnaqqis ulterjuri tal-limiti jwassal għal żieda sinifikanti fil-piż amministrattiv għall-Kummissjoni u għalhekk jirriskja li jġib fix-xejn l-istrument *ex officio* u l-kapaċità tal-Kummissjoni li tiffoka fuq il-każijiet l-aktar distorsivi. Ir-Rapporteur iqis li huwa importanti li jintlaħaq bilanċ bejn l-ambizzjoni li jiġu koperti għadd sinifikanti ta' każijiet, filwaqt li l-Kummissjoni titħalla tipprijoritizza l-ħidma tagħha u tibda investigazzjonijiet *ex officio* fejn ikun hemm raġunijiet biex jiġu ssuspettati sussidji mhux ġustifikati.

Madankollu, ir-Rapporteur iqis li l-limiti relattivament għoljin jeħtieġ li jiġu akkoppjati ma' aktar ċarezza dwar l-attivazzjoni tal-istrument *ex officio*. Huwa għalhekk fittex li **jiffaċilita l-aċċess tal-partijiet ikkonċernati u tal-Istati Membri** biex javviċinaw lill-Kummissjoni b'informazzjoni li potenzjalment twassal għall-bidu ta' investigazzjoni. Barra minn hekk, ir-Rapporteur introduċa l-possibbiltà li l-Kummissjoni tipproponi **r-reviżjoni ta' ċerti limiti** fid-dawl tal-esperjenza miksuba mill-applikazzjoni tar-Regolament. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-introduzzjoni ta' limiti aktar baxxi għas-settur f'industriji emerġenti ta' valur strateġiku, jekk id-data miġbura permezz ta' dan l-istrument turi li s-sussidji barranin aktar ta' spiss ifixklu l-akkwisti f'dawn is-setturi.

Biex ikompli jissaħħaħ ir-Regolament, ir-Rapporteur żgura li l-**abbuż ta' pożizzjoni dominanti** fis-suq domestiku ta' kumpanija barranija, pereżempju meta kumpanija bħal din tibbenefika minn pożizzjoni ta' monopolju li tippermettilha tiġġenera profitti eċċessivi li min-naħa tagħhom isaħħu bla bżonn il-pożizzjoni kompetittiva tal-kumpanija fi swieq oħra, jistgħu jitqiesu wkoll bħala kontribuzzjoni finanzjarja. Barra minn hekk, ir-Rapporteur iċċara li **sussidji futuri magħrufa** notifikabbli taħt dan l-istrument sabiex tingħalaq lakuna potenzjali fejn sussidji li huma impenjati u deċiżi minn gvern ta' pajjiż terz, iżda li għadhom ma ġewx żborżati jew inkella saru effettivi, jippermettu lil kompetitur barrani jissottometti offerti anormalment baxxi jew jagħmel offerti għoljin b'mod anormali għal akkwisti, filwaqt li evita l-iskrutinju skont dan ir-Regolament.

Sabiex **tittejjeb iċ-ċertezza legali** għall-partijiet ikkonċernati, ir-Rapporteur jagħti mandat lill-Kummissjoni biex tippubblika linji gwida dwar l-applikazzjoni tat-test tal-ibbilanċjar previst skont l-Artikolu 5. Barra minn hekk, huwa fittex li jiċċara li t-test tal-ibbilanċjar jeħtieġ li jqis ukoll il-kompatibbiltà mal-objettivi tal-politika pubblika, kif ukoll kwalunkwe esternalità pożittiva kkawżata minn sussidju barrani kemm ġewwa kif ukoll barra mis-suq intern.

Ir-Rapporteur iċċara wkoll li l-Kummissjoni tista' tikkunsidra fil-valutazzjoni tagħha ta' sussidji barranin potenzjalment distorsivi jekk il-pajjiż terz ikkonċernat għandux fis-seħħ **mekkaniżmu ta' kontroll tas-sussidji li huwa ekwivalenti għal dak tal-Unjoni**, kemm fil-liġi kif ukoll fil-prattika. Barra minn hekk, biex tiġi pprevenuta l-konformità żejda u l-burokrazija assoċjata, ir-Rapporteur introduċa l-possibbiltà li l-kumpaniji javviċinaw lill-Kummissjoni għal **konsultazzjonijiet ta' qabel in-notifika** sabiex jiġi stabbilit jekk ġewx issodisfati r-rekwiżiti formali għan-notifika fil-każ ta' konċentrazzjonijiet. Barra minn hekk, ir-Rapporteur idaħħal artikolu ġdid dwar id-djalogu ma' pajjiżi terzi, bil-ħsieb li jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tas-sussidji barranin distorsivi.

Punt ewlieni ieħor ta' attenzjoni għar-Rapporteur kien li **tissaħħaħ id-dimensjoni internazzjonali**. Dan ir-Regolament huwa maħsub bħala strument awtonomu fin-nuqqas ta'

progress fil-fora multilaterali bħad-WTO, fejn il-problema ta' sussidji distorsivi għas-servizzi u l-investiment idealment tiġi solvuta. Għalhekk, għar-Rapporteur, dan l-istrument huwa l-okkażjoni biex l-UE tirdoppja l-impenn tagħha li tavvanza soluzzjonijiet multilaterali u plurilaterali għal sussidji distorsivi.

Fid-dawl ta' dan, ir-Rapporteur introduċa l-possibbiltà li l-Kummissjoni Ewropea timpenja ruħha f'isem l-Unjoni fi **djalogu ma' pajjiżi terzi** fejn jiġu skoperti skemi ta' sussidju distorsivi persistenti u sistemiċi, immexxija minn pajjiż terz. Dawn l-iskemi għandhom jiġu indirizzati wkoll fil-fora multilaterali xierqa bit-tama li dan jagħti impetu lill-iżvilupp ta' soluzzjonijiet multilaterali.

31.3.2022

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET EKONOMIĊI U MONETARJI

għall-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sussidji barranin li joħolqu distorsjoni fis-suq intern
(COM(2021)0223 – C9-0167/2021– 2021/0114(COD))

Rapporteur għal opinjoni(*): Stéphanie Yon-Courtin

(*) Kumitat assoċjat – Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Suq intern b'saħħtu, miftuħ u kompetittiv jippermetti kemm lill-impriżi Ewropej kif ukoll lil dawk barranin jikkompetu skont il-mertu. L-Unjoni tibbenefika minn sistema sofistikata u effettiva ta' kontroll tal-għajnuna mill-Istat, bl-għan li tiżgura kundizzjonijiet ġusti għall-impriżi kollha involuti f'attività ekonomika fis-suq intern. Din is-sistema ta' kontroll tal-għajnuna mill-Istat tipprevjeni lill-Istati Membri milli jagħtu għajnuna mill-Istat li toħloq distorsjoni indebita fis-suq intern. | (1) Suq intern b'saħħtu, miftuħ u kompetittiv jippermetti kemm lill-impriżi Ewropej kif ukoll lil dawk barranin jikkompetu skont il-mertu. ***Meta tivvaluta sussidju barrani, il-Kummissjoni tista' tqis sa liema punt sistema regolatorja jew superviżorja ta' pajjiż terz hija simili għall-kontroll mill-Unjoni tal-għajnuna mill-Istat u effettivament jitnaqqsu d-distorsjonijiet ikkawżati minn sussidju ta' pajjiż terz. Jekk il-Kummissjoni tkun aċċertat li l-pajjiż terz li jagħti sussidju barrani jkollu stabbilita sistema għar-rieżami tas-sussidji li tiggarantixxi fil-liġi u fil-prattika livell ta' protezzjoni minn intervent mhux dovut mill-Istat fil-forzi*** |

| | |
|---|---|
| | ***tas-suq u kompetizzjoni inġusta li tkun tal-inqas ekwivalenti għal-livell fl-Unjoni u li effettivament tipproteġi mhux biss is-suq tal-pajjiż terz iżda wkoll is-suq intern tal-Unjoni, is-sussidju barrani aktarx li ma joħloqx distorsjoni fis-suq intern.*** L-Unjoni tibbenefika minn sistema sofistikata u effettiva ta' kontroll tal-għajnuna mill-Istat, bl-għan li tiżgura kundizzjonijiet ġusti għall-impriżi kollha involuti f'attività ekonomika fis-suq intern. Din is-sistema ta' kontroll tal-għajnuna mill-Istat tipprevjeni lill-Istati Membri milli jagħtu għajnuna mill-Istat li toħloq distorsjoni indebita fis-suq intern. |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Fl-istess ħin, l-impriżi jistgħu jirċievu sussidji minn pajjiżi terzi, li jipprovdu fondi pubbliċi li mbagħad jintużaw, pereżempju, biex jiffinanzjaw attivitajiet ekonomiċi fis-suq intern fi kwalunkwe settur tal-ekonomija, bħal pereżempju l-parteċipazzjoni f'offerti tal-akkwist pubbliku, jew akkwiżizzjonijiet ta' impriżi, inklużi dawk b'assi strateġiċi bħall-infrastruttura kritika u t-teknoloġiji innovattivi. Dawn is-sussidji bħalissa mhumiex soġġetti għar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat. | (2) Fl-istess ħin, l-impriżi jistgħu jirċievu sussidji minn pajjiżi terzi, li jipprovdu fondi pubbliċi li mbagħad jintużaw, pereżempju, biex jiffinanzjaw attivitajiet ekonomiċi fis-suq intern fi kwalunkwe settur tal-ekonomija, bħal pereżempju l-parteċipazzjoni f'offerti tal-akkwist pubbliku, jew akkwiżizzjonijiet ta' impriżi, inklużi dawk b'assi strateġiċi bħall-infrastruttura kritika u t-teknoloġiji innovattivi. Dawn is-sussidji bħalissa mhumiex soġġetti għar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat. ***Tħassib simili japplika fir-rigward tal-intrapriżi statali.*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Għaldaqstant huwa meħtieġ li l- | (5) Għaldaqstant huwa meħtieġ li ***jkun*** |

istrumenti eżistenti tal-Unjoni jiġu kkomplimentati b'għodda ġdida biex tindirizza d-distorsjonijiet fis-suq intern ikkawżati mis-sussidji barranin u tiżgura kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. B'mod partikolari, l-għodda l-ġdida tikkomplementa r-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat li jittrattaw distorsjonijiet fis-suq intern ikkawżati minn sussidji tal-Istati Membri.

***hemm struttura internazzjonali li tittratta l-qasam tas-sussidji minn ġuriżdizzjonijiet differenti. Fin-nuqqas tagħha, madankollu, huwa meħtieġ li*** l-istrumenti eżistenti tal-Unjoni jiġu kkomplimentati b'għodda ġdida biex tindirizza d-distorsjonijiet fis-suq intern ikkawżati mis-sussidji barranin u tiżgura kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. B'mod partikolari, l-għodda l-ġdida tikkomplementa r-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat li jittrattaw distorsjonijiet fis-suq intern ikkawżati minn sussidji tal-Istati Membri.

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) L-istrument il-ġdid jenħtieġ li jkun koerenti mal-istrumenti eżistenti, bħar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004[1a], id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1b] jew ir-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1c]. Fl-applikazzjoni tagħha tal-istrumenti differenti, il-Kummissjoni jenħtieġ li tagħti attenzjoni biex tiżgura kondiviżjoni effiċjenti tal-informazzjoni meħtieġa biex jiġi ssalvagwardjat approċċ komprensiv.*** |

***[1a] Ir-Regolament tal-Kunsill 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi (ir-Regolament KE dwar l-Amalgamazzjonijiet), ĠU L 24, 29.1.2004.***

***[1b] Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE, ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65.***

*[1c] Ir-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi qafas għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni, ĠU L 79I, 21.3.2019, p. 1.*

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5b) Mingħajr preġudizzju għall-proċedura baġitarja u permezz tal-istrumenti finanzjarji eżistenti, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata riżorsi umani, finanzjarji u tekniċi adegwati biex jiġi żgurat li tkun tista' twettaq dmirijietha b'mod effettiv u teżerċita s-setgħat tagħha b'rabta mal-infurzar ta' dan ir-Regolament.*** |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli u proċeduri għall-investigazzjoni ta' sussidji barranin li realment jew potenzjalment joħolqu distorsjoni fis-suq intern u, fejn rilevanti, tali distorsjonijiet jiġu rimedjati. Is-sussidji barranin jistgħu joħolqu distorsjoni fis-suq intern jekk l-impriża li tibbenefika mis-sussidju barrani tkun involuta f'attività ekonomika fl-Unjoni. Għaldaqstant jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għall-impriżi kollha li jieħdu sehem f'attività ekonomika fl-Unjoni. Minħabba s-sinifikanza tal-attivitajiet ekonomiċi mwettqa mill-SMEs, u l-kontribut tagħhom għat-twettiq tal- | (6) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli u proċeduri għall-investigazzjoni ta' sussidji barranin li realment jew potenzjalment joħolqu distorsjoni fis-suq intern u, fejn rilevanti, tali distorsjonijiet jiġu rimedjati. Is-sussidji barranin jistgħu joħolqu distorsjoni fis-suq intern jekk l-impriża li tibbenefika mis-sussidju barrani tkun involuta f'attività ekonomika fl-Unjoni. ***Infurzar effiċjenti tal-prinċipji stabbiliti f'dan ir-Regolament se jikkontribwixxi biex tinkiseb ir-reżiljenza meħtieġa tas-suq intern lejn l-influwenza ekonomika esterna u r-reżiljenza tal-Ewropa.*** Għaldaqstant jenħtieġ li dan ir-Regolament |

għanijiet ta' politika ewlenin tal-Unjoni, qed tingħata attenzjoni speċjali għall-impatt li dan ir-Regolament se jkollu fuqhom.

jistabbilixxi regoli għall-impriżi kollha li jieħdu sehem f'attività ekonomika fl-Unjoni. Minħabba s-sinifikanza tal-attivitajiet ekonomiċi mwettqa mill-SMEs, u l-kontribut tagħhom għat-twettiq tal-għanijiet ta' politika ewlenin tal-Unjoni, qed tingħata attenzjoni speċjali għall-impatt li dan ir-Regolament se jkollu fuqhom.

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fis-suq intern, kif ukoll il-konsistenza fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun l-unika awtorità li jkollha l-kompetenza li tapplika dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-Kummissjoni ***jkollha s-setgħa li*** teżamina kwalunkwe sussidju barrani sa fejn dan ikun fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fi kwalunkwe settur tal-ekonomija fuq inizjattiva tagħha stess u bis-saħħa tal-informazzjoni mis-sorsi kollha disponibbli. Sabiex jiġi żgurat kontroll effettiv, fil-każ speċifiku ta' konċentrazzjonijiet kbar (fużjonijiet u akkwiżizzjonijiet) u proċeduri ta' akkwist pubbliku li jaqbżu ċerti livelli limitu, jenħtieġ li l-Kummissjoni ***jkollha s-setgħa li*** teżamina s-sussidji barranin abbażi ta' notifika minn qabel mill-impriża lill-Kummissjoni Ewropea. | (7) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fis-suq intern, kif ukoll il-konsistenza fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun l-unika awtorità li jkollha l-kompetenza li tapplika dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-Kummissjoni teżamina kwalunkwe sussidju barrani sa fejn dan ikun fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fi kwalunkwe settur tal-ekonomija fuq inizjattiva tagħha stess u bis-saħħa tal-informazzjoni mis-sorsi kollha disponibbli. Sabiex jiġi żgurat kontroll effettiv, fil-każ speċifiku ta' konċentrazzjonijiet kbar (fużjonijiet u akkwiżizzjonijiet) u proċeduri ta' akkwist pubbliku li jaqbżu ċerti livelli limitu, jenħtieġ li l-Kummissjoni teżamina s-sussidji barranin abbażi ta' notifika minn qabel mill-impriża lill-Kummissjoni Ewropea. |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7a) Minħabba li l-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri huma parti integrali mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi network strutturat ta' kooperazzjoni u komunikazzjoni biex tikkondividi l-informazzjoni, tikkoordina u ssaħħaħ l-approċċ tal-Unjoni Ewropea għas-sussidji barranin li joħolqu distorsjoni fis-suq intern.*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(10a) Tali kontribuzzjoni finanzjarja jenħtieġ li tinkludi wkoll sitwazzjoni fejn il-benefiċjarju jkollu aċċess privileġġat għas-suq domestiku tiegħu, jiġifieri permezz ta' drittijiet esklużivi jew speċjali jew miżuri ekwivalenti, għall-provvista ta' prodotti jew servizzi fil-pajjiż terz mogħtija mil-liġi nazzjonali jew il-benefiċċju ta' suq kaptiv domestiku minħabba l-kundizzjonijiet legali u ekonomiċi prevalenti. Dan jista' jwassal għal vantaġġ kompetittiv artifiċjali li jista' jiġi sfruttat fis-suq intern u b'hekk jaggrava l-effett distorsiv ta' kwalunkwe sussidju.*** |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Il-benefiċċju għandu jingħata lil impriża jew industrija individwali jew lil diversi impriżi jew industriji. Il-benefiċċju | (11) Il-benefiċċju għandu jingħata lil impriża jew industrija individwali jew lil diversi impriżi jew industriji. Il-benefiċċju |

| | |
|---|---|
| jista' jiġi stabbilit skont il-liġi jew skont il-fatti. | jista' jiġi stabbilit skont il-liġi jew skont il-fatti. ***Il-benefiċċji futuri li ntlaħaq qbil dwarhom b'mod legalment vinkolanti jaqgħu wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Benefiċċji futuri bħal dawn jistgħu jiġu inklużi wkoll fi tħabbira legalment vinkolanti.*** |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Meta tapplika dawn l-indikaturi, il-Kummissjoni tista' tqis elementi differenti, bħad-daqs tas-sussidju f'termini assoluti jew f'relazzjoni mad-daqs tas-suq jew mal-valur tal-investiment. Pereżempju, konċentrazzjoni li fil-kuntest tagħha sussidju barrani jkopri parti sostanzjali mill-prezz tax-xiri tal-entità fil-mira, aktarx li jkun distorsiv. Bl-istess mod, is-sussidji barranin li jkopru parti sostanzjali tal-valur stmat ta' kuntratt li għandu jingħata fi proċedura ta' akkwist pubbliku x'aktarx li jikkawżaw distorsjonijiet. Jekk jingħata sussidju barrani għall-ispejjeż operatorji, jidher li jkun aktar probabbli li joħloq distorsjonijiet milli jekk jingħata għal spejjeż ta' investiment. Sussidji barranin li jingħataw lil impriżi żgħar u medji jistgħu jitqiesu anqas probabbli li joħolqu distorsjonijiet minn sussidji barranin lil impriżi kbar. Barra minn hekk, il-karatteristiċi tas-suq, u b'mod partikolari l-kundizzjonijiet kompetittivi fis-suq, bħall-ostakli għad-dħul, iridu jittieħdu inkonsiderazzjoni. Is-sussidji barranin li jwasslu għal kapaċità żejda billi jsostnu assi mhux ekonomiċi jew billi jinkoraġġixxu l-investiment fl-espansjonijiet tal-kapaċità li kieku mod ieħor ma kinux jinbnew aktarx li jikkawżaw distorsjonijiet. Sussidju barrani lil benefiċjarju li juri livell baxx ta' attività fis-suq intern, imkejjel pereżempju | (14) Meta tapplika dawn l-indikaturi, il-Kummissjoni tista' tqis elementi differenti, bħad-daqs tas-sussidju f'termini assoluti jew f'relazzjoni mad-daqs tas-suq jew mal-valur tal-investiment. Pereżempju, konċentrazzjoni li fil-kuntest tagħha sussidju barrani jkopri parti sostanzjali mill-prezz tax-xiri tal-entità fil-mira, aktarx li jkun distorsiv. Bl-istess mod, is-sussidji barranin li jkopru parti sostanzjali tal-valur stmat ta' kuntratt li għandu jingħata fi proċedura ta' akkwist pubbliku x'aktarx li jikkawżaw distorsjonijiet. Jekk jingħata sussidju barrani għall-ispejjeż operatorji, jidher li jkun aktar probabbli li joħloq distorsjonijiet milli jekk jingħata għal spejjeż ta' investiment. Sussidji barranin li jingħataw lil impriżi żgħar u medji jistgħu jitqiesu anqas probabbli li joħolqu distorsjonijiet minn sussidji barranin lil impriżi kbar. Barra minn hekk, il-karatteristiċi tas-suq, u b'mod partikolari l-kundizzjonijiet kompetittivi fis-suq, bħall-ostakli għad-dħul, iridu jittieħdu inkonsiderazzjoni. Is-sussidji barranin li jwasslu għal kapaċità żejda billi jsostnu assi mhux ekonomiċi jew billi jinkoraġġixxu l-investiment fl-espansjonijiet tal-kapaċità li kieku mod ieħor ma kinux jinbnew aktarx li jikkawżaw distorsjonijiet. Sussidju barrani lil benefiċjarju li juri livell baxx ta' attività fis-suq intern, imkejjel pereżempju |

| | |
|---|---|
| f'termini tal-fatturat miksub fl-Unjoni, huwa inqas probabbli li jikkawża distorsjonijiet minn sussidju barrani lil benefiċjarju li għandu livell ta' attività aktar sinifikanti fis-suq intern. ***Finalment,*** jenħtieġ li sussidji barranin li ma jaqbżux EUR 5 miljun jitqiesu bħala mhux probabbli li joħolqu distorsjoni fis-suq intern skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament. | f'termini tal-fatturat miksub fl-Unjoni, huwa inqas probabbli li jikkawża distorsjonijiet minn sussidju barrani lil benefiċjarju li għandu livell ta' attività aktar sinifikanti fis-suq intern. Jenħtieġ li sussidji barranin li ma jaqbżux EUR 5 miljun jitqiesu bħala mhux probabbli li joħolqu distorsjoni fis-suq intern skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament. ***Jenħtieġ li l-Kummissjoni tabbozza u tippubblika, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, linji gwida b'aktar dettalji għall-valutazzjoni tan-natura distorsiva ta' sussidju sabiex tipprovdi ċertezza legali għall-parteċipanti kollha fis-suq. Il-linji gwida jenħtieġ li jipprovdu wkoll eżempji u każijiet tipiċi ta' sussidji distorsivi u mhux distorsivi.*** |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis l-effetti pożittivi tas-sussidju barrani fuq l-iżvilupp tal-attività ekonomika sussidjata relevanti. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżen dawn l-effetti pożittivi kontra l-effetti negattivi ta' sussidju barrani f'termini ta' distorsjoni fis-suq intern sabiex tiddetermina, jekk applikabbli, il-miżura ta' rimedju xierqa jew taċċetta l-impenji. Dan l-eżerċizzju ta' bbilanċjar jista' wkoll iwassal għall-konklużjoni li ma għandha tiġi imposta l-ebda miżura ta' rimedju. Il-kategoriji ta' sussidji barranin li jitqiesu l-aktar probabbli li joħolqu distorsjoni fis-suq intern ***huma inqas probabbli*** li jkollhom ***aktar effetti pożittivi*** milli ***negattivi***. | (16) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis l-effetti pożittivi tas-sussidju barrani fuq l-iżvilupp tal-attività ekonomika sussidjata rilevanti ***b'kont meħud l-objettivi ta' politika bbażati fuq ftehimiet internazzjonali***. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżen dawn l-effetti pożittivi kontra l-effetti negattivi ta' sussidju barrani f'termini ta' distorsjoni fis-suq intern sabiex tiddetermina, jekk applikabbli, il-miżura ta' rimedju xierqa jew taċċetta l-impenji. Dan l-eżerċizzju ta' bbilanċjar jista' wkoll iwassal għall-konklużjoni li ma għandha tiġi imposta l-ebda miżura ta' rimedju. Il-kategoriji ta' sussidji barranin li jitqiesu l-aktar probabbli li joħolqu distorsjoni fis-suq intern ***jista' jiġi previst*** li jkollhom ***effetti wisq iktar negattivi*** milli ***pożittivi***. ***Għal dan il-għan, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa tadotta atti delegati dwar l-applikazzjoni tat-test ta'*** |

***bbilančjar.***

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) Jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa li, fuq inizjattiva tagħha stess, teżamina kwalunkwe informazzjoni dwar sussidji barranin. Għal dan il-għan, huwa meħtieġ li tiġi stabbilita proċedura li tikkonsisti f'żewġ stadji, jiġifieri rieżami preliminari u investigazzjoni fil-fond. | (21) Jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa li, fuq inizjattiva tagħha stess, teżamina kwalunkwe informazzjoni dwar sussidji barranin. Għal dan il-għan, huwa meħtieġ li tiġi stabbilita proċedura li tikkonsisti f'żewġ stadji, jiġifieri rieżami preliminari u investigazzjoni fil-fond. ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li tippubblika gwida dwar il-kriterji biex tinfetaħ proċedura bħal din.*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 21a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(21a) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom sistema ta' informazzjoni predefinita u punt ta' kuntatt għad-dispożizzjoni tagħhom li permezz tagħhom il-Kummissjoni tista' tirċievi twissijiet u informazzjoni dwar evidenza tal-eżistenza ta' sussidju potenzjalment distorsiv.*** |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 22**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (22) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat investigattivi adegwati biex tiġbor l-informazzjoni kollha meħtieġa. | (22) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat investigattivi adegwati biex tiġbor l-informazzjoni kollha meħtieġa. |

Għaldaqstant jenħtieġ li jkollha s-setgħa li titlob informazzjoni minn kwalunkwe impriża jew assoċjazzjoni ta' impriżi matul il-proċedura kollha kemm hi. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li timponi multi u ħlasijiet perjodiċi ta' penali għal nuqqas ta' forniment f'waqtu tal-informazzjoni mitluba jew għall-għoti ta' informazzjoni mhux kompluta, skorretta jew qarrieqa. Il-Kummissjoni tista' wkoll tindirizza mistoqsijiet lill-Istati Membri jew lil pajjiżi terzi. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tagħmel żjarat għall-ġbir ta' informazzjoni fil-bini tal-Unjoni tal-impriża, jew, soġġett għal qbil ***mill-impriża u mill-pajjiż*** terz ikkonċernat, fil-bini tal-impriża fil-pajjiż terz. Il-Kummissjoni għandu jkollha wkoll is-setgħa li tieħu deċiżjonijiet abbażi tal-fatti disponibbli jekk l-impriża inkwistjoni ma tikkooperax.

Għaldaqstant jenħtieġ li jkollha s-setgħa li titlob informazzjoni minn kwalunkwe impriża jew assoċjazzjoni ta' impriżi matul il-proċedura kollha kemm hi. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li timponi multi u ħlasijiet perjodiċi ta' penali għal nuqqas ta' forniment f'waqtu tal-informazzjoni mitluba jew għall-għoti ta' informazzjoni mhux kompluta, skorretta jew qarrieqa. ***Sabiex jissaħħaħ il-karattru dissważiv ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jkun hemm il-possibbiltà li jiġu applikati s-sanzjonijiet differenti bħall-miżuri ta' rimedju, il-multi u l-pagamenti perjodiċi ta' penali fl-istess ħin jekk ikun meħtieġ.*** Il-Kummissjoni tista' wkoll tindirizza mistoqsijiet lill-Istati Membri jew lil pajjiżi terzi. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tagħmel żjarat għall-ġbir ta' informazzjoni fil-bini tal-Unjoni tal-impriża, jew, soġġett għal qbil ***mal-pajjiż*** terz ikkonċernat, fil-bini tal-impriża fil-pajjiż terz. Il-Kummissjoni għandu jkollha wkoll is-setgħa li tieħu deċiżjonijiet abbażi tal-fatti disponibbli jekk l-impriża inkwistjoni ma tikkooperax.

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 24**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(24) Fil-każijiet kollha fejn, bħala riżultat tar-rieżami preliminari, il-Kummissjoni jkollha biżżejjed indikazzjonijiet tal-eżistenza ta' sussidju barrani li joħloq distorsjoni fis-suq intern, jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tniedi investigazzjoni fil-fond biex tiġbor informazzjoni rilevanti addizzjonali biex tivvaluta s-sussidju barrani, u biex tippermetti lill-partijiet interessati jeżerċitaw id-drittijiet tad-difiża tagħhom.

*Emenda*

(24) Fil-każijiet kollha fejn, bħala riżultat tar-rieżami preliminari, il-Kummissjoni jkollha biżżejjed indikazzjonijiet tal-eżistenza ta' sussidju barrani li joħloq distorsjoni fis-suq intern, jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tniedi investigazzjoni fil-fond biex tiġbor informazzjoni rilevanti addizzjonali biex tivvaluta s-sussidju barrani, u biex tippermetti lill-partijiet interessati jeżerċitaw id-drittijiet tad-difiża tagħhom. ***Jenħtieġ li investigazzjonijiet dettaljati bħal dawn jitwettqu b'mod rapidu, skont l-***

***iskadenzi stabbiliti, sabiex ma jiddewmux wisq l-attivitajiet ekonomiċi sottostanti.***

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 30**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (30) Huwa neċessarju li jintlaħaq bilanċ bejn il-protezzjoni effettiva tas-suq intern u l-ħtieġa li jiġi limitat il-piż amministrattiv fuq l-impriżi soġġetti għal dan ir-Regolament. Għaldaqstant, huma biss il-konċentrazzjonijiet li jilħqu l-livelli limitu kkombinati kif definiti f'dan ir-Regolament ibbażati fuq id-daqs tal-fatturat fl-Unjoni u d-daqs tas-sussidju li jenħtieġ li jkunu soġġetti għal notifika obbligatorja minn qabel. | (30) Huwa neċessarju li jintlaħaq bilanċ bejn il-protezzjoni effettiva tas-suq intern u l-ħtieġa li jiġi limitat il-piż amministrattiv fuq l-impriżi soġġetti għal dan ir-Regolament. Għaldaqstant, huma biss il-konċentrazzjonijiet li jilħqu l-livelli limitu kkombinati kif definiti f'dan ir-Regolament ibbażati fuq id-daqs tal-fatturat fl-Unjoni u d-daqs tas-sussidju li jenħtieġ li jkunu soġġetti għal notifika obbligatorja minn qabel. ***L-effettività ta' dawn il-livelli limitu jenħtieġ li tkun soġġetta għal rapport separat wara sena ta' applikazzjoni.*** |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 31**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (31) Taħt il-livelli limitu ta' notifika, il-Kummissjoni ***tista'*** tirrikjedi n-notifika ta' konċentrazzjonijiet potenzjalment sussidjati li kienu għadhom ma ġewx implimentati jew in-notifika ta' offerti potenzjalment sussidjati qabel l-għoti ta' kuntratt pubbliku, jekk tqis li l-konċentrazzjoni jew l-offerta tkun timmerita rieżami ex ante minħabba l-impatt tagħha fl-Unjoni. Il-Kummissjoni għandu jkollha wkoll il-possibbiltà li twettaq rieżami fuq inizjattiva tagħha stess ta' konċentrazzjonijiet diġà implimentati jew kuntratti pubbliċi li jkunu ngħataw. | (31) ***Meta tapplika rieżami ex officio u tittratta n-notifiki, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżgura wkoll koerenza u koordinazzjoni tajba bejn dan ir-Regolament u l-mekkaniżmi ta' skrinjar għall-investiment, inkluż għal setturi strateġiċi.*** Taħt il-livelli limitu ta' notifika, il-Kummissjoni ***għandha*** tirrikjedi n-notifika ta' konċentrazzjonijiet potenzjalment sussidjati li kienu għadhom ma ġewx implimentati jew in-notifika ta' offerti potenzjalment sussidjati qabel l-għoti ta' kuntratt pubbliku, jekk tqis li l-konċentrazzjoni jew l-offerta tkun timmerita rieżami ex ante minħabba l- |

impatt tagħha fl-Unjoni. Il-Kummissjoni għandu jkollha wkoll il-possibbiltà li twettaq rieżami fuq inizjattiva tagħha stess ta' konċentrazzjonijiet diġà implimentati jew kuntratti pubbliċi li jkunu ngħataw. ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li tippubblika gwida dwar il-kriterji biex tinfetaħ proċedura bħal din.***

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 32a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(32a) Minkejja kwalunkwe kuntatt potenzjali ta' qabel in-notifika, għal konċentrazzjonijiet notifikabbli, u fejn ma jkunx hemm ċirkostanzi speċjali, il-Kummissjoni jenħtieġ li jkollha l-possibbiltà li twettaq proċedura simplifikata li skontha l-Kummissjoni tittratta ċerti konċentrazzjonijiet abbażi tal-fatt li dawn ma jqajmux tħassib dwar il-kompetizzjoni u tadotta u tippubblika deċiżjoni f'forma mqassra li tiddikjara li l-effetti pożittivi huma ferm akbar minn distorsjoni fis-suq intern.*** |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 39**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (39) Fl-interess tat-trasparenza u ċ-ċertezza tad-dritt, huwa xieraq li d-deċiżjonijiet kollha adottati mill-Kummissjoni ***jiġu ppubblikati*** fl-intier tagħhom jew f'forma mqassra. | (39) Fl-interess tat-trasparenza u ċ-ċertezza tad-dritt, huwa xieraq li ***l-Kummissjoni tippubblika*** d-deċiżjonijiet kollha adottati mill-Kummissjoni, fl-intier tagħhom jew f'forma mqassra. |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 42**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (42) L-impriżi jew assoċjazzjonijiet ta' impriżi kkonċernati minn investigazzjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jkollhom l-opportunità li jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom. Filwaqt li tiġi żgurata l-preservazzjoni tad-drittijiet tad-difiża tal-impriżi kkonċernati, huwa essenzjali li s-sigrieti kummerċjali jiġu protetti. | (42) L-impriżi jew assoċjazzjonijiet ta' impriżi kkonċernati minn investigazzjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jkollhom l-opportunità li jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom***; dan jinkludi osservazzjonijiet dwar ir-raġunament maħsub għal miżuri interim jew deċiżjoni ta' revoka***. Filwaqt li tiġi żgurata l-preservazzjoni tad-drittijiet tad-difiża tal-impriżi kkonċernati, huwa essenzjali li s-sigrieti kummerċjali jiġu protetti. |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 43**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (43) L-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament mill-Unjoni jenħtieġ li tkun konformi mad-dritt tal-Unjoni, mal-Ftehim tad-WTO u tkun konsistenti mal-impenji li jkunu saru skont ftehimiet kummerċjali u ta' investiment oħra li l-Unjoni jew l-Istati Membri jkunu partijiet tagħhom. | (43) L-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament mill-Unjoni jenħtieġ li tkun konformi mad-dritt tal-Unjoni, mal-Ftehim tad-WTO u tkun konsistenti mal-impenji li jkunu saru skont ftehimiet kummerċjali u ta' investiment oħra li l-Unjoni jew l-Istati Membri jkunu partijiet tagħhom. ***Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għall-iżvilupp ta' regoli multilaterali biex jiġu indirizzati s-sussidji distorsivi.*** |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 48**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (48) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fis-suq intern anke fit-tul, bil-ħsieb li tiġi żgurata | (48) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fis-suq intern anke fit-tul, bil-ħsieb li tiġi żgurata |

kopertura adegwata ta' każijiet investigati kemm permezz ta' notifiki kif ukoll ex officio, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward ***tal-emendar tal-limiti ta' notifika għall-konċentrazzjonijiet u għall-proċeduri*** ta' ***akkwist pubbliku***, fir-rigward tal-eżenzjoni ta' ċerti kategoriji ta' impriżi mill-obbligi ta' notifika skont dan ir-Regolament, kif ukoll fir-rigward tal-emendar tal-limiti ta' żmien għar-rieżami preliminari u l-investigazzjonijiet fil-fond ta' konċentrazzjonijiet notifikati jew ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji notifikati fil-kuntest ta' proċedura għall-akkwist pubbliku. Fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji fil-kuntest ta' proċedura ta' akkwist pubbliku, is-setgħa li jiġu adottati tali atti jenħtieġ li tiġi eżerċitata b'mod li jitqiesu l-interessi tal-SMEs. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa tul it-tħejjija ta' dawn l-atti, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawn il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[47]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

[47] Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1).

kopertura adegwata ta' każijiet investigati kemm permezz ta' notifiki kif ukoll ex officio, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward ***fir-rigward tal-ispeċifikar tal-metodoloġija sottostanti tal-valutazzjoni*** ta' ***bbilanċjar***, fir-rigward tal-eżenzjoni ta' ċerti kategoriji ta' impriżi mill-obbligi ta' notifika skont dan ir-Regolament, kif ukoll fir-rigward tal-emendar tal-limiti ta' żmien għar-rieżami preliminari u l-investigazzjonijiet fil-fond ta' konċentrazzjonijiet notifikati jew ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji notifikati fil-kuntest ta' proċedura għall-akkwist pubbliku. Fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji fil-kuntest ta' proċedura ta' akkwist pubbliku, is-setgħa li jiġu adottati tali atti jenħtieġ li tiġi eżerċitata b'mod li jitqiesu l-interessi tal-SMEs. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa tul it-tħejjija ta' dawn l-atti, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawn il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[47]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

[47] Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1).

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 48a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(48a) Dan ir-Regolament qiegħed inaqqas id-diskrepanza legali billi jindirizza d-distorsjonijiet ikkawżati minn sussidji barranin. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrieżamina l-applikazzjoni u l-effettività ta' dan ir-Regolament fi żmien tliet snin u kull sentejn minn hemm 'il quddiem. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tippubblika rapport ta' valutazzjoni dwar it-tħaddim tal-livelli limitu biex jiġu notifikati każijiet ta' proċeduri ta' konċentrazzjonijiet u akkwist pubbliku lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa ... [12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi dwar rieżami leġiżlattiv, jekk ikun meħtieġ.*** |

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli u l-proċeduri għall-investigazzjoni ta' sussidji barranin li joħolqu distorsjonijiet fis-suq intern u għar-rimedju ta' tali distorsjonijiet. Tali distorsjonijiet jistgħu jinqalgħu fir-rigward ta' kwalunkwe attività ekonomika, u b'mod partikolari f'konċentrazzjonijiet u fi proċeduri ta' akkwist pubbliku. | (1) Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli u l-proċeduri għall-investigazzjoni ta' sussidji barranin li joħolqu distorsjonijiet fis-suq intern u għar-rimedju ta' tali distorsjonijiet ***u sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwi fis-suq uniku***. Tali distorsjonijiet jistgħu jinqalgħu fir-rigward ta' kwalunkwe attività ekonomika, u b'mod partikolari f'konċentrazzjonijiet u fi proċeduri ta' akkwist pubbliku. |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Dan ir-Regolament jindirizza sussidji barranin ***mogħtija*** lil impriża involuta ***f'attività*** ekonomika fis-suq intern. Impriża li takkwista l-kontroll jew li tingħaqad ma' impriża stabbilita fl-Unjoni jew impriża li tipparteċipa fi proċedura ta' akkwist pubbliku titqies li tkun involuta f'attività ekonomika fis-suq intern. | (2) Dan ir-Regolament jindirizza sussidji barranin ***li jagħtu vantaġġ*** lil impriża involuta ***fi kwalunkwe attività*** ekonomika fis-suq intern. Impriża li takkwista l-kontroll jew li tingħaqad ma' impriża stabbilita fl-Unjoni jew impriża li tipparteċipa fi proċedura ta' akkwist pubbliku titqies li tkun involuta f'attività ekonomika fis-suq intern. |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt a – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) kontribuzzjoni finanzjarja għandha tinkludi: | (a) kontribuzzjoni finanzjarja għandha tinkludi ***fost l-oħrajn***: |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt b – punt iiia (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(iiia) drittijiet speċjali jew esklussivi.*** |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Distorsjoni fis-suq intern għandha titqies li teżisti meta sussidju barrani jista' jtejjeb il-pożizzjoni kompetittiva tal-impriża fis-suq intern u meta, b'dan il-mod, | (1) Distorsjoni fis-suq intern għandha titqies li teżisti meta sussidju barrani jista' jtejjeb il-pożizzjoni kompetittiva tal-impriża fis-suq intern u meta, b'dan il-mod, |

| | |
|---|---|
| effettivament jew potenzjalment jaffettwa b'mod negattiv il-kompetizzjoni fis-suq intern. Jekk hemmx distorsjoni fis-suq intern għandu jiġi ddeterminat skont indikaturi, li jistgħu jinkludu dawn li ġejjin: | effettivament jew potenzjalment jaffettwa b'mod negattiv il-kompetizzjoni fis-suq intern. Jekk hemmx distorsjoni fis-suq intern għandu jiġi ddeterminat skont indikaturi, li jistgħu jinkludu***, fost l-oħrajn,*** dawn li ġejjin: |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) il-livell ta' attività ekonomika tal-impriża kkonċernata fis-suq intern**.** | (d) il-livell ***u l-evoluzzjoni*** ta' attività ekonomika tal-impriża kkonċernata fis-suq intern***;*** |

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) il-livell ta' attività ekonomika tal-impriża kkonċernata fis-suq domestiku;*** |

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) sussidju barrani mogħti lil impriża f'diffikultà, ***jiġifieri waħda li*** aktarx tfalli fit-terminu qasir jew medju fin-nuqqas ta' sussidju, sakemm ma jkunx hemm pjan ta' ristrutturar li jkun kapaċi jwassal għall-vijabbiltà fit-tul ta' dik l-impriża u li jkun jinkludi kontribuzzjoni proprja sinifikanti mill-impriża; | (1) sussidju barrani mogħti lil impriża f'diffikultà, ***li kieku*** aktarx tfalli fit-terminu qasir jew medju fin-nuqqas ta' sussidju, sakemm ma jkunx hemm pjan ta' ristrutturar li jkun kapaċi jwassal għall-vijabbiltà fit-tul ta' dik l-impriża u li jkun jinkludi kontribuzzjoni proprja sinifikanti mill-impriża; |

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) sussidju barrani li jippermetti lil impriża tippreżenta offerta indebitament vantaġġuża, li abbażi tagħha l-impriża tingħata l-kuntratt pubbliku**.** | (4) sussidju barrani li jippermetti lil impriża tippreżenta offerta indebitament vantaġġuża ***bħal offerta anormalment baxxa msemmija fl-Artikolu 69 tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[1a], li abbażi tagħha l-impriża tingħata l-kuntratt pubbliku***;*** |
| | ___________________ |
| | [1a] ***Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE,*** *ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65.* |

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 - paragrafu 1 - punt 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4a) krediti tal-esportazzjoni li mhumiex konformi mal-Arranġament tal-OECD dwar krediti tal-esportazzjoni appoġġjati uffiċjalment.*** |

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Il-Kummissjoni għandha, fejn ġustifikat, tibbilanċja l-effetti negattivi ta' sussidju barrani f'termini ta' distorsjoni fis-suq intern bl-effetti pożittivi ***fuq l-iżvilupp tal-attività ekonomika rilevanti***. | (1) Il-Kummissjoni għandha, fejn ġustifikat, tibbilanċja l-effetti negattivi ta' sussidju barrani f'termini ta' distorsjoni***,*** fis-suq intern***, inkluż*** bl-effetti pożittivi ***usa' relatati mal-objettivi ta' politika bħall-*** |

| | |
|---|---|
| | ***objettivi bbażati fuq ftehimiet internazzjonali*.** |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Il-Kummissjoni għandha tqis l-ibbilanċjar bejn l-effetti negattivi u pożittivi meta tiddeċiedi jekk timponix miżuri ta' rimedju jew taċċettax impenji, u n-natura u l-livell ta' dawk il-miżuri ta' rimedju jew impenji. | (2) Il-Kummissjoni għandha tqis l-ibbilanċjar bejn l-effetti negattivi u pożittivi meta tiddeċiedi jekk timponix miżuri ta' rimedju jew taċċettax impenji, u n-natura u l-livell ta' dawk il-miżuri ta' rimedju jew impenji ***filwaqt li tirrispetta ir-reġim internazzjonali dwar il-kummerċ, bħad-dritt tad-WTO u l-ftehimiet ta' kummerċ ħieles. Fl-analiżi tagħha, il-Kummissjoni għandha tqis l-prinċipji ġenerali applikati meta tiġi vvalutata l-kompatibbiltà tal-għajnuna mill-Istat mas-suq intern.*** |

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2a) Il-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi żvelata fuq sit web apposta tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha anke tipprevedi għal ġustifikazzjoni fuq l-istess sit web kull meta ma jitwettaqx test ta' bbilanċjar skont il-paragrafu 1.*** |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Sabiex tirrimedja d-distorsjoni fis-suq intern realment jew potenzjalment ikkawżata minn sussidju barrani, il-Kummissjoni ***tista'*** timponi miżuri ta' rimedju. L-impriża kkonċernata tista' wkoll toffri impenji. | (1) Sabiex tirrimedja d-distorsjoni fis-suq intern realment jew potenzjalment ikkawżata minn sussidju barrani, il-Kummissjoni ***għandha*** timponi miżuri ta' rimedju ***sakemm il-valutazzjoni ta' bbilanċjar imsemmija fl-Artikolu 5 tiddetermina li l-effetti pożittivi jegħlbu bis-sħiħ dawk negattivi***. L-impriża kkonċernata tista' wkoll toffri impenji. ***L-impenji u l-miżuri ta' rimedju jistgħu jiġu imposti fl-istess ħin.*** |

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 3 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) L-impenji jew il-miżuri ta' rimedju jistgħu jikkonsistu f'dan li ġej: | (3) L-impenji jew il-miżuri ta' rimedju jistgħu jikkonsistu***, fost l-oħrajn,*** f'dan li ġej: |

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) it-tnaqqis tal-kapaċità jew tal-preżenza fis-suq; | (b) it-tnaqqis tal-kapaċità jew tal-preżenza fis-suq***, inkluż permezz ta' restrizzjoni temporanja fuq l-attività kummerċjali fis-suq intern***; |

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt ha (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ha) ir-restrizzjoni tal-parteċipazzjoni, b'mod dirett jew indirett, fi proċeduri ġodda ta' akkwist pubbliku b'mod partikolari dawk ta' kuntratt ta' konċessjoni fis-suq intern u l-projbizzjoni tal-għoti ta' kuntratt pubbliku;*** |

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt hb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(hb) il-ħtieġa li l-impriżi kkonċernati jadattaw l-istruttura ta' governanza tagħhom.*** |

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Jekk impriża toffri impenji li jirrimedjaw kompletament u effettivament id-distorsjoni fis-suq intern, il-Kummissjoni tista' taċċettahom u tagħmilhom vinkolanti fuq l-impriża f'deċiżjoni b'impenji f'konformità mal-Artikolu 9(3). | (5) Jekk impriża toffri impenji li jirrimedjaw kompletament u effettivament id-distorsjoni fis-suq intern, il-Kummissjoni tista' taċċettahom u tagħmilhom vinkolanti fuq l-impriża f'deċiżjoni b'impenji f'konformità mal-Artikolu 9(3). ***Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-konformità tal-impriża mal-impenji offruti.*** |

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fuq inizjattiva tagħha stess, il-Kummissjoni tista' teżamina informazzjoni minn kwalunkwe sors rigward allegati sussidji barranin distorsivi. | Fuq inizjattiva tagħha stess, il-Kummissjoni tista' teżamina informazzjoni minn kwalunkwe sors rigward allegati sussidji barranin distorsivi. ***Il-Kummissjoni għandha teżamina l-informazzjoni ppreżentata mill-Istati Membri. Stat Membru li jkollu evidenza tal-eżistenza ta' sussidju potenzjalment distorsiv, jista' jipprovdi tali evidenza lill-Kummissjoni.*** |

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) tinforma lill-impriża kkonċernata; kif ukoll | (b) tinforma lill-impriża kkonċernata ***u fejn xieraq lill-Istati Membri wkoll***; kif ukoll |

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) Sa ... [id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tippubblika gwida dwar il-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu.*** |

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) ikun hemm riskju serju ta' ħsara | (2) ikun hemm riskju serju ta' ħsara |

| | |
|---|---|
| sostanzjali ***u irreparabbli*** għall-kompetizzjoni fis-suq intern. | sostanzjali għall-kompetizzjoni fis-suq intern. |

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 - paragrafu 1 - punt 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2a) Il-miżuri interim jistgħu jiġu estiżi fejn tibqa' teżisti l-indikazzjoni ta' effetti ta' distorsjoni jew ir-riskju serju ta' ħsara sostanzjali għall-kompetizzjoni fis-suq intern.*** |

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Talbiet għal informazzjoni | Talbiet għal informazzjoni ***u għoti*** |

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Il-Kummissjoni tista' tirrikjedi li impriża kkonċernata tipprovdi l-informazzjoni neċessarja kollha. | (1) Il-Kummissjoni tista' tirrikjedi li impriża kkonċernata tipprovdi l-informazzjoni neċessarja kollha ***biex twettaq il-kompiti assenjati lilha f'dan ir-Regolament***. |

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 3 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) ir-rispett tal-prinċipju tal-proporzjonalità;*** |

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) Impriża, li jkollha evidenza tal-eżistenza ta' sussidju potenzjalment distorsiv, tista' tipprovdi tali evidenza lill-Kummissjoni, billi twieġeb għal kwestjonarji standard, ippubblikati mill-Kummissjoni fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni.*** |

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Il-Kummissjoni tista' twettaq l-ispezzjonijiet tal-impriżi li jkunu meħtieġa. | (1) ***Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament,*** il-Kummissjoni tista' twettaq l-ispezzjonijiet tal-impriżi li jkunu meħtieġa. |

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Sabiex twettaq id-dmirijiet li dan ir-Regolament jassenjalha, il-Kummissjoni tista' twettaq spezzjonijiet fit-territorju ta' pajjiż terz, dment ***li l-impriża kkonċernata tkun tat il-kunsens tagħha u*** li l-gvern tal- | Sabiex twettaq id-dmirijiet li dan ir-Regolament jassenjalha, il-Kummissjoni tista' twettaq spezzjonijiet fit-territorju ta' pajjiż terz, dment li l-gvern tal-pajjiż terz ikun ġie nnotifikat uffiċjalment u jkun |

| | |
|---|---|
| pajjiż terz ikun ġie nnotifikat uffiċjalment u jkun qabel mal-ispezzjoni. L-Artikoli 12(1), (2) u (3), il-punti (a) u (b) għandhom japplikaw mutatis mutandis. | qabel mal-ispezzjoni. L-Artikoli 12(1), (2) u (3), il-punti (a) u (b) għandhom japplikaw mutatis mutandis. |

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| F'konċentrazzjoni, il-valutazzjoni dwar jekk hemmx distorsjoni fis-suq intern skont it-tifsira tal-Artikoli 3 jew 4 għandha tkun limitata għall-konċentrazzjoni inkwistjoni. Fil-valutazzjoni għandhom jitqiesu biss is-sussidji barranin mogħtija ***fit-tliet*** snin kalendarji qabel il-konklużjoni tal-ftehim, it-tħabbira tal-offerta pubblika, jew l-akkwist ta' interess kontrollanti. | F'konċentrazzjoni, il-valutazzjoni dwar jekk hemmx distorsjoni fis-suq intern skont it-tifsira tal-Artikoli 3 jew 4 għandha tkun limitata għall-konċentrazzjoni inkwistjoni. Fil-valutazzjoni għandhom jitqiesu biss is-sussidji barranin mogħtija ***fil-ħames*** snin kalendarji qabel il-konklużjoni tal-ftehim, it-tħabbira tal-offerta pubblika, jew l-akkwist ta' interess kontrollanti. |

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Konċentrazzjonijiet notifikabbli għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni qabel l-implimentazzjoni tagħhom u wara l-konklużjoni tal-ftehim, it-tħabbir tal-offerta pubblika, jew l-akkwist ta' interess ta' kontroll. | (1) Konċentrazzjonijiet notifikabbli ***skont il-livelli limitu stabbiliti fl-Artikolu 18*** għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni qabel l-implimentazzjoni tagħhom u wara l-konklużjoni tal-ftehim, it-tħabbir tal-offerta pubblika, jew l-akkwist ta' interess ta' kontroll. |

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) L-impriżi jistgħu jitolbu*** |

| | |
|---|---|
| | ***konsultazzjonijiet ta' qabel in-notifika mal-Kummissjoni bbażati fuq bona fide, li l-għan esklussiv tagħhom għandu jkun li jistabbilixxu jekk il-limiti formali għan-notifika ntlaħqux jew le.*** |

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Jekk l-impriżi kkonċernati jonqsu milli jissodisfaw l-obbligu tagħhom li jinnotifikaw, il-Kummissjoni ***tista'*** tirrieżamina konċentrazzjoni notifikabbli skont dan ir-Regolament billi titlob in-notifika ta' dik il-konċentrazzjoni. F'dak il-każ il-Kummissjoni m'għandhiex tkun marbuta bil-limiti ta' żmien imsemmija fl-Artikolu 23(1) u (4). | (4) Jekk l-impriżi kkonċernati jonqsu milli jissodisfaw l-obbligu tagħhom li jinnotifikaw, il-Kummissjoni ***għandha*** tirrieżamina konċentrazzjoni notifikabbli skont dan ir-Regolament billi titlob in-notifika ta' dik il-konċentrazzjoni. F'dak il-każ il-Kummissjoni m'għandhiex tkun marbuta bil-limiti ta' żmien imsemmija fl-Artikolu 23(1) u (4). |

**Emenda 59**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 23 – paragrafu 8a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8a) Kull rieżami preliminari jew investigazzjoni fil-fond għandhom jiġu nnotifikati lill-Istati Membri, li jistgħu jkunu kkonċernati mill-konċentrazzjoni.*** |

**Emenda 60**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) Il-multi u l-pagamenti perjodiċi ta' penali stabbiliti f'dan l-Artikolu jistgħu jiġu imposti simultanjament.*** |

**Emenda 61**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 33-a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 33-a*** |
| | ***Informazzjoni u djalogu*** |
| | ***(1) Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi network strutturat ta' kooperazzjoni u komunikazzjoni mal-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri biex tikkondividi l-informazzjoni u tikkoordina l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.*** |
| | ***(2) Stat Membru li jkollu evidenza tal-eżistenza ta' sussidju potenzjalment distorsiv, jista' jipprovdi tali evidenza lill-Kummissjoni. Għal dak il-għan, kull Stat Membru u l-Kummissjoni għandhom jistabbilixxu punt ta' kuntatt. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi sistema sigura biex tagħti appoġġ lill-kooperazzjoni diretta u skambju ta' informazzjoni bejn il-punti ta' kuntatt u l-Kummissjoni.*** |
| | ***(3) L-impriżi jistgħu jitolbu konsultazzjonijiet ta' qabel in-notifika mal-Kummissjoni bbażati fuq bona fide, li l-għan esklussiv tagħhom għandu jkun li jistabbilixxu jekk il-limiti formali għan-notifika ntlaħqux jew le.*** |

**Emenda 62**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 34 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Fejn l-informazzjoni disponibbli tissostanzja suspett raġonevoli li s-sussidji barranin f'settur partikolari, għal tip | (1) Fejn l-informazzjoni disponibbli tissostanzja suspett raġonevoli li s-sussidji barranin f'settur partikolari, għal tip |

| | |
|---|---|
| partikolari ta' attività ekonomika jew abbażi ta' strument ta' sussidju partikolari jistgħu joħolqu distorsjoni fis-suq intern, il-Kummissjoni tista' twettaq investigazzjoni tas-suq fis-settur partikolari, it-tip ta' attività ekonomika partikolari jew l-użu tal-istrument ta' sussidju kkonċernat. Matul dik l-investigazzjoni tas-suq, il-Kummissjoni tista' titlob lill-impriżi jew lill-assoċjazzjonijiet ta' impriżi kkonċernati biex jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa u tista' twettaq l-ispezzjonijiet meħtieġa. Il-Kummissjoni tista' titlob ukoll lill-Istat Membru jew lill-pajjiż terz ikkonċernat biex jipprovdi informazzjoni. | partikolari ta' attività ekonomika jew abbażi ta' strument ta' sussidju partikolari jistgħu joħolqu distorsjoni fis-suq intern, il-Kummissjoni tista' twettaq investigazzjoni tas-suq fis-settur partikolari, it-tip ta' attività ekonomika partikolari jew l-użu tal-istrument ta' sussidju kkonċernat. Matul dik l-investigazzjoni tas-suq, il-Kummissjoni tista' titlob lill-impriżi jew lill-assoċjazzjonijiet ta' impriżi kkonċernati***, kif ukoll lill-awtoritajiet rilevanti tas-suq nazzjonali,*** biex jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa u tista' twettaq l-ispezzjonijiet meħtieġa. Il-Kummissjoni tista' titlob ukoll lill-Istat Membru jew lill-pajjiż terz ikkonċernat biex jipprovdi informazzjoni. |

**Emenda 63**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 35 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Is-setgħat tal-Kummissjoni li timponi multi u ħlasijiet perjodiċi ta' penali skont l-Artikoli 15, 25 u 32 għandhom ikunu soġġetti għal perjodu ta' limitazzjoni ta' ***tliet*** snin, li jibda mill-jum li fih ikun seħħ il-ksur imsemmi fl-Artikoli 15, 25 jew 32. Fil-każ ta' ksur kontinwu jew ripetut, il-perjodu ta' limitazzjoni għandu jibda mill-jum li fih jieqaf il-ksur. Kwalunkwe azzjoni meħuda mill-Kummissjoni fir-rigward ta' ksur imsemmi fl-Artikoli 15, 25 jew 32 għandha tinterrompi l-perjodu ta' limitazzjoni għall-impożizzjoni ta' multi jew ħlasijiet perjodiċi ta' penali. Wara kull interruzzjoni, il-perjodu ta' limitazzjoni għandu jerġa' jibda jiddekorri mill-ġdid. | (2) Is-setgħat tal-Kummissjoni li timponi multi u ħlasijiet perjodiċi ta' penali skont l-Artikoli 15, 25 u 32 għandhom ikunu soġġetti għal perjodu ta' limitazzjoni ta' ***ħames*** snin, li jibda mill-jum li fih ikun seħħ il-ksur imsemmi fl-Artikoli 15, 25 jew 32. Fil-każ ta' ksur kontinwu jew ripetut, il-perjodu ta' limitazzjoni għandu jibda mill-jum li fih jieqaf il-ksur. Kwalunkwe azzjoni meħuda mill-Kummissjoni fir-rigward ta' ksur imsemmi fl-Artikoli 15, 25 jew 32 għandha tinterrompi l-perjodu ta' limitazzjoni għall-impożizzjoni ta' multi jew ħlasijiet perjodiċi ta' penali. Wara kull interruzzjoni, il-perjodu ta' limitazzjoni għandu jerġa' jibda jiddekorri mill-ġdid. |

**Emenda 64**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 38 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Il-Kummissjoni għandha, qabel ma tadotta deċiżjoni skont l-Artikoli 9, 15, 24(3) punt (c), 25, 30(2) jew 32 tagħti lill-impriża kkonċernata l-opportunità li tippreżenta osservazzjonijiet dwar ir-raġunijiet li fuqhom il-Kummissjoni biħsiebha tadotta d-deċiżjoni tagħha. | (1) Il-Kummissjoni għandha, qabel ma tadotta deċiżjoni skont l-Artikoli 9, ***10,*** 15, ***16,*** 24(3) punt (c), 25, 30(2) jew 32 tagħti lill-impriża kkonċernata l-opportunità li tippreżenta osservazzjonijiet dwar ir-raġunijiet li fuqhom il-Kummissjoni biħsiebha tadotta d-deċiżjoni tagħha. |

**Emenda 65**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 44 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(a) l-emendar tal-limiti għan-notifiki kif stabbilit fl-Artikoli 18 u 27, fid-dawl tal-prattika tal-Kummissjoni matul l-ewwel ħames snin tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, u b'kont meħud tal-effettività tal-applikazzjoni;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 66**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 44 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) l-ispeċifikazzjoni tal-metodoloġija sottostanti għall-valutazzjoni ta' bbilanċjar u b'mod partikolari għad-determinazzjoni tal-effetti pożittivi fuq is-suq intern, inklużi effetti pożittivi usa' relatati mal-objettivi ta' politika bħal objettivi bbażati fuq ftehimiet internazzjonali msemmija fl-Artikolu 5(1) kif ukoll il-kriterji biex jingħelbu l-effetti;*** |

**Emenda 67**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 45 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Att delegat adottat skont l-Artikolu 44 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien ***xahrejn*** min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż ***b'xahrejn*** fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill. | (6) Att delegat adottat skont l-Artikolu 44 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien ***tliet xhur*** min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż ***bi tliet xhur*** fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill. |

**Emenda 68**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 46 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Sa ***mhux aktar tard minn ħames*** snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ***ta' dan ir-Regolament***, ***akkumpanjat, fejn il-Kummissjoni tqis li jkun xieraq, minn proposti leġiżlattivi rilevanti***. | Sa ***tliet*** snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ***u mbagħad kull sentejn***, il-Kummissjoni għandha ***tirrieżamina l-funzjonament u l-effettività ta' dan ir-Regolament u*** tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ***tiegħu. Fir-rapport tagħha***, ***il-Kummissjoni għandha b'mod partikolari tanalizza l-adegwatezza tal-limiti għall-konċentrazzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 18***. |

**Emenda 69**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 46 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fejn ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1*** |

***jirrakkomanda emendi għal dan ir-Regolament u fejn il-Kummissjoni tqis li dan ikun xieraq fid-dawl tal-prattika tagħha matul l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u b'kont meħud tal-effettività tal-applikazzjoni, ir-rapport jista' jkun akkumpanjat minn proposti leġiżlattivi rilevanti.***

**Emenda 70**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 46 – paragrafu 1b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport separat dwar l-operat tal-livelli limitu ta' notifika, kif stabbiliti fl-Artikolu 18, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa... [tnax-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u fejn adatt għandha tipproponi emendi biex jinbidlu dawn il-livelli limitu filwaqt li titqies l-effettività tal-applikazzjoni tagħhom.*** |

**Emenda 71**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 46 – paragrafu 1c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-Kummissjoni tista' tipproponi wkoll li jitħassar dan ir-Regolament jekk tqis li r-regoli multilaterali biex jiġu indirizzati s-sussidji distortivi rendew dan ir-Regolament kompletament superfluwu.*** |

**Emenda 72**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 47 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Dan ir-Regolament m'għandux japplika għal konċentrazzjonijiet li għalihom ġie konkluż il-ftehim, tħabbret l-offerta pubblika, jew inkiseb interess ta' kontroll qabel id-data ta' applikazzjoni tar-Regolament. | (3) ***Minkejja l-paragrafu 1,*** dan ir-Regolament m'għandux japplika għal konċentrazzjonijiet li għalihom ġie konkluż il-ftehim, tħabbret l-offerta pubblika, jew inkiseb interess ta' kontroll qabel id-data ta' applikazzjoni tar-Regolament. |

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Sussidji barranin li joħolqu distorsjoni fis-suq intern |
| **Referenzi** | COM(2021)0223 – C9-0167/2021 – 2021/0114(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | INTA<br>7.6.2021 |
| **Opinjoni(jiet) mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ECON<br>7.6.2021 |
| **Kumitati assoċjati - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja** | 25.11.2021 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Stéphanie Yon-Courtin<br>1.9.2021 |
| **Eżami fil-kumitat** | 24.1.2022 28.2.2022 |
| **Data tal-adozzjoni** | 31.3.2022 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 41<br>–: 1<br>0: 13 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Gunnar Beck, Isabel Benjumea Benjumea, Stefan Berger, Gilles Boyer, Carlo Calenda, Engin Eroglu, Markus Ferber, Jonás Fernández, Frances Fitzgerald, José Manuel García-Margallo y Marfil, Luis Garicano, Valentino Grant, Claude Gruffat, Enikő Győri, Eero Heinäluoma, Michiel Hoogeveen, Danuta Maria Hübner, Stasys Jakeliūnas, France Jamet, Othmar Karas, Billy Kelleher, Ondřej Kovařík, Ioannis Lagos, Aurore Lalucq, Philippe Lamberts, Aušra Maldeikienė, Pedro Marques, Costas Mavrides, Csaba Molnár, Siegfried Mureşan, Luděk Niedermayer, Lefteris Nikolaou-Alavanos, Piernicola Pedicini, Lídia Pereira, Kira Marie Peter-Hansen, Sirpa Pietikäinen, Dragoş Pîslaru, Evelyn Regner, Antonio Maria Rinaldi, Dorien Rookmaker, Alfred Sant, Joachim Schuster, Ralf Seekatz, Pedro Silva Pereira, Paul Tang, Irene Tinagli, Ernest Urtasun, Inese Vaidere, Johan Van Overtveldt, Stéphanie Yon-Courtin, Marco Zanni, Roberts Zīle |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Manon Aubry, Damien Carême, Roman Haider, Chris MacManus, Jessica Stegrud |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 41 | + |
|---|---|
| ECR | Michiel Hoogeveen, Dorien Rookmaker, Jessica Stegrud, Johan Van Overtveldt, Roberts Zīle |
| NI | Enikő Győri, Ioannis Lagos |
| PPE | Isabel Benjumea Benjumea, Stefan Berger, Markus Ferber, Frances Fitzgerald, José Manuel García-Margallo y Marfil, Danuta Maria Hübner, Othmar Karas, Aušra Maldeikienė, Siegfried Mureşan, Luděk Niedermayer, Lídia Pereira, Sirpa Pietikäinen, Ralf Seekatz, Inese Vaidere |
| Renew | Gilles Boyer, Carlo Calenda, Engin Eroglu, Luis Garicano, Billy Kelleher, Ondřej Kovařík, Dragoş Pîslaru, Stéphanie Yon-Courtin |
| S&D | Jonás Fernández, Aurore Lalucq, Pedro Marques, Costas Mavrides, Csaba Molnár, Evelyn Regner, Alfred Sant, Joachim Schuster, Pedro Silva Pereira, Paul Tang, Irene Tinagli |
| Verts/ALE | Philippe Lamberts |

| 1 | - |
|---|---|
| NI | Lefteris Nikolaou-Alavanos |

| 13 | 0 |
|---|---|
| ID | Gunnar Beck, Valentino Grant, Roman Haider, France Jamet, Antonio Maria Rinaldi, Marco Zanni |
| The Left | Chris MacManus |
| Verts/ALE | Damien Carême, Claude Gruffat, Stasys Jakeliūnas, Piernicola Pedicini, Kira Marie Peter-Hansen, Ernest Urtasun |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

29.3.2022

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SUQ INTERN U L-ĦARSIEN TAL-KONSUMATUR

għall-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sussidji barranin li joħolqu distorsjoni fis--suq intern
(COM(2021)0223 – C9-0167/2021 – 2021/0114(COD))

Rapporteur għal opinjoni: (*) : Christian Doleschal

(*) Kumitat assoċjat – Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura

PA_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

L-Unjoni Ewropea hija interkonnessa mill-qrib mal-ekonomija dinjija. Fl-2019 il-kummerċ ta' prodotti u servizzi kien jiswa EUR 5 984 biljun[1], li jammonta għal 16,4 % tal-kummerċ globali kumplessiv. Il-fluss tal-prodotti, tas-servizzi u tal-kapital lejn u barra mill-UE jikkontribwixxi għat-tkabbir tagħha billi jsaħħaħ il-kompetittività, joħloq l-impjiegi, jistimola l-innovazzjoni u jiftaħ swieq ġodda.[2] Fl-2017 l-UE28 kienu d-destinazzjoni għal terz mill-istokks ta' investiment fid-dinja[3]. L-investiment dirett barrani huwa sors ta' impjieg, tkabbir u kompetittività li jintlaqa' sew. Is-suq uniku miftuħ tal-UE huwa l-aktar assi prezzjuża li għandna. Madankollu, il-ftuħ jeħtieġ ekwità.

F'dawn l-aħħar snin jidher li f'ċerti każijiet is-sussidji barranin kellhom effett distorsiv fuq is-suq intern tal-UE u li ħolqu kundizzjonijiet li ma kinux ekwivalenti għall-kompetizzjoni. Filwaqt li hemm biss data limitata affidabbli dwar is-sussidji mogħtija minn pajjiżi terzi, hemm għadd dejjem jikber ta' każijiet fejn is-sussidji barranin jidhru li ffaċilitaw l-akkwist ta' kumpaniji tal-UE, influwenzaw deċiżjonijiet ta' investiment, taw vantaġġi inġusti fl-għoti ta' kuntratti pubbliċi jew inkella influwenzaw l-imġiba tal-benefiċjarji tagħhom fis-suq tal-UE, għad-detriment tal-kompetizzjoni ġusta.

Bħalissa ma hemm l-ebda regola speċifika tal-UE li tindirizza l-effetti possibbilment distorsivi tas-sussidji fuq is-suq intern. Filwaqt li l-UE għandha sistema ta' kontroll tal-għajnuna mill-Istat minquxa fl-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni

[1] DG Trade Statistical Guide (Gwida tal-Istatistika ta' DĠ Kummerċ), Awwissu 2020, teskludi l-kummerċ intra-UE; https://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2013/may/tradoc_151348.pdf
[2] Rapport tal-Kummissjoni dwar l-Implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-Politika Kummerċjali għal Kulħadd: It-Twettiq ta' Politika Kummerċjali Progressiva li Tisfrutta b'Mod Għaqli l-Globalizzazzjoni (COM(2017) 491 final).
[3] Eurostat, Foreign Affiliates Statistics (FATS) (Statistika fuq Affiljati Barranin), Il-kontroll barrani ta' impriżi skont l-attività ekonomika u għażla ta' pajjiżi kontrollanti (mill-2008 'il quddiem) [fats_g1a_08].

Ewropea (TFUE), din tapplika biss fil-każ li Stat Membru tal-UE jagħti appoġġ finanzjarju lil impriża, li jirriżulta f'vantaġġ li jfixkel il-kompetizzjoni u jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

Fil-5 ta' Mejju 2021, il-Kummissjoni Ewropea ressqet proposta leġiżlattiva għal strument ġdid biex jiġu indirizzati l-effetti distorsivi ta' sussidji barranin fis-suq intern. Hija għandha l-għan li tagħlaq id-distakk regolatorju fis-Suq Uniku. L-istrument il-ġdid għandu l-għan li jindirizza b'mod effettiv is-sussidji barranin li joħolqu distorsjonijiet u jaffettwaw il-kundizzjonijiet ekwivalenti fis-suq intern fi kwalunkwe sitwazzjoni tas-suq. Ir-Regolament propost huwa wkoll element ewlieni għall-implimentazzjoni tal-istrateġija industrijali aġġornata tal-UE (adottata fil-5 ta' Mejju 2021) billi jippromwovi suq intern ġust u kompetittiv u b'hekk joħloq il-kundizzjonijiet it-tajba għal industrija Ewropea ta' suċċess.

Ir-Rapporteur jappoġġja l-għan ġenerali u t-tfassil tal-proposta għal Regolament dwar is-sussidji barranin li joħolqu distorsjoni fis-suq uniku u jikkondividi bis-sħiħ is-sens ta' urġenza fir-rigward tal-għeluq ta' din il-lakuna legali.

Meta jqis dan kollu, ir-Rapporteur jixtieq jiffoka b'mod speċjali fuq dan:

- li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti fis-suq uniku filwaqt li l-piż amministrattiv għall-impriżi, l-offerenti u l-awtoritajiet kontraenti jinżamm baxx kemm jista' jkun, inkluż billi jiġi ċċarat li meta pajjiż terz ikollu mekkaniżmu ta' kontroll tas-sussidji li jkun ekwivalenti għal dak tal-Unjoni, is-sussidji barranin ipprovduti minn tali pajjiżi jistgħu jitqiesu li x'aktarx ma jkunux distorsivi;
- li jissaħħu l-impenji u l-miżuri ta' rimedju biex tiġi rimedjata d-distorsjoni fis-suq intern ikkawżata minn sussidju barrani;
- li jiġi ċċarat li l-offerti vantaġġużi jinkludu wkoll offerti anormalment baxxi;
- li jitnaqqsu l-iskadenzi għall-investigazzjoni fil-fond sabiex jintlaħaq bilanċ bejn iż-żmien meħtieġ għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi għad-detriment tal-awtoritajiet kontraenti u operaturi ekonomiċi oħra involuti;
- li tiġi introdotta klawżola ta' rieżami tal-valur stmat tal-akkwist pubbliku u l-limiti proposti fir-Regolament;
- li jittejbu r-regoli proċedurali applikabbli għar-rieżami preliminari u l-investigazzjoni fil-fond tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji notifikati fil-proċeduri ta' akkwist pubbliku;
- li jittejbu t-trasparenza u l-prevedibbiltà għall-impriżi li jieħdu sehem fl-akkwist pubbliku.

Barra minn hekk, ir-Rapporteur jixtieq jiċċara l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali tal-akkwist pubbliku u jrawwem l-iskambju ta' informazzjoni u prattiki tajba. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tal-akkwist pubbliku jikkooperaw b'mod effettiv mal-Kummissjoni għall-fini tar-rieżami preliminari u l-investigazzjoni fil-fond fl-akkwist pubbliku nnotifikat. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jistgħu wkoll iwissu lill-Kummissjoni dwar is-sussidji barranin fl-akkwist pubbliku taħt il-limitu, jekk iqisu li jkun hemm riskju ta' distorsjoni tas-suq intern.

## EMENDI

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għall-Kummerċ

Internazzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) L-ebda strument eżistenti tal-Unjoni ma jindirizza distorsjonijiet ikkawżati minn sussidji barranin. L-istrumenti għad-difiża tal-kummerċ jippermettu lill-Kummissjoni taġixxi meta prodotti sussidjati jiġu importati fl-Unjoni, iżda mhux meta s-sussidji barranin jieħdu l-forma ta' investimenti sussidjati, jew meta jkunu kkonċernati s-servizzi u l-flussi finanzjarji. Skont il-Ftehim tad-WTO dwar is-Sussidji u l-Miżuri ta' Kumpens, l-Unjoni għandha l-possibbiltà li tagħti bidu għal soluzzjonijiet tat-tilwim bejn stat u ieħor kontra ċerti sussidji barranin mogħtija minn membri tad-WTO, limitata għall-merkanzija. | (4) L-ebda strument eżistenti tal-Unjoni ma jindirizza distorsjonijiet ikkawżati minn sussidji barranin. L-istrumenti għad-difiża tal-kummerċ jippermettu lill-Kummissjoni taġixxi meta prodotti sussidjati jiġu importati fl-Unjoni, iżda mhux meta s-sussidji barranin jieħdu l-forma ta' investimenti sussidjati, jew meta jkunu kkonċernati s-servizzi u l-flussi finanzjarji. Skont il-Ftehim tad-WTO dwar is-Sussidji u l-Miżuri ta' Kumpens, l-Unjoni għandha l-possibbiltà li tagħti bidu għal soluzzjonijiet tat-tilwim bejn stat u ieħor kontra ċerti sussidji barranin mogħtija minn membri tad-WTO, limitata għall-merkanzija. ***Din il-proposta tikkomplementa l-Istrument għal Akkwist Internazzjonali li għandu l-għan li jtejjeb l-aċċess tal-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni għas-swieq tal-akkwist pubbliku barra mill-Unjoni.*** |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Għaldaqstant huwa meħtieġ li l-istrumenti eżistenti tal-Unjoni jiġu kkomplimentati b'għodda ġdida biex tindirizza d-distorsjonijiet fis-suq intern ikkawżati mis-sussidji barranin u tiżgura kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. B'mod partikolari, l-għodda | (5) Għaldaqstant huwa meħtieġ li l-istrumenti eżistenti tal-Unjoni jiġu kkomplimentati b'għodda ġdida biex tindirizza d-distorsjonijiet fis-suq intern ikkawżati mis-sussidji barranin u tiżgura kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. B'mod partikolari, l-għodda |

| | |
|---|---|
| l-ġdida tikkomplementa r-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat li jittrattaw distorsjonijiet fis-suq intern ikkawżati minn sussidji tal-Istati Membri. | l-ġdida tikkomplementa r-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat li jittrattaw distorsjonijiet fis-suq intern ikkawżati minn sussidji tal-Istati Membri. ***B'dan il-mod, l-għodda l-ġdida tikkontribwixxi għall-awtonomija strateġika miftuħa tal-Unjoni billi tippromwovi suq intern ġust u kompetittiv.*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) ***Irid ikun*** hemm kontribuzzjoni finanzjarja diretta jew indiretta li tingħata mill-awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiż terz. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tista' tingħata permezz ta' entitajiet pubbliċi jew privati. Jekk entità pubblika hix tipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja jenħtieġ li jiġi ddeterminat fuq bażi ta' każ b'każ b'kunsiderazzjoni xierqa għal elementi bħall-karatteristiċi tal-entità rilevanti u l-ambjent legali u ekonomiku li jkun jipprevali fil-pajjiż li fih l-entità topera, inkluż ir-rwol tal-gvern fl-ekonomija. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji jistgħu jingħataw ukoll permezz ta' entità privata jekk l-azzjonijiet tagħha jistgħu jiġu attribwiti lill-pajjiż terz. | (9) ***Jenħtieġ li jkun*** hemm kontribuzzjoni finanzjarja diretta jew indiretta li tingħata mill-awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiż terz. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tista' tingħata permezz ta' entitajiet pubbliċi jew privati. Jekk entità pubblika hix tipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja jenħtieġ li jiġi ddeterminat fuq bażi ta' każ b'każ b'kunsiderazzjoni xierqa għal elementi bħall-karatteristiċi tal-entità rilevanti u l-ambjent legali u ekonomiku li jkun jipprevali fil-pajjiż li fih l-entità topera, inkluż ir-rwol tal-gvern fl-ekonomija. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji jistgħu jingħataw ukoll permezz ta' entità privata jekk l-azzjonijiet tagħha jistgħu jiġu attribwiti lill-pajjiż terz. ***Bil-għan li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti fis-suq intern, sussidju barrani skont dan ir-Regolament jitqies mogħti mill-mument li l-benefiċjarju jkun intitolat li jirċievi s-sussidju. Il-ħlas effettiv tas-sussidju mhuwiex kundizzjoni meħtieġa biex jitqies bħala sussidju skont it-tifsira tar-Regolament.*** |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Ladarba tiġi stabbilita l-eżistenza ta' sussidju barrani, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta jekk is-sussidju barrani joħloqx distorsjoni fis-suq intern. Għall-kuntrarju tal-għajnuna mill-Istat min-naħa ta' Stat Membru, is-sussidji barranin ġeneralment mhumiex projbiti. Is-sussidji fil-forma ta' finanzjament għall-esportazzjoni jistgħu jkunu ta' tħassib partikolari minħabba l-effetti distorsivi tagħhom. Dan mhuwiex il-każ jekk tali finanzjament jingħata f'konformità mal-Arranġament tal-OECD għal Krediti ta' Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati. Il-Kummissjoni ***għandha*** tagħmel evalwazzjoni jekk sussidju barrani joħloqx distorsjoni fis-suq intern, abbażi tal-każ. | (12) Ladarba tiġi stabbilita l-eżistenza ta' sussidju barrani, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta jekk is-sussidju barrani joħloqx distorsjoni fis-suq intern. ***Din il-valutazzjoni jenħtieġ li tibbilanċja l-effetti negattivi fuq perjodu qasir u twil ta' sussidju barrani f'termini ta' distorsjoni fis-suq intern bl-effetti pożittivi fuq l-iżvilupp tal-attività ekonomika rilevanti inkluża kwalunkwe esternalità pożittiva. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tqis l-effetti pożittivi tas-sussidju barrani fuq l-iżvilupp tal-attività ekonomika sussidjata rilevanti u l-kontribut tiegħu għall-kisba tal-objettivi tal-ordni pubblika inklużi dawk soċjali u ambjentali.*** Għall-kuntrarju tal-għajnuna mill-Istat min-naħa ta' Stat Membru, is-sussidji barranin ġeneralment mhumiex projbiti. Is-sussidji fil-forma ta' finanzjament għall-esportazzjoni jistgħu jkunu ta' tħassib partikolari minħabba l-effetti distorsivi tagħhom. Dan mhuwiex il-każ jekk tali finanzjament jingħata f'konformità mal-Arranġament tal-OECD għal Krediti ta' Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati. Il-Kummissjoni ***jenħtieġ li*** tagħmel evalwazzjoni jekk sussidju barrani joħloqx distorsjoni fis-suq intern, abbażi tal-każ. ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li tippubblika l-indikaturi li jistgħu jitkejlu li jitqiesu f'dik il-valutazzjoni. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għad-Direttivi 2014/23/UE, 2014/24/UE u 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-obbligi applikabbli fl-oqsma tal-liġi ambjentali, soċjali u tax-xogħol.*** |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) In-nuqqas ta' trasparenza li | (13) In-nuqqas ta' trasparenza li |

| | |
|---|---|
| jikkonċerna bosta sussidji barranin u l-kumplessità tar-realtà kummerċjali jistgħu jagħmluha diffiċli biex l-impatt ta' sussidju barrani partikolari fuq is-suq intern jiġi identifikat jew ikkwantifikat b'mod inekwivoku. Biex tiġi ddeterminata d-distorsjoni, għalhekk jidher neċessarju li jintuża sett mhux eżawrjenti ta' indikaturi. Meta tkun qed tivvaluta l-punt sa fejn sussidju barrani jista' jtejjeb il-pożizzjoni kompetittiva tal-impriża kkonċernata, u huwa u jagħmel dan, realment jew potenzjalment jaffettwa l-kompetizzjoni fis-suq intern, il-Kummissjoni tista' tqis ċerti indikaturi, inkluż iżda mhux limitat għall-ammont u n-natura tas-sussidju, l-għan u l-kundizzjonijiet marbutin mas-sussidju barrani, kif ukoll l-użu tiegħu fis-suq intern. | jikkonċerna bosta sussidji barranin u l-kumplessità tar-realtà kummerċjali jistgħu jagħmluha diffiċli biex l-impatt ta' sussidju barrani partikolari fuq is-suq intern jiġi identifikat jew ikkwantifikat b'mod inekwivoku. Biex tiġi ddeterminata d-distorsjoni, għalhekk jidher neċessarju li jintuża sett mhux eżawrjenti ta' indikaturi. Meta tkun qed tivvaluta l-punt sa fejn sussidju barrani jista' jtejjeb il-pożizzjoni kompetittiva tal-impriża kkonċernata, u huwa u jagħmel dan, realment jew potenzjalment jaffettwa l-kompetizzjoni fis-suq intern, il-Kummissjoni tista' tqis ċerti indikaturi***. Dawk l-indikaturi jenħtieġ li jkunu kwantifikabbli sabiex jipprovdu evidenza raġonevoli ta' distorsjoni minn sussidji barranin***, inkluż iżda mhux limitat għall-ammont u n-natura tas-sussidju, l-għan u l-kundizzjonijiet marbutin mas-sussidju barrani, kif ukoll l-użu tiegħu fis-suq intern. |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Meta tapplika dawn l-indikaturi, il-Kummissjoni tista' tqis elementi differenti, bħad-daqs tas-sussidju f'termini assoluti jew f'relazzjoni mad-daqs tas-suq jew mal-valur tal-investiment. Pereżempju, konċentrazzjoni li fil-kuntest tagħha sussidju barrani jkopri parti sostanzjali mill-prezz tax-xiri tal-entità fil-mira, aktarx li jkun distorsiv. Bl-istess mod, is-sussidji barranin li jkopru parti sostanzjali tal-valur stmat ta' kuntratt li għandu jingħata fi proċedura ta' akkwist pubbliku x'aktarx li jikkawżaw distorsjonijiet. Jekk jingħata sussidju barrani għall-ispejjeż operatorji, jidher li jkun aktar probabbli li joħloq distorsjonijiet milli jekk jingħata għal spejjeż ta' investiment. Sussidji barranin li jingħataw lil impriżi żgħar u medji jistgħu | (14) Meta tapplika dawn l-indikaturi, il-Kummissjoni tista' tqis elementi differenti, bħad-daqs tas-sussidju f'termini assoluti jew f'relazzjoni mad-daqs tas-suq jew mal-valur tal-investiment. Pereżempju, konċentrazzjoni li fil-kuntest tagħha sussidju barrani jkopri parti sostanzjali mill-prezz tax-xiri tal-entità fil-mira, aktarx li jkun distorsiv. Bl-istess mod, is-sussidji barranin li jkopru parti sostanzjali tal-valur stmat ta' kuntratt li għandu jingħata fi proċedura ta' akkwist pubbliku x'aktarx li jikkawżaw distorsjonijiet. Jekk jingħata sussidju barrani għall-ispejjeż operatorji, jidher li jkun aktar probabbli li joħloq distorsjonijiet milli jekk jingħata għal spejjeż ta' investiment. Sussidji barranin li jingħataw lil impriżi żgħar u medji jistgħu |

jitqiesu anqas probabbli li joħolqu distorsjonijiet minn sussidji barranin lil impriżi kbar. Barra minn hekk, il-karatteristiċi tas-suq, u b'mod partikolari l-kundizzjonijiet kompetittivi fis-suq, bħall-ostakli għad-dħul, ***iridu*** jittieħdu inkonsiderazzjoni. Is-sussidji barranin li jwasslu għal kapaċità żejda billi jsostnu assi mhux ekonomiċi jew billi jinkoraġġixxu l-investiment fl-espansjonijiet tal-kapaċità li kieku mod ieħor ma kinux jinbnew aktarx li jikkawżaw distorsjonijiet. Sussidju barrani lil benefiċjarju li juri livell baxx ta' attività fis-suq intern, imkejjel pereżempju f'termini tal-fatturat miksub fl-Unjoni, huwa inqas probabbli li jikkawża distorsjonijiet minn sussidju barrani lil benefiċjarju li għandu livell ta' attività aktar sinifikanti fis-suq intern. ***Finalment***, jenħtieġ li sussidji ***barranin*** li ***ma jaqbżux EUR 5 miljun*** jitqiesu bħala mhux probabbli li joħolqu distorsjoni fis-suq intern skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament.

jitqiesu anqas probabbli li joħolqu distorsjonijiet minn sussidji barranin lil impriżi kbar. Barra minn hekk, il-karatteristiċi tas-suq, u b'mod partikolari l-kundizzjonijiet kompetittivi fis-suq, bħall-ostakli għad-dħul, ***jenħtieġ li*** jittieħdu inkonsiderazzjoni. Is-sussidji barranin li jwasslu għal kapaċità żejda billi jsostnu assi mhux ekonomiċi jew billi jinkoraġġixxu l-investiment fl-espansjonijiet tal-kapaċità li kieku mod ieħor ma kinux jinbnew ***jew ma kinux jiġu akkwiżiti*** aktarx li jikkawżaw distorsjonijiet. Sussidju barrani lil benefiċjarju li juri livell baxx ta' attività fis-suq intern, imkejjel pereżempju f'termini tal-fatturat miksub fl-Unjoni, huwa inqas probabbli li jikkawża distorsjonijiet minn sussidju barrani lil benefiċjarju li għandu livell ta' attività aktar sinifikanti fis-suq intern. ***Madankollu, l-evoluzzjoni tal-attività ekonomika jenħtieġ li titqies ukoll biex il-Kummissjoni tkun tista' tieħu azzjoni meta l-livell ta' attività ta' impriża jkun żgħir fiż-żmien tal-valutazzjoni, iżda jkun mistenni li jikber b'mod qawwi. Meta l-Kummissjoni tkun sabet li pajjiż terz għandu stabbilita sistema għall-għoti ta'*** sussidji ***li tiżgura fil-liġi u fil-prattika livell ta' protezzjoni kontra intervent mhux dovut mill-Istat fil-forzi tas-suq u kompetizzjoni inġusta*** li ***tkun tal-anqas ekwivalenti għal-livell fl-Unjoni u li effettivament tipproteġi mhux biss is-suq tal-pajjiż terz iżda wkoll is-suq intern tal-Unjoni, is-sussidji barranin minn dan il-pajjiż terz jenħtieġ li*** jitqiesu ***wkoll,*** bħala ***regola ġenerali, li*** mhux probabbli li joħolqu distorsjoni fis-suq intern skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament. ***Meta tivvaluta jekk hemmx livell ekwivalenti ta' kontroll tas-sussidji f'pajjiż terz, il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis id-dispożizzjonijiet legali rilevanti, kif ukoll l-implimentazzjoni effettiva tagħhom fil-prattika, inkluż il-livell ekwivalenti ta' trasparenza għall-għajnuna mill-Istat jew għas-sussidji. Dawn is-sejbiet mill-Kummissjoni jenħtieġ li jkunu validi għal***

| | |
|---|---|
| | ***perjodu limitat ta' żmien u jkunu soġġetti għal rieżami perjodiku. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkunsidra wkoll jekk il-pajjiż terz ikkonċernat ikunx ikkonkluda ftehim bilaterali mal-Unjoni li jinkludi dispożizzjonijiet sostantivi dwar kundizzjonijiet ekwivalenti, jekk il-pajjiż terz jikkonformax mal-obbligi ta' sussidju internazzjonali u huwiex allinjat mal-Unjoni dwar inizjattivi fir-rigward tat-titjib tar-regoli internazzjonali dwar is-sussidji u n-newtralità kompetittiva, b'mod partikolari fi ħdan id-WTO. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tabbozza u tippubblika, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, linji gwida dettaljati għall-valutazzjoni tan-natura distorsiva ta' sussidju sabiex tipprovdi ċertezza legali għall-parteċipanti kollha fis-suq. Dawk il-linji gwida jenħtieġ li jipprovdu wkoll eżempji u każijiet tipiċi ta' sussidji distorsivi u mhux distorsivi.*** |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) Bħal ċerti tipi ta' għajnuna mill-Istat, hemm ukoll ċerti kategoriji ta' sussidji barranin, bħall-garanziji illimatati, li aktarx joħolqu distorsjonijiet fis-suq intern minħabba n-natura tagħhom. ***Dawn il-kategoriji ma jridux ikunu jeħtieġu valutazzjoni dettaljati bbażata fuq l-indikaturi.*** Fi kwalunkwe każ, impriża tista' turi li s-sussidju barrani inkwistjoni ma joħloqx distorsjoni tas-suq intern fiċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-każ. | (15) Bħal ċerti tipi ta' għajnuna mill-Istat, hemm ukoll ċerti kategoriji ta' sussidji barranin, bħall-garanziji illimatati, li aktarx joħolqu distorsjonijiet fis-suq intern minħabba n-natura tagħhom. Fi kwalunkwe każ, impriża tista' turi li s-sussidju barrani inkwistjoni ma joħloqx distorsjoni tas-suq intern fiċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-każ. |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) Meta l-Kummissjoni teżamina sussidju barrani fuq inizjattiva tagħha stess, jenħtieġ li jkollha s-setgħa li timponi miżuri ta' rimedju fuq impriża biex tirrimedja kwalunkwe distorsjoni kkawżata minn sussidju barrani fis-suq intern. Il-miżuri ta' rimedju jenħtieġ li jkunu proporzjonati u xierqa biex jirrimedjaw id-distorsjoni inkwistjoni. Jenħtieġ li dawn jinkludu rimedji komportamentali jew strutturali jew il-ħlas lura tas-sussidju barrani. | (17) Meta l-Kummissjoni teżamina sussidju barrani fuq inizjattiva tagħha stess, jenħtieġ li jkollha s-setgħa li timponi miżuri ta' rimedju fuq impriża biex tirrimedja kwalunkwe distorsjoni kkawżata minn sussidju barrani fis-suq intern. Il-miżuri ta' rimedju jenħtieġ li jkunu proporzjonati u xierqa biex jirrimedjaw id-distorsjoni inkwistjoni. Jenħtieġ li dawn jinkludu rimedji komportamentali jew strutturali jew il-ħlas lura tas-sussidju barrani ***jew l-esklużjoni temporanja minn proċeduri ta' akkwist pubbliku fl-Unjoni jekk issib li impriża tkun irċeviet ripetutament sussidji barranin li joħolqu distorsjoni fil-kompetizzjoni. Filwaqt li jirrispetta s-sigriet kummerċjali u l-informazzjoni kunfidenzjali, il-proċess li jwassal għal tali esklużjoni jenħtieġ li jkun trasparenti għall-pubbliku.*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Recital 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) Jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa li, fuq inizjattiva tagħha stess, teżamina kwalunkwe informazzjoni dwar sussidji barranin. Għal dan il-għan, huwa meħtieġ li tiġi stabbilita proċedura li tikkonsisti f'żewġ stadji, jiġifieri rieżami preliminari u investigazzjoni fil-fond. | (21) Jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa li, fuq inizjattiva tagħha stess, teżamina kwalunkwe informazzjoni dwar sussidji barranin. Għal dan il-għan, huwa meħtieġ li tiġi stabbilita proċedura li tikkonsisti f'żewġ stadji, jiġifieri rieżami preliminari u investigazzjoni fil-fond. ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li tippubblika gwida dwar kif għandha tinfetaħ tali proċedura.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-Regolament ma jipprovdix informazzjoni dwar il-kriterji biex jinfetaħ "rieżami ex officio". Dan l-istrument għandu jkun inqas diskrezzjonali biex jiġu evitati ostakli mhux iġġustifikati għall-investiment barrani fis-suq intern tal-UE.*

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Recital 22**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (22) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat investigattivi ***adegwati*** biex tiġbor l-informazzjoni kollha meħtieġa. Għaldaqstant jenħtieġ li jkollha s-setgħa li titlob informazzjoni minn kwalunkwe impriża jew assoċjazzjoni ta' impriżi matul il-proċedura kollha kemm hi. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ***għandu*** jkollha s-setgħa li timponi multi u ħlasijiet perjodiċi ta' penali għal nuqqas ta' forniment f'waqtu tal-informazzjoni mitluba jew għall-għoti ta' informazzjoni mhux kompluta, skorretta jew qarrieqa. Il-Kummissjoni tista' wkoll tindirizza mistoqsijiet lill-Istati Membri jew lil pajjiżi terzi. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tagħmel żjarat għall-ġbir ta' informazzjoni fil-bini tal-Unjoni tal-impriża, jew, soġġett għal qbil mill-impriża u mill-pajjiż terz ikkonċernat, fil-bini tal-impriża fil-pajjiż terz. Il-Kummissjoni ***għandu*** jkollha wkoll is-setgħa li tieħu deċiżjonijiet abbażi tal-fatti disponibbli jekk l-impriża inkwistjoni ma tikkooperax. | (22) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat investigattivi ***xierqa*** biex tiġbor l-informazzjoni kollha meħtieġa. Għaldaqstant jenħtieġ li jkollha s-setgħa li titlob informazzjoni minn kwalunkwe impriża jew assoċjazzjoni ta' impriżi matul il-proċedura kollha kemm hi. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ***jenħtieġ li*** jkollha s-setgħa li timponi multi u ħlasijiet perjodiċi ta' penali għal nuqqas ta' forniment f'waqtu tal-informazzjoni mitluba jew għall-għoti ta' informazzjoni mhux kompluta, skorretta jew qarrieqa. Il-Kummissjoni tista' wkoll tindirizza mistoqsijiet lill-Istati Membri jew lil pajjiżi terzi. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tagħmel żjarat għall-ġbir ta' informazzjoni fil-bini tal-Unjoni tal-impriża, jew, soġġett għal qbil mill-impriża u mill-pajjiż terz ikkonċernat, fil-bini tal-impriża fil-pajjiż terz. Il-Kummissjoni ***jenħtieġ li*** jkollha wkoll is-setgħa li tieħu deċiżjonijiet abbażi tal-fatti disponibbli jekk l-impriża inkwistjoni ma tikkooperax. |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Recital 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (26) Jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha l-istrumenti xierqa biex tiżgura l-effettività tal-impenji u l-miżuri ta' rimedju. Jekk l-impriża kkonċernata ma tikkonformax ma' deċiżjoni b'impenji, deċiżjoni li timponi miżuri ta' rimedju, jew deċiżjoni li tordna miżuri interim, jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa li timponi multi u ħlasijiet perjodiċi ta' penali. | (26) Jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha l-istrumenti xierqa biex tiżgura l-effettività tal-impenji u l-miżuri ta' rimedju. Jekk l-impriża kkonċernata ma tikkonformax ma' deċiżjoni b'impenji, deċiżjoni li timponi miżuri ta' rimedju, jew deċiżjoni li tordna miżuri interim, jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa li timponi multi u ħlasijiet perjodiċi ta' penali. ***Jenħtieġ li l-*** |

***Kummissjoni tirrieżamina l-effettività ta' dawk id-deċiżjonijiet.***

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Recital 31**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (31) Taħt il-livelli limitu ta' notifika, il-Kummissjoni tista' tirrikjedi n-notifika ta' konċentrazzjonijiet potenzjalment sussidjati li kienu għadhom ma ġewx implimentati jew in-notifika ta' offerti potenzjalment sussidjati qabel l-għoti ta' kuntratt pubbliku, jekk tqis li l-konċentrazzjoni jew l-offerta tkun timmerita rieżami ex ante minħabba l-impatt tagħha fl-Unjoni. Il-Kummissjoni ***għandu*** jkollha wkoll il-possibbiltà li twettaq rieżami fuq inizjattiva tagħha stess ta' konċentrazzjonijiet diġà implimentati jew kuntratti pubbliċi li jkunu ngħataw. | (31) Taħt il-livelli limitu ta' notifika, il-Kummissjoni tista' tirrikjedi n-notifika ta' konċentrazzjonijiet potenzjalment sussidjati li kienu għadhom ma ġewx implimentati jew in-notifika ta' offerti potenzjalment sussidjati qabel l-għoti ta' kuntratt pubbliku, jekk tqis li l-konċentrazzjoni jew l-offerta tkun timmerita rieżami *ex ante* minħabba l-impatt tagħha fl-Unjoni. Il-Kummissjoni ***jenħtieġ li*** jkollha wkoll il-possibbiltà li twettaq rieżami fuq inizjattiva tagħha stess ta' konċentrazzjonijiet diġà implimentati jew kuntratti pubbliċi li jkunu ngħataw. ***Jenħtieġ li l-Kummissjoni tippubblika gwida dwar il-kriterji għal tali notifiki.*** |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 33**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (33) Il-ħtieġa li jiġu indirizzati sussidji barranin distorsivi hija partikolarment saljenti fl-akkwist pubbliku, minħabba s-sinifikanza ekonomika tiegħu fis-suq intern u l-fatt li huwa ffinanzjat mill-flus tat-taxxi. Jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa, man-notifika qabel l-għoti ta' kuntratt pubbliku jew konċessjoni, li teżamina informazzjoni dwar kontribuzzjonijiet finanzjarji barranin mogħtija lill-impriżi parteċipanti fil-kuntest ta' proċedura ta' akkwist pubbliku. In-notifiki minn qabel jenħtieġ li jkunu | (33) Il-ħtieġa li jiġu indirizzati sussidji barranin distorsivi hija partikolarment saljenti fl-akkwist pubbliku, minħabba s-sinifikanza ekonomika tiegħu fis-suq intern u l-fatt li huwa ffinanzjat mill-flus tat-taxxi***, u barra minn hekk, huwa meħtieġ li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti fl-akkwist pubbliku peress li għandu rwol ewlieni fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Rkupru tal-UE. Għalhekk, kwalunkwe distorsjoni fil-kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni tmur kontra l-effetti mixtieqa tal-Pjan ta' Rkupru***. Jenħtieġ li l- |

mandatorji 'l fuq ***minn livell*** limitu stabbilit f'dan ir-Regolament biex jaqbdu każijiet ekonomikament sinifikanti filwaqt li jimminimizzaw il-piż amministrattiv u ma jxekklux il-parteċipazzjoni tal-SMEs fl-akkwist pubbliku. ***Dan*** l-obbligu ta' notifika minn qabel 'il fuq minn livell limitu jenħtieġ li japplika wkoll għal gruppi ta' operaturi ekonomiċi msemmija fl-Artikolu 26(2) tad-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[40], l-Artikolu 19(2) tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[41] u l-Artikolu 37(2) tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[42]. Jenħtieġ li japplika wkoll għas-sottokuntratturi ewlenin u għall-fornituri ewlenin tal-impriża.

[40] Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1

[41] Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE, ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65.

[42] Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243)

Kummissjoni jkollha s-setgħa, man-notifika qabel l-għoti ta' kuntratt pubbliku jew konċessjoni, li teżamina informazzjoni dwar kontribuzzjonijiet finanzjarji barranin mogħtija lill-impriżi parteċipanti fil-kuntest ta' proċedura ta' akkwist pubbliku. In-notifiki minn qabel jenħtieġ li jkunu mandatorji 'l fuq ***mil-livell*** limitu stabbilit f'dan ir-Regolament biex jaqbdu każijiet ekonomikament sinifikanti filwaqt li jimminimizzaw il-piż amministrattiv u ma jxekklux il-parteċipazzjoni tal-SMEs fl-akkwist pubbliku. ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrieżamina regolarment il-limiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Dak*** l-obbligu ta' notifika minn qabel 'il fuq minn livell limitu jenħtieġ li japplika wkoll għal gruppi ta' operaturi ekonomiċi msemmija fl-Artikolu 26(2) tad-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[40], l-Artikolu 19(2) tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[41] u l-Artikolu 37(2) tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[42]. Jenħtieġ li japplika wkoll għas-sottokuntratturi ewlenin u għall-fornituri ewlenin tal-impriża. ***Il-Kummissjoni tista' tivvaluta l-istabbiliment ta' kundizzjonijiet speċifiċi ta' kontroll fil-każ ta' sottokuntrattar.***

[40] Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni ***(***ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1***).***

[41] Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE, ***(***ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65***)***.

[42] Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243)**.**

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 36**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (36) Is-sussidji barranin li jippermettu lil impriża tissottometti offerta li tkun indebitament vantaġġuża fir-rigward tax-xogħlijiet, il-provvisti jew is-servizzi kkonċernati jenħtieġ li jitqiesu li effettivament jew potenzjalment joħolqu distorsjoni fi proċedura ta' akkwist pubbliku. Jenħtieġ għalhekk li dawn id-distorsjonijiet jiġu vvalutati abbażi tas-sett mhux eżawrjenti ta' indikaturi deskritti fil-premessi (13) u (14) kif ukoll abbażi tal-kunċett ta' offerta indebitament vantaġġuża. Jenħtieġ li l-indikaturi jippermettu li jiddeterminaw kif sussidju barrani joħloq distorsjoni fil-kompetizzjoni billi jtejjeb il-pożizzjoni kompetittiva ta' impriża u jippermettilha tippreżenta offerta indebitament vantaġġuża. L-impriżi jenħtieġ li jingħataw l-opportunità li jiġġustifikaw li l-offerta mhijiex indebitament vantaġġuża, u inkluż billi jippreżentaw l-elementi msemmija fl-Artikolu 69(2) tad-Direttiva 2014/24/UE. Il-projbizzjoni tal-għoti jenħtieġ li tapplika biss meta n-natura vantaġġuża tal-offerta li tibbenefika minn sussidji barranin ma tkunx tista' tiġi ġġustifikata, l-offerta tingħata l-kuntratt u l-impriża offerenti ma offrietx impenji meqjusa xierqa u suffiċjenti biex ineħħu d-distorsjoni effettivament u għalkollox. | (36) Is-sussidji barranin li jippermettu lil impriża tissottometti offerta li tkun indebitament vantaġġuża***, inklużi offerti anormalment baxxi skont id-Direttivi 2014/24/UE u 2014/25/UE,*** fir-rigward tax-xogħlijiet, il-provvisti jew is-servizzi kkonċernati jenħtieġ li jitqiesu li effettivament jew potenzjalment joħolqu distorsjoni fi proċedura ta' akkwist pubbliku. Jenħtieġ għalhekk li dawn id-distorsjonijiet jiġu vvalutati abbażi tas-sett mhux eżawrjenti ta' indikaturi deskritti fil-premessi (13) u (14) kif ukoll abbażi tal-kunċett ta' offerta indebitament vantaġġuża. Jenħtieġ li l-indikaturi jippermettu li jiddeterminaw kif sussidju barrani joħloq distorsjoni fil-kompetizzjoni billi jtejjeb il-pożizzjoni kompetittiva ta' impriża u jippermettilha tippreżenta offerta indebitament vantaġġuża. ***Dawk l-indikaturi jenħtieġ li jiġu ppubblikati.*** L-impriżi jenħtieġ li jingħataw l-opportunità li jiġġustifikaw li l-offerta mhijiex indebitament vantaġġuża, u inkluż billi jippreżentaw l-elementi msemmija fl-Artikolu 69(2) tad-Direttiva 2014/24/UE. Il-projbizzjoni tal-għoti jenħtieġ li tapplika biss meta n-natura vantaġġuża tal-offerta li tibbenefika minn sussidji barranin ma tkunx tista' tiġi ġġustifikata, l-offerta tingħata l-kuntratt u l-impriża offerenti ma offrietx impenji meqjusa xierqa u suffiċjenti biex ineħħu d-distorsjoni effettivament u għalkollox. |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 36a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(36a) Is-sussidji barranin jenħtieġ li jiġu kkontrollati wkoll fir-rigward ta' offerti anormalment baxxi. L-offerti li jidhru anormalment baxxi jew indebitament vantaġġużi fir-rigward tax-xogħlijiet, il-provvisti jew is-servizzi jistgħu jkunu bbażati fuq assunzjonijiet jew prattiki li teknikament, ekonomikament jew legalment mhumiex tajbin. Fejn l-offerent ma jkunx jista' jipprovdi spjegazzjoni suffiċjenti għall-prezz offrut, l-awtorità kontraenti jenħtieġ li tkun intitolata li tirrifjuta l-offerta. Ir-rifjut jenħtieġ li jkun obbligatorju f'każijiet fejn l-awtorità kontraenti tkun stabbiliet li l-prezz anormalment baxx jew l-ispejjeż proposti jirriżultaw min-nuqqas ta' konformità mal-liġi tal-Unjoni jew mal-liġi nazzjonali kompatibbli magħha.*** |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 48**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (48) Sabiex jiġu żgurati ***kondizzjonijiet*** ekwivalenti ta' kompetizzjoni fis-suq intern anke fit-tul, bil-ħsieb li tiġi żgurata kopertura adegwata ta' każijiet investigati kemm permezz ta' notifiki kif ukoll ex officio, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 ***TFUE*** jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tal-limiti ta' notifika għall-konċentrazzjonijiet u għall-proċeduri ta' akkwist pubbliku, fir-rigward tal-eżenzjoni ta' ċerti kategoriji ta' impriżi mill-obbligi ta' notifika skont dan ir-Regolament, kif ukoll fir-rigward tal-emendar tal-limiti ta' żmien għar-rieżami preliminari u l-investigazzjonijiet fil-fond ta' konċentrazzjonijiet notifikati jew ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji notifikati fil- | (48) Sabiex jiġu żgurati ***kundizzjonijiet*** ekwivalenti ta' kompetizzjoni fis-suq intern anke fit-tul, bil-ħsieb li tiġi żgurata kopertura adegwata ta' każijiet investigati kemm permezz ta' notifiki kif ukoll *ex officio*, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 ***tat-TFUE*** jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tal-limiti ta' notifika għall-konċentrazzjonijiet u għall-proċeduri ta' akkwist pubbliku, fir-rigward tal-eżenzjoni ta' ċerti kategoriji ta' impriżi mill-obbligi ta' notifika skont dan ir-Regolament, kif ukoll fir-rigward tal-emendar tal-limiti ta' żmien għar-rieżami preliminari u l-investigazzjonijiet fil-fond ta' konċentrazzjonijiet notifikati jew ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji notifikati fil- |

| | |
|---|---|
| kuntest ta' proċedura għall-akkwist pubbliku. Fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji fil-kuntest ta' proċedura ta' akkwist pubbliku, is-setgħa li jiġu adottati tali atti jenħtieġ li tiġi eżerċitata b'mod li jitqiesu l-interessi tal-SMEs. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa tul it-tħejjija ta' dawn l-atti, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawn il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[47]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ***ikollhom*** aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati. | kuntest ta' proċedura għall-akkwist pubbliku. Fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji fil-kuntest ta' proċedura ta' akkwist pubbliku, is-setgħa li jiġu adottati tali atti jenħtieġ li tiġi eżerċitata b'mod li jitqiesu l-interessi tal-SMEs***, mingħajr piż amministrattiv żejjed***. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq ***analiżi inklużi analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji kwantifikata u stima tal-impatt ex ante kif ukoll*** konsultazzjonijiet xierqa tul it-tħejjija ta' dawn l-atti, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawn il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[47]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ***jenħtieġ li*** jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ***jenħtieġ li jkollhom*** aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati. |
| [47] Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1). | [47] Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1). |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli u l-proċeduri għall-investigazzjoni ta' sussidji barranin li joħolqu distorsjonijiet fis-suq intern u għar-rimedju ta' tali distorsjonijiet. Tali distorsjonijiet jistgħu jinqalgħu fir-rigward ta' kwalunkwe attività ekonomika, u b'mod partikolari | (1) Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli u l-proċeduri għall-investigazzjoni ta' sussidji barranin li joħolqu distorsjonijiet fis-suq intern u għar-rimedju ta' tali distorsjonijiet. Tali distorsjonijiet jistgħu jinqalgħu fir-rigward ta' kwalunkwe attività ekonomika, u b'mod partikolari |

| | |
|---|---|
| f'konċentrazzjonijiet u fi proċeduri ta' akkwist pubbliku. | f'konċentrazzjonijiet u fi proċeduri ta' akkwist pubbliku.<br>***Dan ir-Regolament għandu l-għan li jiżgura kundizzjonijiet ekwivalenti fis-suq intern u, b'mod partikolari, fis-suq tal-akkwist pubbliku.*** |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Dan ir-Regolament jindirizza sussidji barranin mogħtija lil impriża involuta f'attività ekonomika fis-suq intern. Impriża li takkwista l-kontroll jew li tingħaqad ma' impriża stabbilita fl-Unjoni jew impriża li tipparteċipa fi proċedura ta' akkwist pubbliku titqies li tkun involuta f'attività ekonomika fis-suq intern. | (2) Dan ir-Regolament jindirizza sussidji ***distorsivi*** barranin mogħtija lil impriża involuta f'attività ekonomika fis-suq intern. Impriża li takkwista l-kontroll jew li tingħaqad ma' impriża stabbilita fl-Unjoni jew impriża li tipparteċipa fi proċedura ta' akkwist pubbliku titqies li tkun involuta f'attività ekonomika fis-suq intern. ***Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi internazzjonali tal-Unjoni kif ukoll għall-miżuri li l-Istati Membri u l-entitajiet kontraenti jistgħu jieħdu f'konformità mad-Direttivi 2014/23/UE, 2014/24/UE u 2014/25/UE.*** |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Distorsjoni fis-suq intern għandha titqies li teżisti meta sussidju barrani jista' jtejjeb il-pożizzjoni kompetittiva tal-impriża fis-suq intern u meta, b'dan il-mod, effettivament jew potenzjalment jaffettwa b'mod negattiv il-kompetizzjoni fis-suq intern. Jekk hemmx distorsjoni fis-suq intern għandu jiġi ddeterminat skont indikaturi, li jistgħu jinkludu dawn li | (1) Distorsjoni fis-suq intern għandha titqies li teżisti meta sussidju barrani jista' jtejjeb il-pożizzjoni kompetittiva tal-impriża ***kkonċernata*** fis-suq intern u meta, b'dan il-mod, ***l-investigazzjoni tipprovdi evidenza li*** effettivament jew potenzjalment jaffettwa b'mod negattiv il-kompetizzjoni ***u l-kundizzjonijiet ekwivalenti*** fis-suq intern. Jekk hemmx |

ġejjin: | distorsjoni fis-suq intern għandu jiġi ddeterminat skont indikaturi, li jistgħu jinkludu dawn li ġejjin:

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Sussidju barrani aktarx li ma joħloqx distorsjoni fis-suq intern jekk l-ammont totali tiegħu jkun inqas minn EUR ***5*** miljun matul kwalunkwe perjodu konsekuttiv ta' tliet snin fiskali | (2) Sussidju barrani aktarx li ma joħloqx distorsjoni fis-suq intern jekk***:*** |
| | ***(a)*** l-ammont totali tiegħu jkun inqas minn EUR ***4*** miljun matul kwalunkwe perjodu konsekuttiv ta' tliet snin fiskali***; jew*** |
| | ***(b) il-Kummissjoni tkun aċċertat li l-pajjiż terz li jagħti sussidju barrani jkollu stabbilita sistema għar-rieżami tas-sussidji li tiggarantixxi fil-liġi u fil-prattika livell ta' protezzjoni minn intervent mhux dovut mill-Istat fil-forzi tas-suq u kompetizzjoni inġusta li tkun tal-inqas ekwivalenti għal-livell fl-Unjoni u li effettivament tipproteġi mhux biss is-suq tal-pajjiż terz iżda wkoll is-suq intern tal-Unjoni. Deċiżjoni tal-Kummissjoni li taċċerta tali livell ta' ekwivalenza ta' protezzjoni għandha tkun valida għal tliet snin u tista' tiġi estiża, jekk ikun xieraq.*** |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2a) Il-Kummissjoni għandha tippubblika linji gwida għall-applikazzjoni tal-indikaturi msemmija fil-paragrafi (1) u (2). Dawk il-linji gwida għandhom jiġu aġġornati regolarment, f'kooperazzjoni*** |

***mill-qrib mal-Istati Membri. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jiġu infurmati b'dawk l-aġġornamenti.***

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2b) Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati biex taġġorna l-indikaturi msemmija fil-paragrafu 1.*** |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2c) Sat-30 ta' Ġunju 2025, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport dwar il-possibbiltà li tiġi introdotta għodda online għall-valutazzjoni indikattiva tas-sussidji barranin, b'dikjarazzjoni tal-livell ta' riskju li huwa mistenni abbażi tad-data pprovduta għall-indikaturi kwantitattivi.*** |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) sussidju barrani li jippermetti lil impriża tippreżenta offerta indebitament vantaġġuża, li abbażi tagħha l-impriża tingħata l-kuntratt pubbliku. | (4) sussidju barrani li jippermetti lil impriża tippreżenta offerta indebitament vantaġġuża ***jew offerta anormalment baxxa skont id-Direttiva 2014/24/UE***, li abbażi tagħha l-impriża tingħata l-kuntratt pubbliku. |

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Sabiex tirrimedja d-distorsjoni fis-suq intern realment jew potenzjalment ikkawżata minn sussidju barrani, il-Kummissjoni ***tista'*** timponi miżuri ta' rimedju. L-impriża kkonċernata tista' wkoll toffri impenji. | (1) Sabiex tirrimedja d-distorsjoni fis-suq intern realment jew potenzjalment ikkawżata minn sussidju barrani, il-Kummissjoni ***għandha*** timponi miżuri ta' rimedju ***sakemm it-test tal-ibbilanċjar imwettaq skont l-Artikolu 5 ma jurix li l-effetti pożittivi jegħlbu dawk negattivi***. L-impriża kkonċernata tista' wkoll toffri impenji. |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) L-impenji jew il-miżuri ta' rimedju għandhom jirrimedjaw kompletament u effettivament id-distorsjoni kkawżata minn sussidju barrani fis-suq intern. | (2) L-impenji jew il-miżuri ta' rimedju għandhom jirrimedjaw kompletament***, esklussivament*** u effettivament id-distorsjoni kkawżata ***fil-fatt jew potenzjalment*** minn sussidju barrani fis-suq intern. |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 3 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) L-impenji jew il-miżuri ta' rimedju jistgħu jikkonsistu f'dan li ġej: | (3) L-impenji jew il-miżuri ta' rimedju jistgħu jikkonsistu***, fost l-oħrajn,*** f'dan li ġej: |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt b**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (b) it-tnaqqis tal-kapaċità jew tal-preżenza fis-suq; | (b) it-tnaqqis tal-kapaċità jew tal-preżenza fis-suq***, b'mod partikolari permezz ta' restrizzjonijiet temporanji fuq l-aċċess għas-suq jew restrizzjonijiet temporanji fil-provvista ta' prodotti jew servizzi fis-suq intern, fejn l-attività ekonomika relatata hija distorta bħala riżultat ta' sussidji barranin, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet settorjali***; |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt ca (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(ca) l-esklużjoni tal-għoti tal-kuntratt lil impriża għal perjodu limitat ta' żmien jekk il-Kummissjoni ssib li impriża tkun irċeviet ripetutament sussidji barranin ta' natura distorsiva.*** |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt e**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (e) il-pubblikazzjoni tar-riżultati tar-riċerka u l-iżvilupp; | (e) il-pubblikazzjoni tar-riżultati tar-riċerka u l-iżvilupp ***filwaqt li jitqiesu s-sigrieti kummerċjali skont id-Direttiva (UE) 2016/943***; |

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt ha (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(ha) ir-restrizzjoni tal-parteċipazzjoni,*** |

| | |
|---|---|
| | ***b'mod dirett jew indirett, fi proċeduri ġodda ta' akkwist pubbliku jew ta' kuntratt ta' konċessjoni fis-suq intern;*** |

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Il-Kummissjoni ***tista'*** timponi rekwiżiti ta' rappurtar u trasparenza. | (4) Il-Kummissjoni ***għandha*** timponi rekwiżiti ta' rappurtar u trasparenza. |

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) ***Jekk impriża toffri*** impenji li jirrimedjaw kompletament u effettivament id-distorsjoni fis-suq intern, ***il-Kummissjoni tista' taċċettahom u tagħmilhom*** vinkolanti fuq l-impriża f'deċiżjoni b'impenji f'konformità mal-Artikolu 9(3). | (5) ***Il-Kummissjoni tista' tikkunsidra impenji offruti mill-impriża. Meta l-Kummissjoni taċċetta*** impenji ***offruti minn impriża*** li jirrimedjaw kompletament u effettivament id-distorsjoni fis-suq intern, ***hija għandha tagħmel dawk l-impenji*** vinkolanti fuq l-impriża f'deċiżjoni b'impenji f'konformità mal-Artikolu 9(3). ***Sat-30 ta' Ġunju 2023, il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat biex tistabbilixxi l-proċeduri, il-metodoloġija u l-kriterji biex jiġu ddeterminati l-impenji speċifiċi u l-miżuri ta' rimedju skont dan ir-Regolament.*** |

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Fejn l-impriża kkonċernata tipproponi li tħallas lura s-sussidju barrani inkluża rata tal-imgħax xierqa, il- | (6) Fejn l-impriża kkonċernata tipproponi li tħallas lura s-sussidju barrani inkluża rata tal-imgħax xierqa, il- |

| | |
|---|---|
| Kummissjoni għandha taċċetta dak il-ħlas lura bħala impenn jekk tista' taċċerta ruħha li l-ħlas lura huwa trasparenti u effettiv, hija u tieħu kont tar-riskju ta' ċirkomvenzjoni. | Kummissjoni għandha taċċetta dak il-ħlas lura bħala impenn jekk tista' taċċerta ruħha li l-ħlas lura huwa trasparenti u ***jirrimedja b'mod*** effettiv ***u adegwat id-distorsjoni kkawżata fis-suq intern***, hija u tieħu kont tar-riskju ta' ċirkomvenzjoni. |
| | ***Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha dwar l-għażla ta' miżuri ta' rimedju, filwaqt li tqis l-ispeċifiċitajiet settorjali, biex tivvaluta l-ekwivalenza tar-rimedji.*** |

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Il-Kummissjoni tista' twettaq l-ispezzjonijiet tal-impriżi li jkunu meħtieġa. | (1) ***Sabiex taqdi dmirijietha skont dan ir-Regolament,*** il-Kummissjoni tista' twettaq l-ispezzjonijiet tal-impriżi li jkunu meħtieġa. |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) li jidħlu fi kwalunkwe bini ***jew art*** tal-impriża kkonċernata; | (a) li jidħlu fi kwalunkwe bini***, art u mezzi ta' trasport rilevanti*** tal-impriża kkonċernata; |

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 3 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) L-impriża kkonċernata għandha toqgħod għall-ispezzjonijiet ordnati b'deċiżjoni tal-Kummissjoni. L-uffiċjali u persuni oħra li jakkumpanjawhom | (3) L-impriża kkonċernata għandha toqgħod għall-ispezzjonijiet ordnati b'deċiżjoni tal-Kummissjoni. L-uffiċjali u persuni oħra li jakkumpanjawhom |

| | |
|---|---|
| awtorizzati mill-Kummissjoni biex iwettqu spezzjoni għandhom jeżerċitaw is-setgħat tagħhom wara li jippreżentaw deċiżjoni tal-Kummissjoni li: | awtorizzati mill-Kummissjoni biex iwettqu spezzjoni għandhom jeżerċitaw is-setgħat tagħhom wara li jippreżentaw deċiżjoni tal-Kummissjoni ***lill-impriża kkonċernata*** li: |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 3 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) tispeċifika s-suġġett ***u*** l-għan tal-ispezzjoni; | (a) tispeċifika s-suġġett***,*** l-għan ***u l-ambitu*** tal-ispezzjoni; |

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Fuq talba tal-Kummissjoni, ***Stat*** Membru għandu jwettaq fit-territorju tiegħu kwalunkwe spezzjoni jew miżura ta' ġbir ta' informazzjoni skont id-dritt nazzjonali tiegħu biex jistabbilixxi jekk hemmx sussidju barrani li joħloq distorsjoni fis-suq intern. | (7) Fuq talba tal-Kummissjoni, ***l-Istat*** Membru għandu jwettaq fit-territorju tiegħu kwalunkwe spezzjoni jew miżura ta' ġbir ta' informazzjoni skont id-dritt nazzjonali tiegħu biex jistabbilixxi jekk hemmx sussidju barrani li joħloq distorsjoni fis-suq intern. |

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 26 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Sussidji barranin li joħolqu jew jirriskjaw li joħolqu distorsjoni fi proċedura ta' akkwist pubbliku għandhom jinftiehmu bħala sussidji barranin li jippermettu lil impriża tippreżenta offerta li tkun vantaġġuża indebitament fir-rigward tax-xogħlijiet, il-provvisti jew is-servizzi kkonċernati. Il-valutazzjoni ta' jekk hemmx distorsjoni fis-suq intern skont l-Artikolu 3 u jekk l- | Sussidji barranin li joħolqu jew ***li probabbli ħafna*** jirriskjaw li joħolqu distorsjoni fi proċedura ta' akkwist pubbliku għandhom jinftiehmu bħala sussidji barranin li jippermettu lil impriża tippreżenta offerta li tkun vantaġġuża indebitament ***jew anormalment baxxa,*** fir-rigward tax-xogħlijiet, il-provvisti jew is-servizzi kkonċernati. Il-valutazzjoni ta' |

| | |
|---|---|
| offerta hijiex vantaġġuża indebitament fir-rigward tax-xogħlijiet, il-provvisti jew is-servizzi kkonċernati għandha tkun limitata għall-proċedura ta' akkwist pubbliku inkwistjoni. Fil-valutazzjoni għandhom jitqiesu biss is-sussidji barranin mogħtija matul ***it-tliet*** snin qabel in-notifika. | jekk hemmx distorsjoni fis-suq intern skont l-Artikolu 3 u jekk l-offerta hijiex vantaġġuża indebitament fir-rigward tax-xogħlijiet, il-provvisti jew is-servizzi kkonċernati għandha tkun limitata għall-proċedura ta' akkwist pubbliku inkwistjoni. Fil-valutazzjoni għandhom jitqiesu biss is-sussidji barranin mogħtija matul ***il-ħames*** snin qabel in-notifika. |

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Għall-iskop tal-Artikolu 28, kontribuzzjoni finanzjarja barranija notifikabbli fi proċedura ta' akkwist pubbliku tal-UE għandha titqies li sseħħ meta l-valur stmat ta' dak l-akkwist pubbliku huwa ugwali jew akbar minn EUR ***250*** miljun. | (2) Għall-iskop tal-Artikolu 28, kontribuzzjoni finanzjarja barranija notifikabbli fi proċedura ta' akkwist pubbliku tal-UE għandha titqies li sseħħ meta l-valur stmat ta' dak l-akkwist pubbliku huwa ugwali jew akbar minn EUR ***200 miljun u l-valur totali tal-kontribuzzjoni finanzjarja barranija pprovduta lil impriża hija ugwali jew akbar minn EUR 1*** miljun. |

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2a) Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-valur stmat tal-akkwist pubbliku indikat fil-paragrafu 2 kull tliet snin. Il-Kummissjoni għandha tqis il-kriterji li ġejjin:*** |
| | ***(a) l-għadd ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku nnotifikati;*** |
| | ***(b) l-ammont ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku fejn ġew identifikati sussidji barranin distorsivi;*** |

***(c) il-valur medju u medjan tal-proċeduri kollha ta' akkwist pubbliku nnotifikati sabiex jiġi identifikat id-daqs ta' dawk il-proċeduri;***

***(d) bidliet fl-ammonti ta' limitu stabbiliti fid-Direttivi 2014/24/UE, 2014/23/UE u 2014/25/UE; u***

***(e) is-sehem tas-suq miksub mill-offerti rebbieħa bl-għażla ta' dawk il-kuntratti ta' akkwist pubbliku.***

***Id-deċiżjoni li temenda l-limiti msemmija fl-Artikolu 27(2) għandha tiġi adottata permezz ta' atti delegati f'konformità mal-Artikolu 44.***

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Meta jippreżentaw offerta jew talba għal parteċipazzjoni fi proċedura ta' akkwist pubbliku, l-impriżi għandhom ***jew jinnotifikaw*** lill-awtorità kontraenti jew lill-entità kontraenti ***bil-kontribuzzjonijiet*** finanzjarji barranin kollha li jkunu rċevew fit-tliet snin ta' qabel dik in-notifika jew ***jikkonfermaw f'dikjarazzjoni*** li ma rċevew l-ebda kontribuzzjoni finanzjarja barranija fl-aħħar ***tliet*** snin. Impriżi li ma jippreżentawx tali informazzjoni jew dikjarazzjoni m'għandhomx jingħataw il-kuntratt. | (1) Meta jippreżentaw offerta jew talba għal parteċipazzjoni fi proċedura ta' akkwist pubbliku, l-impriżi għandhom ***jissottomettu notifika*** lill-awtorità kontraenti jew lill-entità kontraenti ***jew billi jinnotifikaw dwar il-kontribuzzjonijiet*** finanzjarji barranin kollha li jkunu rċevew fit-tliet snin ta' qabel dik in-notifika jew ***billi jindikaw*** li ma rċevew l-ebda kontribuzzjoni finanzjarja barranija ***'l fuq mil-limitu stabbilit fl-Artikolu 27(2)*** fl-aħħar ***ħames*** snin. Impriżi li ma jippreżentawx tali informazzjoni jew dikjarazzjoni m'għandhomx jingħataw il-kuntratt. |

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) L-obbligu ta' notifika tal- | (2) L-obbligu ta' notifika tal- |

| | |
|---|---|
| kontribuzzjonijiet finanzjarji barranin skont dan il-paragrafu għandu jestendi għall-operaturi ekonomiċi, il-gruppi ta' operaturi ekonomiċi msemmija fl-Artikolu 26(2) tad-Direttiva 2014/23/UE, l-Artikolu 19(2) tad-Direttiva 2014/24/UE u l-Artikolu 37(2) tad-Direttiva 2014/25/UE, is-sottokuntratturi ewlenin u l-fornituri ewlenin. Sottokuntrattur jew fornitur għandu jitqies bħala ewlieni fejn il-parteċipazzjoni tiegħu tiżgura elementi ewlenin tal-prestazzjoni tal-kuntratt u fi kwalunkwe każ fejn is-sehem ekonomiku tal-kontribuzzjoni tiegħu jaqbeż ***it-30*** % tal-valur stmat tal-kuntratt. | kontribuzzjonijiet finanzjarji barranin skont dan il-paragrafu għandu jestendi għall-operaturi ekonomiċi, il-gruppi ta' operaturi ekonomiċi msemmija fl-Artikolu 26(2) tad-Direttiva 2014/23/UE, l-Artikolu 19(2) tad-Direttiva 2014/24/UE u l-Artikolu 37(2) tad-Direttiva 2014/25/UE, is-sottokuntratturi ewlenin u l-fornituri ewlenin. Sottokuntrattur jew fornitur għandu jitqies bħala ewlieni fejn il-parteċipazzjoni tiegħu tiżgura elementi ewlenin tal-prestazzjoni tal-kuntratt u fi kwalunkwe każ fejn is-sehem ekonomiku tal-kontribuzzjoni tiegħu jaqbeż ***il-15*** % tal-valur stmat tal-kuntratt. |

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Għal gruppi ta' operaturi ekonomiċi, sottokuntratturi ewlenin u fornituri ewlenin, ***l-operatur*** ekonomiku ewlieni għandu jiżgura n-notifika. | (3) Għal gruppi ta' operaturi ekonomiċi, sottokuntratturi ewlenin u fornituri ewlenin, ***għandhom jinfurmaw lill-operatur*** ekonomiku ewlieni ***dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji barranin, li*** għandu jiżgura n-notifika. ***L-operatur ekonomiku ewlieni ma għandux ikun responsabbli għall-informazzjoni dwar is-sottokuntratturi ewlenin jew il-fornituri ewlenin tiegħu u l-informazzjoni pprovduta minnhom.*** |

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Fejn il-Kummissjoni tissuspetta li impriża setgħet ***ibbenefikat minn*** sussidji barranin ***fit-tliet*** snin qabel il-preżentazzjoni tal-offerta jew talba biex tipparteċipa fil-proċedura ta' akkwist | (6) Fejn il-Kummissjoni tissuspetta li impriża setgħet ***ingħatat*** sussidji barranin ***fil-ħames*** snin qabel il-preżentazzjoni tal-offerta jew talba biex tipparteċipa fil-proċedura ta' akkwist pubbliku, hija tista' |

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| pubbliku, hija tista' titlob in-notifika tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji barranin riċevuti minn dik l-impriża fi kwalunkwe proċedura ta' akkwist pubbliku li mhumiex notifikabbli skont l-Artikolu 27(2) jew li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, fi kwalunkwe ħin qabel l-għoti tal-kuntratt. Ladarba l-Kummissjoni tkun talbet in-notifika ta' tali kontribuzzjoni finanzjarja, din titqies bħala kontribuzzjoni finanzjarja barranija notifikabbli fi proċedura ta' akkwist pubbliku. | titlob in-notifika tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji barranin riċevuti minn dik l-impriża ***jew il-kontribuzzjonijiet finanzjarji barranin li għandha tirċievi fi żmien sena wara is-sottomissjoni tal-offerta jew it-talba biex tipparteċipa fil-proċedura ta' akkwist pubbliku*** fi kwalunkwe proċedura ta' akkwist pubbliku li mhumiex notifikabbli skont l-Artikolu 27(2) jew li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, fi kwalunkwe ħin qabel l-għoti tal-kuntratt. Ladarba l-Kummissjoni tkun talbet in-notifika ta' tali kontribuzzjoni finanzjarja, din titqies bħala kontribuzzjoni finanzjarja barranija notifikabbli fi proċedura ta' akkwist pubbliku. |

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 6a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6a) Għal kuntratti 'l fuq mil-limiti stabbiliti fid-Direttiva 2014/24/UE u taħt il-limitu stabbilit fl-Artikolu 27(2), fejn awtorità kontraenti jew entità kontraenti tistabbilixxi li offerta tkun anormalment baxxa, hija għandha titlob lill-impriża tinnotifika lill-Kummissjoni mingħajr dewmien dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji barranin kollha li tkun irċeviet fl-aħħar tliet snin.*** |

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 6b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6b) Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi mezz ta' komunikazzjoni li jippreżenta garanziji stretti ta'*** |

|  |  |
|---|---|
|  | ***kunfidenzjalità biex tirċievi kummenti minn partijiet interessati u minn Stati Membri li jissuspettaw li impriża setgħet ibbenefikat minn sussidji barranin fit-tliet snin qabel il-preżentazzjoni tal-offerta jew talba biex tipparteċipa fil-proċedura ta' akkwist pubbliku. Il-Kummissjoni għandha tqis kif xieraq l-informazzjoni rrappurtata u tista' titlob informazzjoni u n-notifika dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji barranin li dik l-impriża tkun irċeviet fi kwalunkwe proċedura ta' akkwist pubbliku.*** |

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 29 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami preliminari mhux aktar tard minn ***60*** jum wara li tkun irċeviet in-notifika. | (2) Il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami preliminari mhux aktar tard minn ***30*** jum wara li tkun irċeviet in-notifika. |

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 29 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Il-Kummissjoni tista' tadotta deċiżjoni li tagħlaq l-investigazzjoni fil-fond mhux aktar tard minn ***200*** jum wara li tkun irċeviet in-notifika. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, dan il-limitu ta' żmien jista' jiġi estiż wara konsultazzjoni mal-awtorità kontraenti jew entità kontraenti kkonċernata. | (4) Il-Kummissjoni tista' tadotta deċiżjoni li tagħlaq l-investigazzjoni fil-fond mhux aktar tard minn ***120*** jum wara li tkun irċeviet in-notifika. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, dan il-limitu ta' żmien jista' jiġi estiż ***b'20 jum*** wara konsultazzjoni mal-awtorità kontraenti jew entità kontraenti kkonċernata. |

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 30 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Meta l-impriża kkonċernata ma toffrix impenji jew fejn il-Kummissjoni tikkunsidra li l-impenji msemmija fil-paragrafu 1 la huma xierqa u lanqas suffiċjenti biex ineħħu kompletament u effettivament id-distorsjoni għandha tadotta deċiżjoni li tipprojbixxi l-għoti tal-kuntratt lill-impriża kkonċernata ("deċiżjoni li tipprojbixxi l-għoti tal-kuntratt"). | (2) Meta l-impriża kkonċernata ma toffrix impenji jew fejn il-Kummissjoni tikkunsidra li l-impenji msemmija fil-paragrafu 1 la huma xierqa u lanqas suffiċjenti biex ineħħu kompletament u effettivament id-distorsjoni għandha tadotta deċiżjoni li tipprojbixxi l-għoti tal-kuntratt lill-impriża kkonċernata ("deċiżjoni li tipprojbixxi l-għoti tal-kuntratt"). ***L-adozzjoni ta' deċiżjoni li tipprojbixxi l-għoti tal-kuntratt għandha tirriżulta fl-esklużjoni tal-impriża kkonċernata mill-parteċipazzjoni fil-proċedura ta' akkwist pubbliku.*** |

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 30 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) Il-Kummissjoni għandha tippubblika d-deċiżjonijiet adottati skont il-paragrafi (1), (2) u (3), li għandhom jinkludu ġustifikazzjoni dettaljata tad-deċiżjoni, l-indikaturi li fuqhom hija bbażata d-deċiżjoni u d-deskrizzjoni tal-proċedura għall-appell.*** |

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(3) Il-kuntratt jista' jingħata lil impriża li tippreżenta dikjarazzjoni skont l-Artikolu 28 qabel ma l-Kummissjoni tieħu kwalunkwe waħda mid-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 30 jew qabel ma jiskadi l-limitu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 29(4) biss jekk l-evalwazzjoni tal-offerta tkun stabbiliet li l-impriża*** | ***imħassar*** |

***inkwistjoni tkun fi kwalunkwe każ ippreżentat l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża.***

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 32 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2a) F'każ ta' nuqqas ta' konformità ripetut mar-rekwiżit ta' notifika għal sussidji barranin, il-Kummissjoni tista' teskludi lill-impriża minn proċeduri ta' akkwist futuri għal perjodu ta' żmien limitat madwar l-UE.*** |

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 32 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Il-Kummissjoni tista' timponi b'deċiżjoni fuq l-impriżi kkonċernati multi li ma jaqbżux l-10 % tal-fatturat aggregat tagħhom fis-sena kummerċjali preċedenti fejn huma***, intenzjonalment jew b'negliġenza,*** jonqsu milli jinnotifikaw sussidju skont l-Artikolu 28 matul il-proċedura ta' akkwist pubbliku. | (3) Il-Kummissjoni tista' timponi b'deċiżjoni fuq l-impriżi kkonċernati multi li ma jaqbżux l-10 % tal-fatturat aggregat tagħhom fis-sena kummerċjali preċedenti fejn huma jonqsu milli jinnotifikaw sussidju skont l-Artikolu 28 matul il-proċedura ta' akkwist pubbliku. |

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 32a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 32a*** |
| | ***Kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali tal-akkwist pubbliku*** |
| | ***1. L-awtoritajiet kompetenti tal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***akkwist pubbliku, u, jekk applikabbli, il-korpi nnominati għandhom jikkooperaw b'mod effettiv mal-Kummissjoni għall-fini tar-rieżami preliminari u l-investigazzjoni fil-fond fl-akkwist pubbliku nnotifikat, kif stabbilit fl-Artikoli 19 u 28.*** |
| | ***2. L-awtoritajiet kompetenti tal-akkwist pubbliku jistgħu wkoll jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar is-sussidji barranin fl-akkwist pubbliku taħt il-limiti msemmija fl-Artikolu 27(2), jekk iqisu li jkun hemm riskju ta' distorsjoni tas-suq intern u jitolbu investigazzjoni tas-suq. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-awtorità tal-akkwist pubbliku dwar is-segwitu li jkun sar u tipprovdi ġustifikazzjoni jekk tiddeċiedi li ma tiftaħx investigazzjoni.*** |
| | ***3. Meta awtorità kontraenti jew entità kontraenti tissuspetta li impriża tkun ippreżentat offerta anormalment baxxa, hija tista' tirrikjedi li l-impriża tipprovdi spjegazzjonijiet fir-rigward tal-prezz u l-kostijiet proposti b'rabta max-xogħlijiet, il-provvisti jew is-servizzi f'konformità mal-Artikolu 69 tad-Direttiva 2014/24/UE. Fejn l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti tkun stabbiliet li l-offerta anormalment baxxa hija kkawżata minn sussidju barrani, hija għandha tinnotifika dan lill-Kummissjoni.*** |
| | ***4. L-awtoritajiet kompetenti tal-akkwist pubbliku għandhom jiġbru u jiskambjaw data mal-Kummissjoni dwar l-offerenti u l-kuntratti tal-pajjiżi terzi mirbuħa minn impriżi mhux tal-Unjoni, il-parteċipazzjoni barranija fil-katina tal-provvista u bħala sottokuntratturi.*** |

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 34 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| (2) Il-Kummissjoni ***tista'*** tippubblika rapport dwar ir-riżultati tal-investigazzjoni tas-suq tagħha f'setturi partikolari, tipi partikolari ta' attività ekonomika jew strumenti partikolari ta' sussidju u tistieden kummenti minn partijiet interessati. | (2) Il-Kummissjoni ***għandha*** tippubblika rapport dwar ir-riżultati tal-investigazzjoni tas-suq tagħha f'setturi partikolari, tipi partikolari ta' attività ekonomika jew strumenti partikolari ta' sussidju u tistieden kummenti minn partijiet interessati. |

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 44 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) l-emendar tal-limiti għan-notifiki kif stabbilit fl-Artikoli 18 u 27, fid-dawl tal-prattika tal-Kummissjoni matul l-ewwel ***ħames*** snin tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, u b'kont meħud tal-effettività tal-applikazzjoni; | (a) l-emendar tal-limiti għan-notifiki kif stabbilit fl-Artikoli 18 u 27, fid-dawl tal-prattika tal-Kummissjoni matul l-ewwel ***tliet*** snin tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, u b'kont meħud tal-effettività tal-applikazzjoni; |

**Emenda 59**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 44 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) kriterji biex jiġu ddeterminati l-impenji speċifiċi u l-miżuri ta' rimedju fl-Artikolu 6;*** |

**Emenda 60**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 44 – paragrafu 1 – punt cb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(cb) id-definizzjoni ta' indikaturi speċifiċi għall-ibbilanċjar stabbiliti fl-Artikolu 5.*** |

**Emenda 61**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 44 – paragrafu 1 – punt cc (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(cc) is-supplimentar tal-indikaturi għad-determinazzjoni tad-distorsjoni fis-suq uniku kif stabbilit fl-Artikolu 3.*** |

**Emenda 62**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 46 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Sa mhux aktar tard minn ***ħames*** snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, akkumpanjat***, fejn*** il-Kummissjoni ***tqis*** li ***jkun*** xieraq, ***minn proposti leġiżlattivi rilevanti***. | Sa mhux aktar tard minn ***tliet*** snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ***u kull 3 snin wara dan***, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, ***u tevalwa l-effetti ekonomiċi ta' dan ir-Regolament fuq is-suq intern inkluż fuq l-awtonomija tal-Unjoni. Ir-rapport għandu jkun*** akkumpanjat ***bi proposti leġiżlattivi rilevanti. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina wkoll l-għadd ta' każijiet ta' notifika riċevuti u ttrattati kull sena li jirriżultaw mil-limiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha, fejn possibbli u xieraq, tikkunsidra li tissuġġerixxi żieda jew tnaqqis tal-ammonti ta' limitu applikabbli stabbiliti f'dan ir-Regolament.*** |

# PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Sussidji barranin li joħolqu distorsjoni fis-suq intern |
| **Referenzi** | COM(2021)0223 – C9-0167/2021 – 2021/0114(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | INTA<br>7.6.2021 |
| **Opinjoni(jiet) mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | IMCO<br>7.6.2021 |
| **Kumitati assoċjati - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja** | 25.11.2021 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Christian Doleschal<br>15.6.2021 |
| **Eżami fil-kumitat** | 1.12.2021 25.1.2022 28.2.2022 |
| **Data tal-adozzjoni** | 28.3.2022 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 38<br>–: 1<br>0: 2 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Andrus Ansip, Pablo Arias Echeverría, Alessandra Basso, Biljana Borzan, Markus Buchheit, Andrea Caroppo, Anna Cavazzini, Deirdre Clune, Alexandra Geese, Sandro Gozi, Maria Grapini, Svenja Hahn, Krzysztof Hetman, Virginie Joron, Eugen Jurzyca, Arba Kokalari, Marcel Kolaja, Kateřina Konečná, Jean-Lin Lacapelle, Maria-Manuel Leitão-Marques, Morten Løkkegaard, Adriana Maldonado López, Antonius Manders, Leszek Miller, Anne-Sophie Pelletier, Miroslav Radačovský, René Repasi, Christel Schaldemose, Andreas Schwab, Tomislav Sokol, Ivan Štefanec, Róża Thun und Hohenstein, Tom Vandenkendelaere, Kim Van Sparrentak, Marion Walsmann, Marco Zullo |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Clara Aguilera, Marc Angel, Vlad-Marius Botoş, Geert Bourgeois, Christian Doleschal, Dominik Tarczyński |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 38 | + |
|---|---|
| The Left | Kateřina Konečná, Anne-Sophie Pelletier |
| ID | Alessandra Basso, Markus Buchheit, Virginie Joron, Jean-Lin Lacapelle |
| PPE | Pablo Arias Echeverría, Andrea Caroppo, Deirdre Clune, Christian Doleschal, Krzysztof Hetman, Arba Kokalari, Antonius Manders, Andreas Schwab, Tomislav Sokol, Ivan Štefanec, Tom Vandenkendelaere, Marion Walsmann |
| Renew | Andrus Ansip, Vlad-Marius Botoş, Sandro Gozi, Svenja Hahn, Morten Løkkegaard, Róża Thun und Hohenstein, Marco Zullo |
| S&D | Clara Aguilera, Marc Angel, Biljana Borzan, Maria Grapini, Maria-Manuel Leitão-Marques, Adriana Maldonado López, Leszek Miller, René Repasi, Christel Schaldemose |
| Verts/ALE | Anna Cavazzini, Alexandra Geese, Marcel Kolaja, Kim Van Sparrentak |

| 1 | - |
|---|---|
| ECR | Eugen Jurzyca |

| 2 | 0 |
|---|---|
| ECR | Geert Bourgeois |
| NI | Miroslav Radačovský |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

22.4.2022

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET LEGALI

għall-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sussidji barranin li joħolqu distorsjoni fis-suq intern
(COM(2021)0223 – C9-0167/2021 – 2021/0114(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Gilles Lebreton

PA_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-proposta tal-Kummissjoni timxi b'mod ċar fid-direzzjoni t-tajba hekk kif tixtieq tipprevjeni sussidji barranin li jistgħu joħolqu distorsjoni fis-suq intern, objettiv li huwa appoġġat bis-sħiħ mill-Kumitat għall-Affarijiet Legali.

Madankollu, il-miżuri previsti huma sproporzjonati billi l-Kummissjoni hija fdata b'setgħat eċċessivi, b'mod partikolari fir-rigward tas-sanzjonijiet.

Dawn l-emendi għalhekk jipproponu li jiġi bbilanċjat mill-ġdid ir-rwol tal-Kummissjoni, inkluż li jiġu involuti l-korpi nazzjonali kompetenti fl-intervenzjonijiet tagħha, billi jiġi mmodifikat il-kamp ta' applikazzjoni tal-atti delegati tagħha, jiġi pprovdut qafas strett għall-ispezzjonijiet tal-impriżi u jitnaqqsu l-iskadenzi varji għall-azzjoni tagħha.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jistieden lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Suq intern b'saħħtu, miftuħ u kompetittiv jippermetti kemm lill-***impriżi*** Ewropej kif ukoll lil dawk barranin | (1) Suq intern b'saħħtu, miftuħ***, dinamiku, durabbli,*** u kompetittiv jippermetti kemm lill-***kumpaniji*** Ewropej |

| | |
|---|---|
| jikkompetu skont il-mertu. L-Unjoni tibbenefika minn sistema sofistikata u effettiva ta' kontroll tal-għajnuna mill-Istat, bl-għan li tiżgura kundizzjonijiet ġusti għall-impriżi kollha involuti f'attività ekonomika fis-suq intern. Din is-sistema ta' kontroll tal-għajnuna mill-Istat tipprevjeni lill-Istati Membri milli jagħtu għajnuna mill-Istat li toħloq distorsjoni indebita fis-suq intern. | kif ukoll lil dawk barranin jikkompetu skont il-mertu, ***filwaqt li jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni***. L-Unjoni tibbenefika minn sistema sofistikata u effettiva ta' kontroll tal-għajnuna mill-Istat, bl-għan li tiżgura kundizzjonijiet ġusti għall-impriżi kollha involuti f'attività ekonomika fis-suq intern. Din is-sistema ta' kontroll tal-għajnuna mill-Istat tipprevjeni lill-Istati Membri milli jagħtu għajnuna mill-Istat li toħloq distorsjoni indebita fis-suq intern ***u taffettwa il-kummerċ bejn l-Istati Membri***. |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) ***Fl-istess ħin***, l-impriżi jistgħu jirċievu sussidji minn pajjiżi terzi, li jipprovdu fondi pubbliċi li mbagħad jintużaw, pereżempju, biex jiffinanzjaw attivitajiet ekonomiċi fis-suq intern fi kwalunkwe settur tal-ekonomija, bħal pereżempju l-parteċipazzjoni f'offerti tal-akkwist pubbliku, jew akkwiżizzjonijiet ta' impriżi, inklużi dawk b'assi strateġiċi bħall-infrastruttura kritika u t-teknoloġiji innovattivi. Dawn is-sussidji bħalissa mhumiex soġġetti għar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat. | (2) ***Madankollu, għadu ma jeżisti l-ebda mekkaniżmu biex jindirizza d-distorsjonijiet tas-suq intern ikkawżati minn sussidji barranin. B'mod speċifiku,*** l-impriżi ***li joperaw fit-territorju tal-Unjoni*** jistgħu jirċievu sussidji minn pajjiżi terzi, li jipprovdu fondi pubbliċi li mbagħad jintużaw, pereżempju, biex jiffinanzjaw attivitajiet ekonomiċi fis-suq intern fi kwalunkwe settur tal-ekonomija, bħal pereżempju l-parteċipazzjoni f'offerti tal-akkwist pubbliku, jew akkwiżizzjonijiet ta' impriżi, inklużi dawk b'assi strateġiċi bħall-infrastruttura kritika u t-teknoloġiji innovattivi ***jew inkella biex jagħtu vantaġġi inġusti li jistgħu joħolqu distorsjoni fil-funzjonament tas-suq intern***. Dawn is-sussidji bħalissa mhumiex soġġetti għar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat. |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Is-sussidji barranin jistgħu joħolqu distorsjoni fis-suq intern u jimminaw il-kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għal bosta attivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni. Dan jista' jseħħ b'mod partikolari fil-kuntest ta' konċentrazzjonijiet li jinvolvu bidla fil-kontroll fuq impriżi tal-UE, fejn tali konċentrazzjonijiet ikunu ffinanzjati kompletament jew parzjalment permezz ta' sussidji barranin, jew jekk impriżi li jibbenefikaw minn sussidji barranin jingħataw kuntratti pubbliċi fl-Unjoni. | (3) Is-sussidji barranin jistgħu joħolqu distorsjoni fis-suq intern***, ifixklu l-bilanċ funzjonali tiegħu*** u jimminaw il-kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għal bosta attivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni. Dan jista' jseħħ b'mod partikolari fil-kuntest ta' konċentrazzjonijiet li jinvolvu bidla fil-kontroll fuq impriżi tal-UE, fejn tali konċentrazzjonijiet ikunu ffinanzjati kompletament jew parzjalment permezz ta' sussidji barranin, jew jekk impriżi li jibbenefikaw minn sussidji barranin jingħataw kuntratti pubbliċi fl-Unjoni. |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Għaldaqstant huwa meħtieġ li l-istrumenti eżistenti tal-Unjoni jiġu kkomplimentati b'għodda ġdida biex tindirizza d-distorsjonijiet fis-suq intern ikkawżati mis-sussidji barranin u tiżgura kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. B'mod partikolari, l-għodda l-ġdida tikkomplementa r-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat li jittrattaw distorsjonijiet fis-suq intern ikkawżati minn sussidji tal-Istati Membri. | (5) ***L-Istati Membri ma adottawx leġiżlazzjoni nazzjonali dwar is-sussidji barranin, għalkemm pajjiżi bħal Franza, il-Ġermanja, il-Polonja, l-Italja jew in-Netherlands enfasizzaw il-ħtieġa għal regoli armonizzati tal-Unjoni biex jindirizzaw il-kwistjoni.*** Għaldaqstant huwa meħtieġ li l-istrumenti eżistenti tal-Unjoni jiġu kkomplimentati b'għodda ġdida biex tindirizza d-distorsjonijiet fis-suq intern ikkawżati mis-sussidji barranin u tiżgura kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni ***flimkien ma' klima tas-suq interna li tibqa' attraenti għall-investituri barranin***. B'mod partikolari, l-għodda l-ġdida tikkomplementa r-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat li jittrattaw distorsjonijiet fis-suq intern ikkawżati minn sussidji tal-Istati Membri. |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fis-suq intern, kif ukoll il-konsistenza fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun l-unika awtorità li jkollha l-kompetenza li tapplika dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa li teżamina kwalunkwe sussidju barrani sa fejn dan ikun fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fi kwalunkwe settur tal-ekonomija fuq inizjattiva tagħha stess u bis-saħħa tal-informazzjoni mis-sorsi kollha disponibbli. Sabiex jiġi żgurat kontroll effettiv, fil-każ speċifiku ta' konċentrazzjonijiet kbar (fużjonijiet u akkwiżizzjonijiet) u proċeduri ta' akkwist pubbliku li jaqbżu ċerti livelli limitu, jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa li teżamina s-sussidji barranin abbażi ta' notifika minn qabel mill-impriża lill-Kummissjoni Ewropea. | (7) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fis-suq intern, kif ukoll il-konsistenza fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun l-unika awtorità li jkollha l-kompetenza li tapplika dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa li teżamina kwalunkwe sussidju barrani sa fejn dan ikun fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fi kwalunkwe settur tal-ekonomija fuq inizjattiva tagħha stess u bis-saħħa tal-informazzjoni mis-sorsi kollha disponibbli, ***inklużi l-Istati Membri, l-assoċjazzjoni tal-kummerċ tal-Istati Membri u s-sħab soċjali madwar l-Unjoni***. Sabiex jiġi żgurat kontroll effettiv, fil-każ speċifiku ta' konċentrazzjonijiet kbar (fużjonijiet u akkwiżizzjonijiet) u proċeduri ta' akkwist pubbliku li jaqbżu ċerti livelli limitu, jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa li teżamina s-sussidji barranin abbażi ta' notifika minn qabel mill-impriża lill-Kummissjoni Ewropea. ***Jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħti attenzjoni partikolari lill-flussi ta' flus li ġejjin minn rifuġji fiskali, fejn l-opaċità tal-banek, tal-kumpaniji u ta' suġġetti oħra tagħmilha impossibbli li tiġi stabbilita l-oriġini tal-fondi li jidħlu fl-Istati Membri.*** |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Irid ikun hemm kontribuzzjoni finanzjarja diretta jew indiretta li tingħata mill-awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiż terz. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tista' tingħata | (9) Irid ikun hemm kontribuzzjoni finanzjarja ***jew miżura ta' appoġġ ekonomikament ekwivalenti***, diretta jew indiretta, li tingħata mill-awtoritajiet |

| | |
|---|---|
| permezz ta' entitajiet pubbliċi jew privati. Jekk entità pubblika hix tipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja jenħtieġ li jiġi ddeterminat fuq bażi ta' każ b'każ b'kunsiderazzjoni xierqa għal elementi bħall-karatteristiċi tal-entità rilevanti u l-ambjent legali u ekonomiku li jkun jipprevali fil-pajjiż li fih l-entità topera, inkluż ir-rwol tal-gvern fl-ekonomija. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji jistgħu jingħataw ukoll permezz ta' entità privata jekk l-azzjonijiet tagħha jistgħu jiġu attribwiti lill-pajjiż terz. | pubbliċi ta' pajjiż terz. Il-kontribuzzjoni finanzjarja ***jew miżura ta' appoġġ ekonomikament ekwivalenti*** tista' tingħata permezz ta' entitajiet pubbliċi jew privati. Jekk entità pubblika hix tipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja ***jew miżura ta' appoġġ ekonomikament ekwivalenti***, jenħtieġ li jiġi ddeterminat fuq bażi ta' każ b'każ b'kunsiderazzjoni xierqa għal elementi bħall-karatteristiċi tal-entità rilevanti u l-ambjent legali u ekonomiku li jkun jipprevali fil-pajjiż li fih l-entità topera, inkluż ir-rwol tal-gvern fl-ekonomija. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji ***jew miżuri ta' appoġġ ekonomikament ekwivalenti*** jistgħu jingħataw ukoll permezz ta' entità privata jekk l-azzjonijiet tagħha jistgħu jiġu attribwiti lill-pajjiż terz. |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Tali kontribuzzjoni finanzjarja trid tkun tagħti benefiċċju lil impriża involuta f'attività ekonomika fis-suq intern. Kontribuzzjoni finanzjarja li tibbenefika entità involuta f'attivitajiet mhux ekonomiċi ma tikkostitwix sussidju barrani. L-eżistenza ta' benefiċċju jenħtieġ li tiġi determinata abbażi ta' parametri referenzjarji komparattivi, bħall-prattika tal-investiment ta' investituri privati, rati għall-finanzjament li jista' jinkiseb fis-suq, trattament tat-taxxa kumparabbli, jew ir-remunerazzjoni adegwata għal prodott jew servizz partikolari. Jekk ma jkunx hemm disponibbli parametri referenzjarji direttament komparabbli, il-parametri referenzjarji eżistenti jistgħu jiġu aġġustati jew jistgħu jiġu stabbiliti parametri referenzjarji alternattivi abbażi ta' metodi ta' valutazzjoni ġeneralment aċċettati. | (10) Tali kontribuzzjoni finanzjarja ***jew miżura ta' appoġġ ekonomikament ekwivalenti*** jenħtieġ li tagħti benefiċċju lil impriża involuta f'attività ekonomika fis-suq intern. Kontribuzzjoni finanzjarja ***jew miżura ta' appoġġ ekonomikament ekwivalenti*** li tibbenefika entità involuta f'attivitajiet mhux ekonomiċi ma tikkostitwix sussidju barrani. L-eżistenza ta' benefiċċju jenħtieġ li tiġi determinata abbażi ta' parametri referenzjarji komparattivi, bħall-prattika tal-investiment ta' investituri privati, rati għall-finanzjament li jista' jinkiseb fis-suq, trattament tat-taxxa kumparabbli, jew ir-remunerazzjoni adegwata għal prodott jew servizz partikolari. Jekk ma jkunx hemm disponibbli parametri referenzjarji direttament komparabbli, il-parametri referenzjarji eżistenti jistgħu jiġu aġġustati jew jistgħu jiġu stabbiliti parametri referenzjarji alternattivi abbażi ta' metodi |

ta' valutazzjoni ġeneralment aċċettati.

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Ladarba tiġi stabbilita l-eżistenza ta' sussidju barrani, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta jekk is-sussidju barrani joħloqx distorsjoni fis-suq intern. Għall-kuntrarju tal-għajnuna mill-Istat min-naħa ta' Stat Membru, is-sussidji barranin ġeneralment mhumiex projbiti. Is-sussidji fil-forma ta' finanzjament għall-esportazzjoni jistgħu jkunu ta' tħassib partikolari minħabba l-effetti distorsivi tagħhom. Dan mhuwiex il-każ jekk tali finanzjament jingħata f'konformità mal-Arranġament tal-OECD għal Krediti ta' Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati. Il-Kummissjoni għandha tagħmel evalwazzjoni jekk sussidju barrani joħloqx distorsjoni fis-suq intern, abbażi tal-każ. | (12) Ladarba tiġi stabbilita l-eżistenza ta' sussidju barrani, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta jekk is-sussidju barrani joħloqx distorsjoni fis-suq intern. Għall-kuntrarju tal-għajnuna mill-Istat min-naħa ta' Stat Membru, is-sussidji barranin ġeneralment mhumiex projbiti. ***Din l-asimmetrija jenħtieġ li twassal lill-Unjoni biex tirrevedi r-regoli tagħha stess biex toffri appoġġ aħjar lill-kumpaniji permezz tal-għajnuna mill-Istat u biex tgħin fl-implimentazzjoni ta' strateġija industrijali li kapaċi ttejjeb il-potenzjal tal-ekonomija tagħna għall-ħolqien tal-impjiegi u tal-valur.*** Is-sussidji fil-forma ta' finanzjament għall-esportazzjoni jistgħu jkunu ta' tħassib partikolari minħabba l-effetti distorsivi tagħhom. Dan mhuwiex il-każ jekk tali finanzjament jingħata f'konformità mal-Arranġament tal-OECD għal Krediti ta' Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati. Il-Kummissjoni għandha tagħmel evalwazzjoni jekk sussidju barrani joħloqx distorsjoni fis-suq intern, abbażi tal-każ. |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis l-effetti pożittivi tas-sussidju barrani fuq l-iżvilupp tal-attività ekonomika sussidjata relevanti. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżen dawn l-effetti pożittivi kontra l-effetti negattivi ta' sussidju barrani f'termini ta' | (16) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis l-effetti pożittivi tas-sussidju barrani fuq l-iżvilupp tal-attività ekonomika sussidjata relevanti***, b'mod partikolari fir-rigward tal-kontribuzzjoni tiegħu għall-objettivi tal-Unjoni u l-prioritajiet ewlenin***. |

| | |
|---|---|
| distorsjoni fis-suq intern sabiex tiddetermina, jekk applikabbli, il-miżura ta' rimedju xierqa jew taċċetta l-impenji. Dan l-eżerċizzju ta' bbilanċjar jista' wkoll iwassal għall-konklużjoni li ma ***għandha*** tiġi imposta l-ebda miżura ta' rimedju. Il-kategoriji ta' sussidji barranin li jitqiesu l-aktar probabbli li joħolqu distorsjoni fis-suq intern huma inqas probabbli li jkollhom aktar effetti pożittivi milli negattivi. | Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżen dawn l-effetti pożittivi kontra l-effetti negattivi ta' sussidju barrani f'termini ta' distorsjoni fis-suq intern sabiex tiddetermina, jekk applikabbli, il-miżura ta' rimedju xierqa ***u proporzjonali*** jew taċċetta l-impenji. Dan l-eżerċizzju ta' bbilanċjar jista' wkoll iwassal għall-konklużjoni li ma ***jenħtieġ li*** tiġi imposta l-ebda miżura ta' rimedju. Il-kategoriji ta' sussidji barranin li jitqiesu l-aktar probabbli li joħolqu distorsjoni fis-suq intern huma inqas probabbli li jkollhom aktar effetti pożittivi milli negattivi. |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) Jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa li, fuq inizjattiva tagħha stess, teżamina kwalunkwe informazzjoni dwar sussidji barranin. Għal dan il-għan, huwa meħtieġ li tiġi stabbilita proċedura li tikkonsisti f'żewġ stadji, jiġifieri rieżami preliminari u investigazzjoni fil-fond. | (21) Jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa li, fuq inizjattiva tagħha stess, teżamina kwalunkwe informazzjoni dwar sussidji barranin ***jew benefiċċju mhux finanzjarju rilevanti ieħor minn pajjiż terz, kemm jekk dan jikkonsisti fi standards jew prattiki ta' natura speċifika jew ġenerali, li jkollu l-istess effett bħal sussidju. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' taġixxi abbażi ta' informazzjoni sostanzjata li tirċievi minn kwalunkwe sors rilevanti, inklużi l-Istati Membri, l-assoċjazzjonijiet jew l-impriżi industrijali, tan-negozju u kummerċjali u s-sħab soċjali u l-awtoritajiet lokali madwar l-Unjoni kollha.*** Għal dan il-għan, huwa meħtieġ li tiġi stabbilita proċedura li tikkonsisti f'żewġ stadji, jiġifieri rieżami preliminari u investigazzjoni fil-fond. |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (24) Fil-każijiet kollha fejn, bħala riżultat tar-rieżami preliminari, il-Kummissjoni jkollha biżżejjed indikazzjonijiet tal-eżistenza ta' sussidju barrani li joħloq distorsjoni fis-suq intern, jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tniedi investigazzjoni fil-fond biex tiġbor informazzjoni rilevanti addizzjonali biex tivvaluta s-sussidju barrani***, u biex*** tippermetti lill-partijiet interessati jeżerċitaw id-drittijiet tad-difiża tagħhom. | (24) Fil-każijiet kollha fejn, bħala riżultat tar-rieżami preliminari, il-Kummissjoni jkollha biżżejjed indikazzjonijiet tal-eżistenza ta' sussidju barrani li joħloq distorsjoni fis-suq intern, jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tniedi investigazzjoni fil-fond biex tiġbor informazzjoni rilevanti addizzjonali biex tivvaluta s-sussidju barrani ***u kif dan jista' jwassal għal distorsjoni fis-suq intern***. ***Jenħtieġ li tinforma lill-impriża u lill-Istati Membri kkonċernati dwar dan il-fatt u*** tippermetti lill-partijiet interessati jeżerċitaw id-drittijiet tad-difiża tagħhom. |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (26) Jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha l-istrumenti xierqa biex tiżgura l-effettività tal-impenji u l-miżuri ta' rimedju. Jekk l-impriża kkonċernata ma tikkonformax ma' deċiżjoni b'impenji, deċiżjoni li timponi miżuri ta' rimedju, jew deċiżjoni li tordna miżuri interim, jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa li timponi multi u ħlasijiet perjodiċi ta' penali. | (26) Jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha l-istrumenti xierqa biex tiżgura l-effettività tal-impenji u l-miżuri ta' rimedju***, filwaqt li tiżgura li dawn ikunu adegwati u proporzjonati***. Jekk l-impriża kkonċernata ma tikkonformax ma' deċiżjoni b'impenji, deċiżjoni li timponi miżuri ta' rimedju, jew deċiżjoni li tordna miżuri interim, jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa li timponi multi u ħlasijiet perjodiċi ta' penali ***ta' valur għoli biżżejjed li jwassal għat-tmiem ta' xi distorsjoni attwali jew potenzjali, biex jkollhom effett deterrent***. |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 27**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (27) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni | (27) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni |

| | |
|---|---|
| korretta u effettiva ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tirrevoka deċiżjoni u tadotta deċiżjoni ġdida, meta d-deċiżjoni tkun ibbażata fuq informazzjoni mhux kompluta, skorretta jew qarrieqa, jew meta impriża taġixxi kontra l-impenji tagħha jew mal-miżuri ta' rimedju imposti. | korretta u effettiva ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tirrevoka deċiżjoni u tadotta deċiżjoni ġdida, meta d-deċiżjoni tkun ibbażata fuq informazzjoni mhux kompluta, skorretta jew qarrieqa, jew meta impriża taġixxi kontra l-impenji tagħha jew mal-miżuri ta' rimedju imposti. ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiġġustifika debitament ir-revoka ta' deċiżjoni u l-ħtieġa li tiġi adottata deċiżjoni ġdida.*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 31**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (31) Taħt il-livelli limitu ta' notifika, il-Kummissjoni ***tista'*** tirrikjedi n-notifika ta' konċentrazzjonijiet potenzjalment sussidjati li kienu għadhom ma ġewx implimentati jew in-notifika ta' offerti potenzjalment sussidjati qabel l-għoti ta' kuntratt pubbliku, jekk tqis li l-konċentrazzjoni jew l-offerta tkun timmerita rieżami ex ante minħabba l-impatt tagħha fl-Unjoni. Il-Kummissjoni ***għandu*** jkollha wkoll il-possibbiltà li twettaq rieżami fuq inizjattiva tagħha stess ta' konċentrazzjonijiet diġà implimentati jew kuntratti pubbliċi li jkunu ngħataw. | (31) Taħt il-livelli limitu ta' notifika, il-Kummissjoni ***jenħtieġ li*** tirrikjedi n-notifika ta' konċentrazzjonijiet potenzjalment sussidjati li kienu għadhom ma ġewx implimentati jew in-notifika ta' offerti potenzjalment sussidjati qabel l-għoti ta' kuntratt pubbliku, jekk tqis li l-konċentrazzjoni jew l-offerta tkun timmerita rieżami ex ante minħabba l-impatt tagħha fl-Unjoni. Il-Kummissjoni ***jenħtieġ li*** jkollha wkoll il-possibbiltà li twettaq rieżami fuq inizjattiva tagħha stess ta' konċentrazzjonijiet diġà implimentati jew kuntratti pubbliċi li jkunu ngħataw. |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 39**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (39) Fl-interess tat-trasparenza u ċ-ċertezza tad-dritt, huwa xieraq li d-deċiżjonijiet kollha adottati mill-Kummissjoni jiġu ppubblikati fl-intier tagħhom jew f'forma mqassra. | (39) Fl-interess tat-trasparenza u ċ-ċertezza tad-dritt, huwa xieraq li d-deċiżjonijiet kollha adottati mill-Kummissjoni jiġu ppubblikati fl-intier tagħhom jew ***tal-anqas*** f'forma mqassra. |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 43**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (43) L-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament mill-Unjoni jenħtieġ li tkun konformi mad-dritt tal-Unjoni, ***mal-Ftehim*** tad-WTO u tkun konsistenti mal-impenji li jkunu saru skont ftehimiet kummerċjali u ta' investiment oħra li l-Unjoni jew l-Istati Membri jkunu partijiet tagħhom. | (43) L-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament mill-Unjoni jenħtieġ li tkun konformi mad-dritt tal-Unjoni, ***mal-Ftehimiet*** tad-WTO u mal-impenji li jkunu saru skont ftehimiet kummerċjali u ta' investiment oħra li l-Unjoni jew l-Istati Membri jkunu partijiet tagħhom. ***Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għall-iżvilupp ta' regoli multilaterali biex jiġu indirizzati s-sussidji distorsivi.*** |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli u l-proċeduri għall-investigazzjoni ta' sussidji barranin li joħolqu distorsjonijiet fis-suq intern u għar-rimedju ta' tali distorsjonijiet. Tali distorsjonijiet jistgħu jinqalgħu fir-rigward ta' kwalunkwe attività ekonomika, u b'mod partikolari f'konċentrazzjonijiet u fi proċeduri ta' akkwist pubbliku. | (1) Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli u l-proċeduri għall-investigazzjoni ta' sussidji barranin li joħolqu distorsjonijiet fis-suq intern u għar-rimedju ta' tali distorsjonijiet ***bil-għan li jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fil-funzjonament tas-suq intern***. Tali distorsjonijiet jistgħu jinqalgħu fir-rigward ta' kwalunkwe attività ekonomika, u b'mod partikolari f'konċentrazzjonijiet u fi proċeduri ta' akkwist pubbliku. |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, sussidju barrani għandu jitqies li jeżisti meta pajjiż terz jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja li tagħti benefiċċju lil impriża involuta f'attività ekonomika fis-suq intern u li tkun limitata, fil-liġi jew fil-fatt, għal impriża jew industrija individwali jew għal diversi impriżi jew industriji. | (1) Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, sussidju barrani ***jew kwalunkwe miżura oħra b'effett ekwivalenti*** għandu jitqies li jeżisti meta pajjiż terz jipprovdi kontribuzzjoni ***jew miżura ta' appoġġ ekonomikament ekwivalenti*** finanzjarja ***jew mhux finanzjarja*** li tagħti benefiċċju lil impriża involuta f'attività ekonomika fis-suq intern u li tkun limitata, fil-liġi jew fil-fatt, għal impriża jew industrija individwali jew għal diversi impriżi jew industriji. |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt a – punt ii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (ii) ir-rinunzja tad-dħul li jkun dovut mod ieħor; ***jew*** | (ii) ir-rinunzja tad-dħul li jkun dovut mod ieħor; |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt a – punt iia (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(iia) drittijiet speċjali jew esklussivi remunerati inadegwatament jew inkella:*** |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) miżura ta' appoġġ li hija ekonomikament ekwivalenti għal kontribuzzjoni finanzjarja:*** |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt b – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) il-kontribuzzjoni finanzjarja pprovduta mill-pajjiż terz għandha tinkludi l-kontribuzzjoni finanzjarja pprovduta: | (b) il-kontribuzzjoni finanzjarja ***jew kwalunkwe miżura ta' appoġġ ekonomikament ekwivalenti*** pprovduta mill-pajjiż terz għandha tinkludi l-kontribuzzjoni finanzjarja ***jew miżura ta' appoġġ ekonomikament ekwivalenti*** pprovduta: |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) il-livell ta' attività ekonomika tal-impriża kkonċernata fis-suq intern; | (d) il-livell ***u l-evoluzzjoni*** ta' attività ekonomika tal-impriża kkonċernata fis-suq intern; |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4a) kwalunkwe miżura mhux finanzjarja oħra b'effett ekwivalenti għal sussidju għall-benefiċjarju.*** |

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Il-Kummissjoni għandha***, fejn ġustifikat,*** tibbilanċja l-effetti negattivi ta' | (1) Il-Kummissjoni għandha tibbilanċja l-effetti negattivi ta' sussidju barrani |

| | |
|---|---|
| sussidju barrani f'termini ta' distorsjoni fis-suq intern bl-effetti pożittivi fuq l-iżvilupp tal-attività ekonomika rilevanti. | f'termini ta' distorsjoni fis-suq intern bl-effetti pożittivi fuq l-iżvilupp tal-attività ekonomika rilevanti***, inklużi l-kontribuzzjonijiet pożittivi għall-objettivi tal-Unjoni.*** |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Sabiex tirrimedja d-distorsjoni fis-suq intern realment jew potenzjalment ikkawżata minn sussidju barrani, il-Kummissjoni tista' timponi miżuri ta' rimedju. L-impriża kkonċernata tista' wkoll toffri impenji. | (1) Sabiex tirrimedja d-distorsjoni fis-suq intern realment jew potenzjalment ikkawżata minn sussidju barrani, il-Kummissjoni tista' timponi miżuri ***adegwati u proporzjonati*** ta' rimedju. L-impriża kkonċernata tista' wkoll toffri impenji ***biex ittemm kemm jista' jkun malajr id-distorsjoni potenzjali jew attwali kkawżata minn sussidju jew benefiċċju ieħor b'effett ekwivalenti***. |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) L-impenji jew il-miżuri ta' rimedju għandhom jirrimedjaw kompletament u effettivament id-distorsjoni kkawżata minn sussidju barrani fis-suq intern. | (2) L-impenji jew il-miżuri ta' rimedju għandhom jirrimedjaw kompletament u effettivament id-distorsjoni kkawżata ***realment jew potenzjalment*** minn sussidju barrani fis-suq intern. |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 3 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) L-impenji jew il-miżuri ta' rimedju | (3) L-impenji jew il-miżuri ta' rimedju jistgħu jikkonsistu ***fost l-oħrajn*** f'dan li |

| | |
|---|---|
| jistgħu jikkonsistu f'dan li ġej: | ġej: |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Il-Kummissjoni tista' timponi rekwiżiti ta' rappurtar u trasparenza. | (4) Il-Kummissjoni tista' timponi rekwiżiti ta' rappurtar u trasparenza ***u ssegwihom***. |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Fejn l-impriża kkonċernata tipproponi li tħallas lura s-sussidju barrani inkluża rata tal-imgħax xierqa, il-Kummissjoni għandha taċċetta dak il-ħlas lura bħala impenn ***jekk*** tista' taċċerta ruħha li l-ħlas lura huwa trasparenti ***u*** effettiv, hija u tieħu kont tar-riskju ta' ċirkomvenzjoni. | (6) Fejn l-impriża kkonċernata tipproponi li tħallas lura s-sussidju barrani inkluża rata tal-imgħax xierqa, il-Kummissjoni għandha taċċetta dak il-ħlas lura bħala impenn ***biss meta*** tista' taċċerta ruħha li l-ħlas lura huwa trasparenti***,*** effettiv ***u jipprovdi rimedju adegwat għad-distorsjoni kkawżata***, hija u tieħu kont tar-riskju ta' ċirkomvenzjoni. |

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fuq inizjattiva tagħha stess, il-Kummissjoni tista' teżamina informazzjoni minn kwalunkwe sors rigward allegati sussidji barranin distorsivi. | Fuq inizjattiva tagħha stess***, jew fuq talba tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti***, il-Kummissjoni tista' teżamina informazzjoni minn kwalunkwe sors rigward allegati sussidji barranin distorsivi ***inkluża informazzjoni rilevanti sostanzjata mill-Istati Membri, assoċjazzjonijiet, impriżi jew sħab soċjali madwar l-Unjoni*** |

| | |
|---|---|
| | *industrijali, tan-negozju jew kummerċjali.* |

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Il-Kummissjoni għandha tfittex l-informazzjoni kollha li tqis neċessarja biex tivvaluta, fuq bażi preliminari, jekk il-kontribuzzjoni finanzjarja taħt eżami tikkostitwix sussidju barrani u jekk toħloqx distorsjoni fis-suq intern. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni tista' b'mod partikolari: | (1) Il-Kummissjoni għandha tfittex l-informazzjoni kollha li tqis neċessarja biex tivvaluta, fuq bażi preliminari, jekk il-kontribuzzjoni finanzjarja ***jew miżura ta' appoġġ ekonomikament ekwivalenti*** taħt eżami tikkostitwix sussidju barrani u jekk toħloqx distorsjoni fis-suq intern. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni tista' b'mod partikolari: |

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) jużaw, fejn xieraq, l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet nazzjonali b'appoġġ għat-talba tagħhom;*** |

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) tinforma lill-impriża ***kkonċernata***; kif ukoll | (b) tinforma lill-impriża ***u lill-Istati Membri kkonċernati***; kif ukoll |

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 − paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Fejn il-Kummissjoni, wara valutazzjoni preliminari, tikkonkludi li ma hemmx raġunijiet suffiċjenti biex tinbeda l-investigazzjoni fil-fond, jew minħabba li ma hemm l-ebda sussidju barrani jew minħabba li ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' distorsjoni reali jew potenzjali fis-suq intern, hija għandha tagħlaq ir-rieżami preliminari ***u*** tinforma lill-impriża kkonċernata. | (3) Fejn il-Kummissjoni, wara valutazzjoni preliminari, tikkonkludi li ma hemmx raġunijiet suffiċjenti biex tinbeda l-investigazzjoni fil-fond, jew minħabba li ma hemm l-ebda sussidju barrani jew minħabba li ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' distorsjoni reali jew potenzjali fis-suq intern, hija għandha tagħlaq ir-rieżami preliminari**,** tinforma lill-impriża kkonċernata ***u lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, u tippublika l-valutazzjoni***. |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) ikun hemm indikazzjonijiet li kontribuzzjoni finanzjarja tikkostitwixxi sussidju barrani u toħloq distorsjoni fis-suq intern; kif ukoll | (1) ikun hemm indikazzjonijiet ***sinifikanti*** li kontribuzzjoni finanzjarja ***jew miżura ta' appoġġ ekonomikament ekwivalenti*** tikkostitwixxi sussidju barrani u toħloq distorsjoni fis-suq intern; kif ukoll |

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2a) Il-miżuri interim għandhom ikunu limitati fiż-żmien. Dawn jistgħu jiġu estiżi fejn tibqa' teżisti l-indikazzjoni ta' effetti ta' distorsjoni jew ir-riskju serju ta' ħsara sostanzjali u irreparabbli għall-kompetizzjoni fis-suq intern.*** |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) li jidħlu fi kwalunkwe bini ***jew*** art tal-impriża kkonċernata; | (a) li jidħlu fi kwalunkwe bini***,*** art ***jew mezzi ta' trasport*** tal-impriża kkonċernata; |

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) ***Fuq talba*** tal-Kummissjoni, Stat Membru għandu jwettaq fit-territorju tiegħu kwalunkwe spezzjoni jew miżura ta' ġbir ta' informazzjoni skont id-dritt nazzjonali tiegħu biex jistabbilixxi jekk hemmx sussidju barrani li joħloq distorsjoni fis-suq intern. | (7) ***Man-notifika*** tal-Kummissjoni, Stat Membru għandu jwettaq fit-territorju tiegħu kwalunkwe spezzjoni jew miżura ta' ġbir ta' informazzjoni skont id-dritt nazzjonali tiegħu biex jistabbilixxi jekk hemmx sussidju barrani li joħloq distorsjoni fis-suq intern. |

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Sabiex twettaq id-dmirijiet li dan ir-Regolament jassenjalha, il-Kummissjoni tista' twettaq spezzjonijiet fit-territorju ta' pajjiż terz, dment li ***l-impriża kkonċernata tkun tat il-kunsens tagħha u li*** l-gvern tal-pajjiż terz ikun ġie nnotifikat uffiċjalment u jkun qabel mal-ispezzjoni. L-Artikoli 12(1), (2) u (3), il-punti (a) u (b) għandhom japplikaw mutatis mutandis. | Sabiex twettaq id-dmirijiet assenjati lilha b'dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tista' twettaq spezzjonijiet fit-territorju ta' pajjiż terz, dment li l-gvern tal-pajjiż terz ikun ġie nnotifikat uffiċjalment u jkun qabel mal-ispezzjoni. L-Artikoli 12(1), (2) u (3), il-punti (a) u (b) għandhom japplikaw mutatis mutandis. |

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Meta impriża kkonċernata, inkluża | (3) Meta impriża kkonċernata, inkluża |

| | |
|---|---|
| impriża pubblika li hija direttament jew indirettament ikkontrollata mill-Istat, tonqos milli tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa biex tiddetermina jekk kontribuzzjoni finanzjarja tikkonferixxix benefiċċju lilha, dik l-impriża tista' titqies li rċeviet tali benefiċċju. | impriża pubblika li hija direttament jew indirettament ikkontrollata mill-Istat, tonqos milli tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa biex tiddetermina jekk kontribuzzjoni finanzjarja ***jew miżura ta' appoġġ ekonomikament ekwivalenti*** tikkonferixxix benefiċċju lilha, dik l-impriża tista' titqies li rċeviet tali benefiċċju. |

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Il-Kummissjoni tista' timponi b'deċiżjoni multi jew ħlasijiet perjodiċi ta' penali meta impriża ***kkonċernata*** jew assoċjazzjoni ta' impriżi, intenzjonalment jew b'negliġenza: (a) | (1) Il-Kummissjoni tista' timponi b'deċiżjoni multi jew ħlasijiet perjodiċi ta' penali meta impriża jew assoċjazzjoni ta' impriżi ***kkonċernata***, intenzjonalment jew b'negliġenza: (a) |

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 5 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Fejn impriża kkonċernata ma tikkonformax ma' deċiżjoni b'impenji skont l-Artikolu 9(3), deċiżjoni li tordna miżuri interim skont l-Artikolu 10 jew deċiżjoni li timponi miżuri ta' rimedju skont l-Artikolu 9(2), il-Kummissjoni tista' timponi permezz ta' deċiżjoni: | (5) Fejn impriża ***jew assoċjazzjoni ta' impriżi*** kkonċernata ma tikkonformax ma' deċiżjoni b'impenji skont l-Artikolu 9(3), deċiżjoni li tordna miżuri interim skont l-Artikolu 10 jew deċiżjoni li timponi miżuri ta' rimedju skont l-Artikolu 9(2), il-Kummissjoni tista' timponi permezz ta' deċiżjoni: |

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 4 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| | ***(aa)	l-impriża konġunta nnifisha jew waħda mill-kumpaniji omm tagħha tkun stabbilita fl-Unjoni u tiġġenera fatturat aggregat fl-Unjoni ta' mill-inqas EUR 250 miljun; kif ukoll*** |

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4)	Jekk l-impriżi kkonċernati jonqsu milli jissodisfaw l-obbligu tagħhom li jinnotifikaw, il-Kummissjoni ***tista'*** tirrieżamina konċentrazzjoni notifikabbli skont dan ir-Regolament billi titlob in-notifika ta' dik il-konċentrazzjoni. F'dak il-każ il-Kummissjoni m'għandhiex tkun marbuta bil-limiti ta' żmien imsemmija fl-Artikolu 23(1) u (4). | (4)	Jekk l-impriżi kkonċernati jonqsu milli jissodisfaw l-obbligu tagħhom li jinnotifikaw, il-Kummissjoni ***għandha*** tirrieżamina konċentrazzjoni notifikabbli skont dan ir-Regolament billi titlob in-notifika ta' dik il-konċentrazzjoni. F'dak il-każ il-Kummissjoni m'għandhiex tkun marbuta bil-limiti ta' żmien imsemmija fl-Artikolu 23(1) u (4). |

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 29 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4)	Il-Kummissjoni tista' tadotta deċiżjoni li tagħlaq l-investigazzjoni fil-fond mhux aktar tard minn ***200*** jum wara li tkun irċeviet in-notifika. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, dan il-limitu ta' żmien jista' jiġi estiż wara konsultazzjoni mal-awtorità kontraenti jew entità kontraenti kkonċernata. | (4)	Il-Kummissjoni tista' tadotta deċiżjoni li tagħlaq l-investigazzjoni fil-fond mhux aktar tard minn ***120*** jum wara li tkun irċeviet in-notifika. |

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| (7) Il-prinċipji li jirregolaw l-akkwist pubbliku, inklużi l-proporzjonalità, in-nondiskriminazzjoni, it-trattament ugwali, ***u*** t-trasparenza, għandhom jiġu osservati fir-rigward tal-impriżi kollha involuti fil-proċedura ta' akkwist pubbliku. L-investigazzjoni ta' sussidji barranin skont dan ir-Regolament m'għandhiex tirriżulta f'li l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti tittratta lill-impriża kkonċernata b'mod li jmur kontra dawk il-prinċipji. | (7) Il-prinċipji li jirregolaw l-akkwist pubbliku, inklużi l-proporzjonalità, in-nondiskriminazzjoni, it-trattament ugwali***,*** it-trasparenza***, u l-konformità mal-obbligi relatati mad-diliġenza dovuta applikabbli, il-liġi u l-istandards ambjentali, soċjali u tal-impjieg, u l-governanza***, għandhom jiġu osservati fir-rigward tal-impriżi kollha involuti fil-proċedura ta' akkwist pubbliku. L-investigazzjoni ta' sussidji barranin skont dan ir-Regolament m'għandhiex tirriżulta f'li l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti tittratta lill-impriża kkonċernata b'mod li jmur kontra dawk il-prinċipji. |

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 33 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Kontribuzzjoni finanzjarja notifikata fil-kuntest ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 19 tista' tkun rilevanti u vvalutata mill-ġdid fir-rigward ta' attività ekonomika oħra. | (1) Kontribuzzjoni finanzjarja notifikata fil-kuntest ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 19 tista' tkun rilevanti u vvalutata mill-ġdid ***skont dan ir-Regolament*** fir-rigward ta' attività ekonomika oħra. |

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 33 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Kontribuzzjoni finanzjarja notifikata fil-kuntest ta' proċedura ta' akkwist pubbliku skont l-Artikolu 28 tista' tkun rilevanti u vvalutata mill-ġdid fir-rigward ta' attività ekonomika oħra. | (2) Kontribuzzjoni finanzjarja notifikata fil-kuntest ta' proċedura ta' akkwist pubbliku skont l-Artikolu 28 tista' tkun rilevanti u vvalutata mill-ġdid ***skont dan ir-Regolament*** fir-rigward ta' attività ekonomika oħra. |

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 34 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Fejn l-informazzjoni disponibbli tissostanzja suspett raġonevoli li s-sussidji barranin f'settur partikolari, għal tip partikolari ta' attività ekonomika jew abbażi ta' strument ta' sussidju partikolari jistgħu joħolqu distorsjoni fis-suq intern, il-Kummissjoni tista' twettaq investigazzjoni tas-suq fis-settur partikolari, it-tip ta' attività ekonomika partikolari jew l-użu tal-istrument ta' sussidju kkonċernat. Matul dik l-investigazzjoni tas-suq, il-Kummissjoni tista' titlob lill-impriżi jew lill-assoċjazzjonijiet ta' impriżi kkonċernati biex jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa u tista' twettaq l-ispezzjonijiet meħtieġa. Il-Kummissjoni tista' titlob ukoll lill-Istat Membru jew lill-pajjiż terz ikkonċernat biex jipprovdi informazzjoni. | (1) Fejn l-informazzjoni disponibbli tissostanzja suspett raġonevoli li s-sussidji barranin f'settur partikolari, għal tip partikolari ta' attività ekonomika jew abbażi ta' strument ta' sussidju partikolari jistgħu joħolqu distorsjoni fis-suq intern, il-Kummissjoni tista' twettaq investigazzjoni tas-suq fis-settur partikolari, it-tip ta' attività ekonomika partikolari jew l-użu tal-istrument ta' sussidju kkonċernat. Matul dik l-investigazzjoni tas-suq, il-Kummissjoni tista' titlob lill-impriżi jew lill-assoċjazzjonijiet ta' impriżi kkonċernati biex jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa u tista' twettaq l-ispezzjonijiet meħtieġa. Il-Kummissjoni tista' titlob ukoll lill-Istat Membru jew lill-pajjiż terz ikkonċernat biex jipprovdi informazzjoni*, **jew jikkonsulta lill-assoċjazzjonijiet kummerċjali tal-Istati Membri u lis-sħab soċjali madwar l-Unjoni***. |

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 34 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Il-Kummissjoni ***tista'*** tippubblika rapport dwar ir-riżultati tal-investigazzjoni tas-suq tagħha f'setturi partikolari, tipi partikolari ta' attività ekonomika jew strumenti partikolari ta' sussidju u tistieden kummenti minn partijiet interessati. | (2) Il-Kummissjoni ***għandha*** tippubblika rapport dwar ir-riżultati tal-investigazzjoni tas-suq tagħha f'setturi partikolari, tipi partikolari ta' attività ekonomika jew strumenti partikolari ta' sussidju u tistieden kummenti minn partijiet interessati. |

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 44 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati għall-finijiet ta': | (1) Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati għall-finijiet ta': |
| ***(a) l-emendar tal-limiti għan-notifiki kif stabbilit fl-Artikoli 18 u 27, fid-dawl tal-prattika tal-Kummissjoni matul l-ewwel ħames snin tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, u b'kont meħud tal-effettività tal-applikazzjoni;*** | |
| ***(b) l-eżenzjoni ta' ċerti kategoriji ta' impriżi kkonċernati mill-obbligu ta' notifika skont l-Artikoli 19 u 28, fid-dawl tal-prattika tal-Kummissjoni fl-ewwel ħames snin tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, f'każ li din il-prattika tippermetti li jiġu identifikati attivitajiet ekonomiċi fejn is-sussidji barranin x'aktarx ma jfixklux is-suq intern;*** | |
| ***(c) l-emendar tal-iskedi ta' żmien għal rieżami u investigazzjonijiet fil-fond kif stabbilit fl-Artikoli 24 u 29.*** | |

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 44 – paragrafu 1 – punt -a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-a) l-ispeċifikazzjoni tad-definizzjoni ta' "kontribuzzjoni finanzjarja", id-definizzjoni ta' "miżura ta' appoġġ ekonomikament ekwivalenti", kif ukoll l-istabbiliment ta' kriterji għall-identifikazzjoni ta' azzjonijiet li jistgħu jiġu attribwiti lil pajjiżi terzi kif imsemmi fl-Artikolu 2;*** |

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| | ***(-aa) l-integrazzjoni tal-indikaturi stabbiliti għad-determinazzjoni ta' sussidji distorsivi fis-suq uniku kif imsemmi fl-Artikolu 3;*** |

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 44 – paragrafu 1 – punt ab (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-ab) l-ispeċifikazzjoni tal-metodoloġija sottostanti għall-valutazzjoni tal-ibbilanċjar, u b'mod partikolari għad-determinazzjoni tal-effetti pożittivi, kif ukoll il-kriterji biex jingħelbu l-effetti negattivi u pożittivi, imsemmija fl-Artikolu 5;*** |

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 44 – paragrafu 1 – punt ac (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-ac) għall-fini tal-adozzjoni ta' miżuri interim, li jispeċifikaw metodoloġija biex jiġi ddeterminat li fis-suq intern jinħoloq riskju serju ta' dannu sostanzjali u irreparabbli għall-kompetizzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 10;*** |

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 46 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Sa mhux aktar tard minn ***ħames*** snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, | Sa mhux aktar tard minn ***tliet*** snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, |

| | |
|---|---|
| akkumpanjat, fejn il-Kummissjoni tqis li jkun xieraq, minn proposti leġiżlattivi rilevanti. | akkumpanjat, fejn il-Kummissjoni tqis li jkun xieraq, minn proposti leġiżlattivi rilevanti. |

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Sussidji barranin li joħolqu distorsjoni fis-suq intern |
| **Referenzi** | COM(2021)0223 – C9-0167/2021 – 2021/0114(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | INTA<br>7.6.2021 |
| **Opinjoni(jiet) mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | JURI<br>7.6.2021 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Gilles Lebreton<br>14.6.2021 |
| **Eżami fil-kumitat** | 10.1.2022 28.2.2022 |
| **Data tal-adozzjoni** | 28.3.2022 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 15<br>–: 3<br>0: 1 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Pascal Arimont, Manon Aubry, Gunnar Beck, Ilana Cicurel, Geoffroy Didier, Pascal Durand, Angel Dzhambazki, Jean-Paul Garraud, Sergey Lagodinsky, Gilles Lebreton, Maria-Manuel Leitão-Marques, Sabrina Pignedoli, Jiří Pospíšil, Raffaele Stancanelli, Adrián Vázquez Lázara, Axel Voss, Marion Walsmann, Tiemo Wölken, Lara Wolters |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Patrick Breyer, Daniel Buda, Antonius Manders, Emil Radev, Nacho Sánchez Amor, Yana Toom |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 15 | + |
|---|---|
| PPE | Pascal Arimont, Geoffroy Didier, Antonius Manders, Jiří Pospíšil, Emil Radev, Axel Voss, Marion Walsmann |
| Renew | Yana Toom |
| Verts/ALE | Patrick Breyer, Sergey Lagodinsky |
| ID | Jean-Paul Garraud, Gilles Lebreton |
| ECR | Raffaele Stancanelli |
| The Left | Manon Aubry |
| NI | Sabrina Pignedoli |

| 3 | - |
|---|---|
| Renew | Ilana Cicurel, Pascal Durand, Adrián Vázquez Lázara |

| 1 | 0 |
|---|---|
| ID | Gunnar Beck |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

# PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Titolu** | Sussidji barranin li joħolqu distorsjoni fis-suq intern | | | |
| **Referenzi** | COM(2021)0223 – C9-0167/2021 – 2021/0114(COD) | | | |
| **Data meta ġiet ippreżentata lill-PE** | 6.5.2021 | | | |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | INTA<br>7.6.2021 | | | |
| **Kumitati mitluba jagħtu opinjoni**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | DEVE<br>7.6.2021 | ECON<br>7.6.2021 | EMPL<br>7.6.2021 | IMCO<br>7.6.2021 |
| | JURI<br>7.6.2021 | | | |
| **Opinjoni(jiet) mhux mogħtija**<br>Data tad-deċiżjoni | DEVE<br>26.5.2021 | EMPL<br>27.5.2021 | | |
| **Kumitati assoċjati**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ECON<br>25.11.2021 | IMCO<br>25.11.2021 | | |
| **Rapporteurs**<br>Data tal-ħatra | Christophe Hansen<br>14.7.2021 | | | |
| **Eżami fil-kumitat** | 25.10.2021 | 25.1.2022 | 14.3.2022 | |
| **Data tal-adozzjoni** | 25.4.2022 | | | |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +:<br>–:<br>0: | 42<br>0<br>0 | | |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Barry Andrews, Anna-Michelle Asimakopoulou, Tiziana Beghin, Geert Bourgeois, Saskia Bricmont, Markus Buchheit, Udo Bullmann, Jordi Cañas, Daniel Caspary, Arnaud Danjean, Paolo De Castro, Emmanouil Fragkos, Raphaël Glucksmann, Markéta Gregorová, Roman Haider, Christophe Hansen, Heidi Hautala, Danuta Maria Hübner, Karin Karlsbro, Danilo Oscar Lancini, Bernd Lange, Gabriel Mato, Sara Matthieu, Emmanuel Maurel, Carles Puigdemont i Casamajó, Samira Rafaela, Catharina Rinzema, Inma Rodríguez-Piñero, Massimiliano Salini, Ernő Schaller-Baross, Sven Simon, Dominik Tarczyński, Mihai Tudose, Kathleen Van Brempt, Marie-Pierre Vedrenne, Jörgen Warborn, Iuliu Winkler, Jan Zahradil, Juan Ignacio Zoido Álvarez | | | |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Marco Campomenosi, Agnes Jongerius, Javier Moreno Sánchez | | | |
| **Data tat-tressiq** | 28.4.2022 | | | |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| 42 | + |
|---|---|
| ECR | Geert Bourgeois, Emmanouil Fragkos, Dominik Tarczyński, Jan Zahradil |
| ID | Markus Buchheit, Marco Campomenosi, Roman Haider, Danilo Oscar Lancini |
| NI | Tiziana Beghin, Carles Puigdemont i Casamajó, Ernő Schaller-Baross |
| PPE | Anna-Michelle Asimakopoulou, Daniel Caspary, Arnaud Danjean, Christophe Hansen, Danuta Maria Hübner, Gabriel Mato, Massimiliano Salini, Sven Simon, Jörgen Warborn, Iuliu Winkler, Juan Ignacio Zoido Álvarez |
| Renew | Barry Andrews, Jordi Cañas, Karin Karlsbro, Samira Rafaela, Catharina Rinzema, Marie-Pierre Vedrenne |
| S&D | Udo Bullmann, Paolo De Castro, Raphaël Glucksmann, Agnes Jongerius, Bernd Lange, Javier Moreno Sánchez, Inma Rodríguez-Piñero, Mihai Tudose, Kathleen Van Brempt |
| The Left | Emmanuel Maurel |
| Verts/ALE | Saskia Bricmont, Markéta Gregorová, Heidi Hautala, Sara Matthieu |

| 0 | - |
|---|---|
| | |

| 0 | 0 |
|---|---|
| | |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni